ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 170

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

29 ta' Ġunju 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

2012/321/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2012 dwar il-miżura SA.14588 (C 20/09) implimentata mill-Belġju favur De Post — La Poste (issa "bpost")** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 178)* (1) . . . . . . . . 1

**Prezz: EUR 3**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-25 ta' Jannar 2012**

**dwar il-miżura SA.14588 (C 20/09) implimentata mill-Belġju favur De Post — La Poste (issa "bpost")**

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 178)*

**(It-testi bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/321/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom skont dawk l-Artikoli ([2]) u wara li qieset dawn l-osservazzjonijiet,

billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI TAL-2003 ANNULLATA MILL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA

(1) Fit-3 ta' Diċembru 2002, l-awtoritajiet Belġjani nnotifikaw ([3]) lill-Kummissjoni żieda fil-kapital favur l-operatur postali Belġjan De Post – La Poste (minn hawn 'il quddiem "DPLP", issa "bpost" ([4])). Wara analiżi preliminari, fit-23 ta' Lulju 2003 ([5]) il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżura notifikata. Fid-Deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni stabbiliet li din l-injezzjoni tal-kapital, bħall-miżuri l-oħrajn favur DPLP elenkati waqt l-investigazzjoni preliminari, ma kinitx tinvolvi kumpens żejjed għall-ispejjeż netti li kellha l-intrapriża waqt it-twettiq tal-missjonijiet tagħha ta' servizz pubbliku mill-1992 sal-2002.

(2) Fis-27 ta' Novembru 2003, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza minn Deutsche Post AG u s-sussidjarja Belġjana tagħha, DHL International ([6]). Fl-10 ta' Frar 2009, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, u kkonkludiet li din kienet iddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjoni minkejja l-eżistenza ta' diffikultajiet serji li kellhom iwassluha biex tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

(3) F'April 2009, il-Belġju ppreżenta appell ([7]) (C-148/2009) fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-annullament mill-Qorti tal-Prim'Istanza, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2003 li ma tqajjimx oġġezzjonijiet.

(4) Fit-22 ta' Settembru 2011, il-Qorti rrifjutat l-appell magħmul mill-Belġju, u stabbiliet li l-Qorti Ġenerali kienet annullat minħabba d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2003.

#### 1.2. ILMENT DWAR L-GĦAJNUNA GĦAD-DISTRIBUZZJONI TAL-ISTAMPA

(5) Fl-2005, għadd ta' distributuri privati tal-istampa Belġjani ppreżentaw ilment ([8]), kemm taħt ir-regoli tal-kartelli kif ukoll tal-għajnuna mill-Istat, kontra ftehim dwar distribuzzjoni tal-istampa miftiehma bejn l-awtoritajiet

([1]) Mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u l-108 rispettivament tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Fiż-żewġ każijiet, id-dispożizzjonijiet huma, sostanzjalment, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi li jsiru għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE jinftiehmu, jekk ikun meħtieġ, bħala magħmula rispettivament għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE.

([2]) ĠU C 176, 29.7.2009, p. 17.

([3]) Il-Każ Nru N 763/02.

([4]) Mill-1 ta' Settembru 2010 [http://www.bpost.be/site/fr/postgroup/bpost/intro/index.html].

([5]) C(2003) 2508 finali, ĠU C 241, 8.10.2003, p. 13.

([6]) Is-Sentenza tal-10 ta' Frar 2009 fil-Każ T-388/03, Deutsche Post u DHL International v il-Kummissjoni, (Ġabra 2009, p. II-199).

([7]) Is-Sentenza tat-22 ta' Settembru 2011 fil-Każ C-148/09 P, il-Belġju v Deutsche Post AG u DHL International, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

([8]) Il-Każ Nru CP 218/2005.

Belġjani u DPLP. Dan il-ftehim jafda lil DPLP bil-missjoni ta' servizz pubbliku ta' distribuzzjoni tal-istampa mal-Belġju kollu u jistabbilixxi t-tariffi ta' dan is-servizz kif ukoll il-kumpens li għandu dritt għalih DPLP minħabba spejjeż addizzjonali li jinvolvi t-twettiq ta' din il-missjoni. L-ilment prinċipalment jirrigwarda t-tariffi tas-servizzi offruti minn DPLP, li l-kwerelanti jaffermaw li huma tant baxxi li effettivament jeskludu kull attentat ta' kompetizzjoni.

(6) Fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat, is-servizzi tal-Kummissjoni rrifjutaw l-ilment, peress li l-eżami preliminari ppermettiet li jintwera n-nuqqas ta' kumpens żejjed tal-ispejjeż netti addizzjonali kkawżati minn dan is-servizz pubbliku. F'Mejju 2009, madankollu, il-kwerelanti kkuntestaw din il-pożizzjoni preliminari, ipprovdew informazzjoni supplimentari u talbu lill-Kummissjoni biex tibda investigazzjoni fil-fond.

### 1.3. IR-RABA' "KUNTRATT TA' ĠESTJONI" (2005-2010)

(7) L-eżami tal-ilment dwar il-kumpens mogħti għad-distribuzzjoni tal-istampa ppermetta lill-Kummissjoni tiskopri li fl-2005, il-Belġju kien laħaq ftehim dwar "kuntratt ta' ġestjoni" mhux innotifikat ma' DPLP, li kien jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI, services of general economic interest). Il-Kummissjoni għalhekk fetħet każ ex officio ([1]) u indirizzat talba għal informazzjoni lill-Belġju f'April 2007.

(8) F'Diċembru 2007, l-awtoritajiet Belġjani wieġbu li huma jqisu li l-kumpens tal-SGEI ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat peress li kull waħda mill-erba' kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Altmark ([2]) ġiet sodisfatta. Huma kkomunikaw ukoll informazzjoni dwar ir-raba' kuntratt ta' ġestjoni, u b'mod speċjali dwar is-sistema ta' kontabilità analitika użata għall-finijiet tal-kalkolu tal-kumpens imħallas mill-Istat.

(9) Konsegwentement, il-miżuri previsti mill-każ ex officio u l-ilmenti ġew inklużi fil-proċedura ta' investigazzjoni formali C20/09 li nbdiet fit-23 ta' Lulju 2009.

### 1.4. ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(10) Wara li kkunsidrat l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2003 mill-Qorti Ġenerali, u wara li eżaminat l-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet Belġjani dwar il-miżuri inkwistjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet, fit-13 ta' Lulju 2009, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE ([3]).

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom.

### 1.5. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(12) L-awtoritajiet Belġjani ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom fit-13 ta' Awwissu 2009 u ssupplimentawhom b'osservazzjonijiet oħrajn fl-10 ta' Settembru 2009, fit-12 ta' Ottubru 2009, fit-23 ta' April 2010, fis-26 ta' Apil 2010, fid-19 ta' Ottubru 2010, fid-19 ta' Novembru 2010, fil-21 ta' Diċembru 2010, fit-18 ta' Jannar 2011, fis-17 ta' Frar 2011, fit-2 ta' Marzu 2011, fid-29 ta' Marzu 2011, fil-11 ta' April 2011, fl-10 ta' Mejju 2011, fis-27 ta' Mejju 2011, fl-14 ta' Ġunju 2011, fl-10 ta' Awwissu 2011, fis-26 ta' Awwissu 2011, fis-7 ta' Ottubru 2011, fl-14 ta' Diċembru 2011, fid-19 ta' Diċembru 2011, fl-20 ta' Diċembru 2011 u fis-26 ta' Diċembru 2011. Huma indikaw li għamlu appell fit-22 ta' April 2009 kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2009 u pprovdew dettalji preċiżi dwar il-kumpens tas-servizzi pubbliċi u miżuri oħrajn *ad hoc* favur DPLP.

### 1.6. L-OSSERVAZZJONIJIET TA' PARTIJIET TERZI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ U L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET TERZI

(13) Deutsche Post AG u DHL International N.V./S.A. ippreżentaw osservazzjonijiet fit-28 ta' Awwissu 2009.

(14) Vlaamse Federatie van Persverspreiders ("minn issa 'l quddiem VFP", il-federazzjoni Fjamminga tad-distributuri tal-istampa) u Prodipresse ("l-Unjoni tal-professjonisti tad-distribuzzjoni tal-istampa") ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fit-28 ta' Awwissu 2009.

(15) Il-Belgische Distributiedienst B.V.B.A ("minn issa 'l quddiem BD", kompetitur ta' DPLP fis-suq tad-distribuzzjoni tal-istampa) ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fit-28 ta' Awwissu 2009.

(16) L-Assoċjazzjoni Belġjana tal-edituri tal-gazzetti ta' kuljum A.S.B.L., ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fit-28 ta' Awwissu 2009.

## 2. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA**

### 2.1. L-ISTATUS LEGALI U L-ATTIVITAJIET TA' DPLP

(17) Il-Posta Belġjana kienet aġenzija Statali ("") sal-1992, meta ġiet inkorporata bħala entità legali separata ("intrapriża pubblika awtonoma"). Fis-sena 2000, din biddlet l-istatus legali tagħha biex issir "kumpanija pubblika limitata".

(18) Fl-2010, DPLP kiseb dħul operattiv ta' EUR 2 318 miljun u profitt operattiv ta' EUR 319-il miljun. Fl-aħħar tal-2010, dan kien jimpjega 33 616 persuna. Bħala paragun, fl-2002 kellu 42 000 impjegat. L-ispejjeż tal-persunal kienu jirrappreżentaw 65 % tal-ispejjeż operattivi totali tiegħu.

([1]) Il-Każ Nru CP 100/2007.

([2]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-24 ta' Lulju 2003, fil-Każ C-280-00, Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg v Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH, (Ġabra 2003, p. I-07747)

([3]) ĠU C 176, 29.7.2009, p. 17.

(19) Sehem minoritarju ta' 50 % nieqes sehem wieħed inżamm mill-investitur privat CVC Capital Partners. L-Istat Belġjan huwa azzjonista maġġoritarju.

2.2. SOMMARJU TAL-MIŻURI PUBBLIĊI INKWISTJONI

2.2.1. **Il-missjonijiet tas-servizz pubbliku matul il-perjodu 1992-2010**

(20) DPLP ġie nkarigat b'missjonijiet ta' servizz pubbliku permezz tal-liġi postali ([1]) u erba' kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi matul il-perjodu kollu previst mill-investigazzjoni, jiġifieri mill-1992 sal-2010.

2.2.1.1. *L-obbligi tas-servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratti ta' ġestjoni*

(21) Il-kuntratti ta' ġestjoni jistipulaw ir-regoli u l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-kompiti li jwettaq DPLP fil-qafas tat-twettiq tal-attivitajiet tiegħu ta' interess pubbliku u jistabbilixxu l-intervent finanzjarju tal-Istat Belġjan.

(22) Mit-twaqqif tiegħu fl-1992, DPLP iffirma erba' kuntratti ta' ġestjoni mal-Istat Belġjan li jkopru l-perjodi li ġejjin ([2]):

1. l-ewwel kuntratt: mill-14.9.1992 sal-31.12.1996;
2. it-tieni kuntratt: mill-1.1.1997 sat-23.9.2002;
3. it-tielet kuntratt: mill-24 ta' Settembru 2002 sat-23.9.2005;
4. ir-raba' kuntratt: mill-24.9.2005 sat-23.9.2010; kuntratt estiż sakemm isir kuntratt ġdid.

(23) Il-kuntratti ta' ġestjoni jistabbilixxu l-lista tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku. Il-missjonijiet ta' servizz pubbliku previsti mill-Istat Belġjan fil-kuntratt ta' ġestjoni attwali huma dawn li ġejjin ([3]):

Servizzi postali

(i) Servizz postali universali

(ii) Distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum

(iii) Distribuzzjoni ta' perjodiċi

(iv) Distribuzzjoni ta' formoli elettorali

(v) Tariffi speċjali għall-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ

(vi) Kunsinna tal-ittri soġġetti għas-sistema ta' posta bla ħlas (posta rjali u posta oħra speċjali)

(vii) Servizzi postali internazzjonali

(viii) Tqassim ta' pakketti internazzjonali

Servizzi finanzjarji

(ix) Depożiti ta' flus kontanti f'kont kurrenti postali

(x) Ħruġ ta' *postal orders*

(xi) Pagament id-dar tal-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti u tal-allowances għall-persuni b'diżabbiltà

(xii) Pagament ta' rati tal-attendenza waqt l-elezzjonijiet

(xiii) Kontabilità ta' fondi u titoli għall-multi tat-traffiku

(xiv) Servizzi relatati mal-liċenzji tas-sajd

Bejgħ ta' bolol

(xv) Bejgħ ta' bolol

Servizzi pubbliċi oħrajn

(xvi) Ir-rwol soċjali tal-pustier

(xvii) Informazzjoni adegwata għall-pubbliku

(xviii) Stampar u kunsinna tal-posta elettronika

(xix) Servizzi ta' ċertifikazzjoni tal-messaġġi

(xx) Servizzi pprovduti għall-kontabbiltà tal-Istat

(xxi) Ħlas ta' bolol fiskali u ta' multi

(xxii) Kooperazzjoni fid-distribuzzjoni tal-pakketti tal-karti tal-vot

2.2.2. **Miżuri pubbliċi msemmija fl-investigazzjoni**

(24) Mill-1992 sal-2010, DPLP ibbenefika minn appoġġ pubbliku fl-għamla ta' miżuri differenti:

1. ir-responsabbiltà għall-pensjonijiet: wara r-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet li saret fl-1997, l-Istat ħeles lil DPLP mill-obbligazzjonijiet tiegħu akkumulati fir-rigward tal-pensjonijiet li kienu jammontaw għal EUR 3,8 biljun;
2. kumpens annwali għall-ispejjeż tat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku ([4]), li b'kollox jammonta għal EUR 5,2 biljun għall-perjodu 1992-2010;
3. injezzjonijiet ta' kapital: tnejn fl-1997 (EUR 62 miljun), waħda fl-2003 (EUR 297,5 miljun) u waħda fl-2006 (EUR 40 miljun);
4. eżenzjonijiet mit-taxxi: eżenzjoni mit-taxxa korporattiva, mit-taxxa fuq il-proprjetà u minn taxxi oħrajn indiretti u lokali;

([1]) Il-Liġi tal-21 ta' Marzu 1991 li tirriforma ċerti intrapriżi pubbliċi ekonmiċi.

([2]) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija relatata mal-erba' kuntratti ta' ġestjoni, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor.

([3]) Kapitolu 2("Kompiti ta' servizz pubbliku") tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni, l-Artikoli 2 sa 8. Disponibbli fl-indirizz li ġej: http://www.bpost.be/site/fr/docs/corporate_governance/4e_contratgestion_fr.pdf. Fl-ewwel tliet kuntratti ta' ġestjoni, il-kompiti ta' servizz pubbliku fdati lil DPLP huma essenzjalment identiċi, minkejja differenzi żgħar li jikkonċernaw il-lingwaġġ u t-tqassim fi gruppi tal-kompiti.

([4]) Ara l-premessa 33.

5. trasferiment ta' proprjetà immobbli: fl-1992, 63 proprjetà immobbli b'valur ta' EUR 112,2 miljun ġew trasferiti lil DPLP;

6. garanzija mogħtija mill-Istat fl-2004, għal primjum ta' 0,25 % għal self ta' EUR 100 miljun.

2.2.2.1. *Ir-responsabbiltà għall-pensjonijiet*

(25) Fl-1992, ir-Régie des postes inbidlet bil-liġi f'intrapriża pubblika awtonoma magħrufa bħala "De Post-La Poste". DPLP, fil-kapaċità tiegħu ta' suċċessur legali tar-Régie des postes, ħa l-pussess tal-assi u l-persunal tagħha. Din il-bidla ġabet magħha separazzjoni sinifikanti fir-rigward tal-mudell kummerċjali:

1. għall-kuntrarju tar-Régie des postes, immexxija minn u taħt l-awtorità u t-tmexxija tal-Ministru kompetenti, DPLP minn issa 'l quddiem kien immexxi mill-Bord Amministrattiv u l-kumitat ta' ġestjoni tiegħu, filwaqt li l-gvern żamm biss setgħa superviżorja għall-finijiet ta' konformità mal-liġi u mal-kuntratt ta' ġestjoni [1];

2. DPLP kien, fil-prinċipju, responsabbli għall-bilanċ finanzjarju tiegħu stess, filwaqt li l-baġit annwali tar-Régie des postes s'issa kien stabbilit mill-Ministru kompetenti, li kien jissottomettih bħala anness għall-baġit tal-ministeru tiegħu stess għall-approvazzjoni mill-Parlament.

(26) Hekk, fl-1992, DPLP ħa taħtu 43 747 uffiċjal, kif ukoll il-protezzjoni legali li dawn kienu jgawdu minnha fir-rigward tas-sigurtà tal-impjieg, tal-pensjoni u tar-remunerazzjoni (l-Artikolu 33 tal-Liġi tal-21 ta' Marzu 1991).

(27) Fl-2008, DPLP kien għadu jimpjega madwar 23 500 impjegat statutorju (li l-istatus tagħhom kien simili għal dak tal-uffiċjali), li jirrappreżentaw kważi żewġ terzi mill-persunal kollu, kif jidher hawn taħt.

*Tabella 1*

**Sistemi ta' impjieg f'DPLP**




(1) As shown in social report 2008 (FTE: ekwivalenti għal full-time)
(2) […] (sigriet kummerċjali)
*Sors:* L-Awtoritajiet Belġjani

(28) Bejn l-1972 u l-1996, il-pensjonijiet kienu jitħallsu skont sistema ta' pagament progressiv (pay-as-you-go). Skont din is-sistema, DPLP kien iħallas lura lill-Istat l-ammont tal-pensjonijiet imħallsa minnu lill-uffiċjali rtirati [2] għad-drittijiet għall-pensjoni li kienu akkumulaw mill-1972, sena li matulha l-Posta Belġjana saret entità ta' kontabilità separata fi ħdan l-Istat (Régie des postes).

(29) Ma saret l-ebda modifikazzjoni fis-sistema ta' finanzjament tal-pensjonijiet sar-riforma tal-pensjonijiet fl-1997. Din ir-riforma kienet tikkonsisti fl-armonizzazzjoni tas-sistema tal-pensjonijiet tal-ewwel pilastru applikabbli għall-persunal statutorju ta' DPLP mas-sistema tas-settur privat: sa mill-1997, DLPL kellu jħallas lill-ONSS (l-Uffiċċju Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali) kontribuzzjoni għall-pensjonijiet li kienet tammonta għal 8,86 % tal-pagi.

(1) L-Artikolu 7(1) tal-Liġi tas-6 ta' Lulju 1971 li tistabbilixxi r-Régie des Postes: "Ir-Régie hija rappreżentata u mmexxija mill-Ministru li għandu s-servizz Postali u tal-ġiro ċekkijiet fil-mandat tiegħu. Dan il-Ministru għandu l-kapaċità li jwettaq l-atitvitajiet ta' ġestjoni kollha".
(2) Skont l-Artikolu 21 tal-Liġi tas-6 ta' Lulju 1971, li waqqfet ir-Régie des Postes, diġà msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

(30) Fl-istess ħin, l-Istat aċċetta li jieħu f'idejh ir-responsabbiltajiet tal-pensjonijiet akkumulati minn DPLP, li kienu jammontaw għal EUR 3,8 biljun.

2.2.2.2. *Kumpens annwali tal-ispiża tat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku*

(31) Kull kuntratt kien jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens annwali mill-Istat bl-għan li jitwettqu l-missjonijiet ta' servizz pubbliku stabbiliti f'dak il-kuntratt.

(32) Fl-ewwel tliet kuntratti, il-kumpens kien stabbilit fuq il-bażi tad-differenza attwali bejn l-infiq u d-dħul mill-missjonijiet ta' servizz pubbliku. Ir-raba' kuntratt ta' ġestjoni jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens fiss ikkalkolat fuq il-bażi tad-differenza antiċipata bejn l-ispiża mġarrba minn DPLP u d-dħul iġġenerat mill-utenti tas-servizzi pubbliċi, kumpens li madankollu huwa soġġett għal limitu stabbilit fil-kuntratti ta' ġestjoni ([1]).

(33) Is-servizzi pubbliċi li għalihom DPLP huwa awtorizzat li jirċievi kumpens mill-Istat, b'konformità mal-kuntratt ta' ġestjoni attwali ([2]), huma dawn li ġejjin:

Servizzi postali

(ii) Distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum

(iii) Distribuzzjoni ta' perjodiċi

(iv) Distribuzzjoni tal-pubblikazzjonijiet elettorali

(v) Tariffi speċjali għall-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ

(vi) Kunsinna tal-ittri soġġetti għas-sistema ta' posta bla ħlas (posta rjali u posta speċjali oħra)

Servizzi finanzjarji

(ix) Depożitu ta' flus kontanti f'kont kurrenti postali

(x) Ħruġ ta' *postal orders*

(xi) Pagament id-djar tal-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti u tal-allowances għall-persuni b'diżabbiltà

(xiii) Kontabilità ta' fondi u titoli ta' multi tat-toroq

(xiv) Servizzi relatati mal-liċenzji tas-sajd

Bejgħ ta' bolol

(xv) Bejgħ ta' bolol

Servizzi pubbliċi oħrajn

(xvi) Ir-rwol soċjali tal-pustier

(xx) Servizzi pprovduti għall-kontabbiltà tal-Istat

(xxi) Debitu ta' bolol tat-taxxa u multi

Id-distribuzzjoni tal-istampa tikkonsisti f'missjoni separata mis-servizz universali

(34) Jeħtieġ li jiġi nnutat li s-servizz postali universali ma jistax jagħti lok għal kumpens b'mod konformi mal-aħħar tliet kuntratti ta' ġestjoni ([3]). Għalkemm id-distribuzzjoni tal-istampa ġeneralment tista' tidħol fil-qafas tas-servizz universali, b'konformità mad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar ir-regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz ([4]), il-missjonijiet speċifiċi (id-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum u tal-perjodiċi) li għandhom jagħtu lok għal kumpens skont il-kuntratti ta' ġestjoni ġew definiti mill-awtoritajiet Belġjani skont kriterji li jiddistingwuhom mis-servizz postali universali. Dawn il-kriterji huma (1) l-għanijiet tal-missjoni, li jmorru lil hinn mill-għanijiet tas-servizz universali, (2) il-kundizzjonijiet speċifiċi elenkati f'dawn il-kuntratti u (3) id-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-ipprezzar, li huma differenti minn dawk applikabbli għall-ipprezzar tas-servizz universali.

(35) Għanijiet tal-missjoni: l-awtoritajiet Belġjani jqisu li huwa partikolarment importanti li tkun żgurata distribuzzjoni mifruxa tal-midja stampata fit-territorju Belġjan kollu sabiex jikber il-livell ta' informazzjoni u d-diversità tal-opinjonijiet u titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fid-dibattitu politiku.

(36) Il-kuntratt jistabbilixxi kundizzjonijiet operattivi speċifiċi: is-servizz speċifiku tad-distribuzzjoni tal-istampa, impost fuq DPLP u li jwassal għal kumpens, imur lil hinn mis-servizz ta' distribuzzjoni tradizzjonali inkluż fis-servizz universali. Dan huwa soġġett għal sett ta' kundizzjonijiet stretti dwar il-kwalità u r-riżultati, li jikkonċernaw il-ħin tad-distribuzzjoni (pereżempju, id-distribuzzjoni qabel is-7,30 ta' filgħodu), il-frekwenza, l-għażliet tad-distribuzzjoni għall-edituri, il-flessibilità mogħtija lill-edituri fir-rigward tal-volum, kif ukoll il-kontinwità tas-servizz (inkluża definizzjoni stretta tal-każijiet ta' forza maġġuri).

(37) Ipprezzar speċifiku: it-tariffi tal-missjoni ta' distribuzzjoni tal-istampa li jwasslu għal kumpens huma stabbiliti fil-qafas ta' negozjati tripartitiċi (Stat Belġjan/DPLP/settur tal-istampa) u ma jridux jirċievu l-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja, kuntrarjament għat-tariffi tas-servizz pubbliku universali. Filwaqt li t-tariffi tas-servizz pubbliku universali huma bbażati fuq l-ispejjeż, it-tariffi tal-missjoni speċifika ta' distribuzzjoni tal-istampa li jwasslu għal kumpens huma ħafna inqas għaljin, b'tali mod li jippermettu l-kisba tal-għanijiet tal-missjoni.

([1]) L-Artikolu 13(1) tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni.

([2]) Kapitolu 3, Taqsima 4 ("Intervent tal-Istat għall-ispiża tal-kompiti ta' servizz pubbliku") tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni, l-Artikoli 12 u 13.

([3]) L-ewwel kuntratt ta' ġestjoni sar qabel id-Direttiva 97/67/KE u l-introduzzjoni tal-kunċett ta' servizz universali.

([4]) ĠU C 15, 21.1.1998, p. 14. Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 2: il-ġurnali u l-perjodiċi huma inklużi fil-lista tal-oġġetti li jintbagħtu bil-posta li għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz universali.

L-ammont tal-kumpens imħallas għas-servizz pubbliku

(38) Is-servizzi pubbliċi msemmija fil-premessa (33) jistgħu jgawdu minn kumpens ta' servizz pubbliku. Il-kumpensi ta' servizz pubbliku effettivament imħallsa għal kull sena finanzjarja huma dawn li ġejjin:

**L-ewwel kuntratt ta' ġestjoni**

| Sena | Ammont (f'EUR) |
|---|---|
| 1992 (*) | 91 720 000 |
| 1993 | 351 327 000 |
| 1994 | 322 138 000 |
| 1995 | 368 308 000 |
| 1996 | 314 205 000 |

(*) l-aħħar tliet xhur biss

**It-tieni kuntratt ta' ġestjoni**

| Sena | Ammont (f'EUR) |
|---|---|
| 1997 | 208 934 000 |
| 1998 | 228 629 000 |
| 1999 | 213 788 000 |
| 2000 | 216 282 000 |
| 2001 | 224 269 000 |
| 2002 | 194 559 000 |

**It-tielet kuntratt ta' ġestjoni**

| Sena | Ammont (f'EUR) |
|---|---|
| 2003 | 175 554 000 |
| 2004 | 247 606 000 |
| 2005 | 254 825 000 |

**Ir-raba' kuntratt ta' ġestjoni**

| Sena | Ammont (f'EUR) |
|---|---|
| 2006 | 299 729 000 |
| 2007 | 306 396 000 |
| 2008 | 315 683 000 |
| 2009 | 321 244 000 |
| 2010 | 325 735 000 |

2.2.2.3. *Injezzjonijiet ta' kapital*

(39) Injezzjonijiet ta' kapital fl-1997: DPLP ibbenefika minn żewġ injezzjonijiet ta' kapital, mhux notifikati, li b'kollox jammontaw għal EUR 62 miljun. L-awtoritajiet Belġjani madankollu sussegwentement indikaw li dawn il-fondi fir-realtà kienu jikkostitwixxu kumpensi ta' servizz pubbliku differiti, li ma tħallsux fil-ħin lil DPLP.

(40) Injezzjonijiet ta' kapital fl-2003: l-awtoritajiet Belġjani wettqu injezzjoni ta' kapital favur DPLP li kienet tammonta għal EUR 297,5 miljun. Skont dawn, din l-injezzjoni saret taħt kundizzjonijiet aċċettabbli għal investitur privat li jopera fil-kundizzjonijiet normali ta' ekonomija tas-suq; b'mod konformi mal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq, u għalhekk ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(41) Injezzjonijiet ta' kapital fl-2006: l-awtoritajiet Belġjani wettqu injezzjoni ta' kapital oħra li tammonta għal EUR 40 miljun. Skont huma, din l-injezzjoni kienet konformi mal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq, peress li saret taħt kundizzjonijiet identiċi għal dawk li japplikaw għall-investituri privati (*pari passu*).

2.2.2.4. *Eżenzjonijiet mit-taxxa*

(42) Sal-31 ta' Diċembru 2005, DPLP ibbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa korporattiva.

(43) Matul il-perjodu kopert mill-investigazzjoni, dan ibbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli użata fil-qafas tat-twettiq ta' servizzi pubbliċi, li jirrappreżenta vantaġġ ta' bejn EUR [...] (*) sa [...] fis-sena. Kieku din it-taxxa kienet tħallset, l-ispejjeż tal-prodotti (servizz pubbliku u prodotti kummerċjali) li jużaw din il-proprjetà immobbli kienu jkunu proporzjonalment ogħla.

(44) DPLP ukoll ibbenefika minn eżenzjoni fir-rigward ta' taxxi oħrajn indiretti u lokali. L-awtoritajiet Belġjani mhumiex f'pożizzjoni li jistmaw il-valur eżatt ta' dan il-vantaġġ iżda jindikaw li din il-miżura tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli *de minimis*.

(45) L-eżenzjonijiet mit-taxxa saru qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat KE fl-1958 u nżammu mingħajr l-ebda modifikazzjoni sostanzjali. Filwaqt li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005, l-aħħar żewġ miżuri għadhom fis-seħħ.

2.2.2.5. *It-trasferiment tal-proprjetà immobbli*

(46) Fl-1992, l-Istat Belġjan ittrasferixxa 63 proprjetà immobbli, mingħajr kontroparti, lil DPLP ([1]). Din diġà kienet tagħmel użu minnhom, iżda legalment kienu jappartjenu għall-Istat. Il-valur totali ta' dawn l-assi kien stmat għal EUR 112,2 miljun ([2]). Din il-proprjetà immobbli kienet separata mill-assi inizjali, li mbagħad żdiedet magħhom, li kienu ġew separati mill-assi li kienu jappartjenu għall-Istat meta la Poste saret aġenzija Statali (ir-"Régie des postes") separata fl-1971. Ir-Régie des postes diġà kellha l-pussess legali tal-assi li kienu ġew inklużi fil-bilanċ tagħha. Din il-proprjetà immobbli supplementari ttrasferita fl-1992 kienet, għall-kuntrarju, maħsuba biex tikkumpensal-piż tal-pensjonijiet, li kompla jaqa' fuq DPLP malli din biddlet l-istatus ta' aġenzija statali għal dak ta' intrapriża pubblika awtonoma.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali
([1]) Fl-1992, il-Posta Belġjana, li sa dak iż-żmien kienet aġenzija Statali ("Ir-Régie des Postes") saret entità legali ("intrapriża pubblika awtonoma").
([2]) Jiġifieri 27 proprjetà immobbli li jammontaw għal BEF 4 138 miljun (stima tal-1992) + 36 proprjetà immobbli li jammontaw għal BEF 388,5 miljun (stima tal-1997).

(47) L-awtoritajiet Belġjani jishqu li t-trasferiment ta' din il-proprjetà immobbli jaqa' biss fil-qafas ta' riorganizzazzjoni interna tal-assi li jappartjenu lill-Istat u ma jikkostitwixxix vantaġġ. Skont huma, din il-proprjetà immobbli diġà kienet tintuża mill-Posta Belġjana qabel saret DPLP fl-1992 (u għalhekk kienet diġà tintuża mir-Régie des postes).

2.2.2.6. *Il-garanzija tal-Istat*

(48) DPLP ingħata l-possibbiltà li jitlob garanzija pubblika għas-self tiegħu għal primjum ta' 0,25 %.

(49) Matul il-perjodu soġġett għall-investigazzjoni, din il-garanzija ntużat darba biss, għal self ta' EUR 100 miljun ikkuntrattat fi ħdan il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Il-ftehim iffirmat bejn DPLP u l-BEI fit-22 ta' Diċembru 2004 kien jippermetti li DPLP jagħmel użu mill-faċilità ta' kreditu mill-BEI sal-10 ta' Ġunju 2008. Bl-użu ta' din il-faċilità, DPLP talab ammont ta' EUR 100 miljun fit-8 ta' Novembru 2007, ammont li rċieva attwalment fil-5 ta' Diċembru 2007. DPLP impenja ruħu biex iħallas is-self lura fi 11-il pagament akkont annwali ugwali ta' madwar EUR 9,09 miljun. L-ewwel pagament irid jitħallas fil-5 ta' Diċembru 2012 u l-aħħar wieħed fil-5 ta' Diċembru 2002. L-imgħax jitħallas kull tliet xhur (fil-5 ta' Diċembru, fil-5 ta' Marzu, fil-5 ta' Ġunju, u fil-5 ta' Settembru). Ir-rata tal-imgħax hija stabbilita fuq il-bażi tar-rata EURIBOR għal tliet xhur, nieqes 37 punt bażi.

## 3. DESKRIZZJONI TAR-RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA FL-2009

(50) Fuq il-bażi tas-Sentenza Altmark [1], il-Kummissjoni qieset li l-kumpensi ta' pubbliku mħallsa sa mill-1992, kif ukoll l-eżenzjonijiet mit-taxxa, l-injezzjonijiet tal-kapital, il-garanzija tal-Istat u t-trasferiment tal-proprjetà immobbli msemmija fuq, setgħu kienu jikkostitwixxu għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(51) L-għajnuna mill-Istat forma ta' kumpensi għall-ispejjeż relatati mal-obbligi ta' servizz universali li tista' tiġi ddikjarata kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE jekk tkun meħtieġa għat-twettiq ta' dawn is-servizzi u ma tkunx taffettwa l-iżvilupp tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess tal-Unjoni Ewropea.

(52) Fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-2009, il-Kummissjoni investigat il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri ta' għajnuna mogħtija lil DPLP għall-finijiet tat-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku tiegħu.

(53) Fir-rigward tal-kalkolu tal-kumpens żejjed skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE, il-Kummissjoni qieset li d-dħul u l-ispejjeż kollha relatati mal-obbligi ta' servizz pubbliku kienu ġew ikkunsidrati billi ġie żgurat in-nuqqas ta' kumpens żejjed għall-missjonijiet ta' servizz pubbliku. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, jeħtieġ li jiġi vverifikat kemm hu sod il-metodu kontabilistiku applikat biex jiġu determinati l-ispejjeż tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kif ukoll biex jiġu kkunsidrati l-ispejjeż netti kollha tas-servizz pubbliku u tal-għajnuna addizzjonali mogħtija f'kwalunkwe forma.

(54) Fir-rigward tal-finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali mill-Istat, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar safejn il-fatt li DPLP inħeles mill-obbligi tiegħu fir-rigward tal-pensjonijiet poġġih f'sitwazzjoni simili għal dik tal-kompetituri tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

(55) B'konformità mal-approċċ segwit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament pubbliku tal-ispiża tal-pensjonijiet tal-uffiċjali li jaħdmu għall-Posta Franċiża [2], jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk din il-miżura kinitx kompatibbli fir-rigward tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u, għal dan l-għan, li jiġi stabbilit sa liema punt l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali mħallsa minn DPLP wara li nħeles minn dawn l-obbligi kienu simili għal dawk imġarrba mill-kompetituri tiegħu.

## 4. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI

### 4.1. L-OSSERVAZZJONIJIET TA' VPF U PRODIPRESSE

(56) Fit-28 ta' Awwissu 2009, VFP u Prodipresse ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-sistema ta' distribuzzjoni tal-istampa implimentata minn DPLP.

(57) B'mod konformi mal-ilment li kienu ssottomettew qabel, VFP u Prodipresse enfasizzaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li rriżultaw mit-tariffi baxxi ta' DPLP għad-distribuzzjoni tal-istampa, li ostakolaw kull kompetizzjoni min-naħa ta' operaturi oħrajn fis-suq.

(58) Huma indikaw li l-prezzijiet mitluba minn DPLP ġew stabbiliti waqt negozjati tripartitiċi bejn DPLP, l-edituri u l-Istat. Qalu li t-telf li ġarrab DPLP minħabba dawn il-prezzijiet inqas minn tas-suq, jiġu kkumpensati mill-Istat fil-qafas tal-kumpens tal-SGEI. Jekk DPLP huwa l-benefiċjarju dirett ta' din l-għajnuna, l-edituri tal-gazzetti ta' kuljum ukoll jibbenefikaw b'mod indirett.

(59) VFP u Prodipresse iqisu li DPLP jista' jibbenefika minn kumpens żejjed għas-sistema ta' distribuzzjoni tal-istampa, li juża biex jiffinanzja l-attivitajiet l-oħrajn tiegħu.

### 4.2. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-ASSOĊJAZZJONI BELĠJANA TAL-EDITURI TAL-GAZZETTI

(60) Fit-28 ta' Awwissu 2009, l-Assoċjazzjoni Belġjana tal-edituri tal-gazzetti ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha. F'din l-okkażjoni enfasizzat l-importanza, f'termini ta' demokrazija u ugwaljanza, ta' sistema effikaċi ta' distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum fit-territorju

[1] Il-Każ C-280-00, Altmark Trans GmbH, imsemmi hawn fuq.

[2] Id-Deċiżjoni 2008/204/KE tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza f'dak li jikkonċerna r-riforma tal-metodu ta' finanzjament għall-pensjonijiet tal-uffiċjali statali impjegati ma' La Poste, ĠU L 63, 7.3.2008, p. 16.

Belġjan kollu, bi prezzijiet uniformi u raġonevoli, li tippermetti lill-abbonati jirċievu l-gazzetti tagħhom kmieni filgħodu.

#### 4.3. L-OSSERVAZZJONIJIET TA' DEUTSCHE POST AG U TA' DHL INTERNATIONAL

(61) Fit-28 ta' Awwissu 2009, Deutsche Post AG u DHL International issottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom. Huma insistew fuq il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-assunzjoni tal-obbligi li kienu r-responsabbiltà ta' DPLP fir-rigward tal-pensjonijiet, b'mod partikolari li tiġi żgurata l-konformità ta' din il-miżura mal-prattika preċedenti, li tiġi kkontrollata l-konformità tal-injezzjonijiet tal-kapital mas-suq, li tiġi vverifikata l-konformità tat-tqassim tal-ispejjeż mas-Sentenza Chronopost u fl-aħħar, li jiġi eżaminat it-trasferiment tal-proprjetà immobbli.

#### 4.4. L-OSSERVAZZJONIJIET TA' BELGISCHE DISTRIBUTIEDIENST NV/BELGIQUE DIFFUSION SA

(62) Fit-28 ta' Awwissu 2009, Belgische Distributiedienst NV/Belgique Diffusion SA ("BD"), li tagħmel parti mill-grupp TNT, issottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha. BD hija kompetitur ta' DPLP, u b'mod partikolari tas-sussidjarja tiegħu inkarigata bid-distribuzzjoni tal-istampa, Deltamedia, fis-suq tad-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum u tal-perjodiċi. B'konformità mal-ilment li kienet issottomettiet qabel, BD enfasizzat li DPLP jitlob prezzijiet aktar baxxi mill-ispejjeż tiegħu għad-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum. It-telf li ġarrab DPLP skont BD kien iffinanzjat minn sussidji pubbliċi. Il-prezzijiet pjuttost baxxi joħolqu diffikultà għal kwalunkwe kompetizzjoni kontra DPLP.

(63) Skont BD, DPLP kiser id-Direttiva 92/50/KEE tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1992, li stabbiliet il-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku ([1]), kif ukoll l-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/67/KE. BD qajmet ukoll dubji dwar l-eżistenza ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE u dwar il-kompatibbiltà tal-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-SGEI skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(64) Hija staqsiet jekk id-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum setgħetx tiġi kklassifikata bħala SGEI, peress li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, din l-attività hija miftuħa għall-kompetizzjoni, mingħajr l-involviment tal-operatur postali.

(65) BD staqsiet ukoll jekk sussidju riżervat biss għall-operatur postali jikkostitwixxix l-aktar mezz adegwat biex tiġi appoġġjata d-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum, kuntrarjament għal għajnuna mogħtija lill-edituri, li b'hekk ikunu jistgħu jiksbu s-servizzi ta' distribuzzjoni fis-suq ħieles, li jippermetti l-kompetizzjoni bejn fornituri differenti.

(66) BD esprimiet dubji dwar il-ħtieġa tal-ispejjeż, kif ukoll jekk il-missjoni ta' distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum fdata lil DPLP kellhiex tiġi approvata. Skont BD, DPLP iġarrab spejjeż ħafna ogħla minn dawk tal-operaturi l-oħrajn, u dan iżid il-livell ta' sussidji meħtieġa. Għalhekk, is-sussidji la se jkunu proporzjonali, u lanqas ġustifikati.

(67) Fl-aħħar nett, BD tqis li l-ispejjeż ta' DPLP li jħallas l-Istat jistgħu jinkludu spejjeż ta' investiment li ma jkunux meħtieġa għall-finijiet tat-twettiq tal-SGEI, peress li DPLP jista' jkun għamel użu mill-infrastrutturi stabbiliti għal servizzi oħrajn. Il-kampanji ta' promozzjoni favur prodotti kummerċjali wkoll setgħu ġew iffinanzjati permezz tas-sussidju pubbliku.

### 5. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI

#### 5.1. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR IR-RESPONSABBILTÀ GĦALL-PENSJONIJIET

(68) L-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li, b'mod konformi mal-approċċ segwit fis-Sentenza Combus ([2]), ir-responsabbiltà għall-impenji fir-rigward tal-pensjoni ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, peress li din teħles lill-Posta Belġjana minn piż anormali, u mhux minn piż li normalment jaqa' fil-baġit ta' intrapriża.

(69) Piż anormali bħal dan jirriżulta mill-ispejjeż ta' pagi aktar għoljin marbuta mal-persunal statutorju u minn nuqqas ta' flessibilità fil-pjan operattiv, li jtellfu lil DPLP milli jnaqqas kemm ikun jixtieq in-numru ta' uffiċjali membri tal-persunal tiegħu.

(70) L-awtoritajiet Belġjani jistabbilixxu tliet kawżi ta' nuqqas ta' flessibilità:

1. is-sigurtà tal-impjieg tal-uffiċjali;
2. in-nuqqas ta' mobilità interna;
3. in-nuqqas ta' aċċess għad-diżokkupazzjoni fuq żmien qasir.

(71) Is-sigurtà tal-impjieg tal-uffiċjali; DPLP jargumenta li l-persunal statutorju tiegħu huwa *de facto* impjegat għal perjodu ta' żmien indeterminat. DPLP mhuwiex f'pożizzjoni li jtemm il-kuntratti tal-persunal statutorju tiegħu, sakemm ma jkunx hemm raġuni serja jew prestazzjoni kontinwament ħażina. Anke f'dan il-każ, il-proċedura ta' tkeċċija hija soġġetta għal rekwiżiti partikolarment stretti.

(72) Barra minn hekk, il-Kunsill tal-Istat (il-ġurisdizzjoni amministrattiva Belġjana kompetenti għall-persunal statutorju, filwaqt li l-persunal kuntrattwali jaqa' taħt il-kompetenza tat-tribunali tax-xogħol), deher li jiffavorixxi l-persunal statutorju billi stabbilixxa regola stretta biex tiġi stabbilita "raġuni valida". Jirriżulta li DPLP ma jistax ikeċċi l-persunal statutorju tiegħu, kemm b'mod individwali kif ukoll b'mod kollettiv, għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi.

(73) Konsegwentement, il-kanċellament ta' kuntratt tax-xogħol ma jikkostitwixxix għodda ta' ġestjoni li tippermetti l-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-kompożizzjoni tal-persunal skont il-ħtiġijiet operattivi attwali. Bl-istess mod, l-impossibbiltà li jkeċċi l-persunal għal raġuni ekonomika tillimita b'mod konsiderevoli l-mezzi li għandu DPLP biex isolvi problemi bħal mobilità nieqsa jew pagi u benefiċċji tal-persunal statutorji aħjar minn dawk li jingħataw fis-suq. Barra minn hekk, il-persunal statutorju mhuwiex awtorizzat li jitlob trasferiment awtomatiku għall-amministrazzjoni pubblika, u DPLP ma jistax jimponi trasferiment bħal dan.

([1]) ĠU C 209, 24.7.1992, p. 1.

([2]) Is-Sentenza tas-16 ta' Marzu 2004 fil-Każ T-157/01, Danske Busvognmaend/Commission, Ġabra 2004, p. II-917, il-punt 57.

(74) Dan ifisser li tnaqqis fil-persunal statutorju huwa limitat essenzjalment għal riżenji volontarji, li ftit iseħħu, u għal riżenji naturali.

(75) In-nuqqas ta' mobilità interna: minbarra l-fatt li DPLP ma jistax inaqqas il-persunal statutorju fl-oqsma fejn naqset id-domanda għas-servizzi, il-possibbiltajiet tiegħu fir-rigward tat-tqassim mill-ġdid tal-persunal statutorju tiegħu fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħu meta jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tiegħu huma soġġetti għal restrizzjonijiet stretti.

(76) Fatturi bħall-affiljazzjoni lingwistika, il-kwalifiki, l-anzjanità u l-klassifikazzjoni funzjonali jwasslu sabiex DPLP ma jkunx jista' jorganizza mill-ġdid il-persunal tiegħu li jaħdem fl-oqsma fejn il-ħtiġijiet ta' persunal ikunu naqsu, pereżempju minħabba tnaqqis fil-posta tradizzjonali, għall-profitt ta' setturi b'nuqqas ta' persunal, b'mod partikolari minħabba persuni li jirtiraw jew domanda li tkun qed tiżdied.

(77) Fi kliem ieħor, minħabba n-nuqqas ta' flessibilità tal-"istatut", DPLP huwa tassew inkapaċi li jorganizza mill-ġdid il-persunal statutorju skont il-ħtiġijiet tiegħu jew li jikkumpensa n-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn l-oqsma ta' attività b'persunal żejjed u dawk b'persunal nieqes. B'mod paradossali, biex jissodisfa l-ħtiġijiet innutati fis-setturi b'nuqqas ta' persunal, DPLP irid jimpjega persunal temporanju jew kuntrattwali, filwaqt li jżomm il-persunal statutorju żejjed tiegħu fis-setturi b'persunal żejjed.

(78) In-nuqqas ta' aċċess għad-diżokkupazzjoni temporanja: barra minn hekk, DPLP ma jistax iqiegħed lill-persunal statutorju tiegħu f'diżokkupazzjoni temporanja ("diżokkupazzjoni ekonomika"), kif jistgħu jagħmlu l-operaturi tas-settur privat meta jonqos ix-xogħol.

(79) Spejjeż relatati ma' pagi aktar għoljin: meta r-Régie des postes saret intrapriża pubblika awtonoma fl-1992 u ngħatat l-isem ta' DPLP, il-persunal statutorju kien jirċievi pagi u benefiċċji ħafna aktar għoljin mill-persunal kuntrattwali tas-settur privat. Mill-1992, iż-żidiet fil-pagi awtomatiċi marbuta mal-anzjanità u s-setgħa kbira tan-negozjati tat-trejdjunjins għenu biex il-pagi u l-benefiċċji jinżammu f'dawn il-livelli pjuttost aktar għoljin.

(80) Minbarra l-pagi u l-benefiċċji aktar għoljin minn dawk irċevuti mill-persunal kuntrattwali, il-membri tal-persunal statutorji jibbenefikaw minn 4 sa 11-il jum addizzjonalita' liv imħallas ([1]), li jżid l-ispejjeż ta' DPLP. Dawn il-fatturi li jikkaratterizzaw il-persunal statutorju wasslu sabiex DPLP kellu diffikultà fil-ġestjoni tal-ispiża unitarja tal-persunal statutorju, li hija notevolment ogħla minn dik tal-aġenti kuntrattwali tas-settur privat.

(81) Wara lil ttieħed il-persunal statutorju tar-Régie des postes fl-1992, il-mexxejja ta' DPLP irrikonoxxew li dan il-persunal, bl-ispejjeż ogħla relatati mal-pagi u n-nuqqas ta' flessibilità operattiva tiegħu, jikkostitwixxi żvantaġġ strutturali li kien qed isir aktar u aktar diffiċli li wieħed iġarrbu mal-progress tal-liberalizzazzjoni tas-suq postali. Konsegwentement DPLP ma baqax jimpjega uffiċjali statutorji fl-1998. Dawk li rriżenjaw b'mod naturali li fil-biċċa l-kbira kienu persuni li rtiraw, wasslu għal tnaqqis, f'termini assoluti, fil-persunal, li naqas għal 23 538 fl-2008.

(82) Minħabba li t-tnaqqis fil-persunal statutorju jiddependi l-aktar mir-rata ta' persuni li jirriżenjaw b'mod naturali fil-kuntest tal-piramida tal-etajiet attwali, il-progress tiegħu sar bil-mod u probabbilment se jibqa' hekk sal-2030, jiġifieri sew wara l-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq postali, kif turi t-tabella t'hawn taħt.

([1]) Il-membri tal-persunal statutorji jibbenefikaw minn 24 jum ta' liv kull sena, filwaqt li l-membri kuntrattwali għandhom 20, u jirċievu sa sebat ijiem addizzjonali skont l-età.

*Tabella 2*

**L-evoluzzjoni tal-persunal statutorju ta' DPLP**




(1) […]
*sors:* l-awtoritajiet Belġjani

(83) L-awtoritajiet Belġjani konsegwentement iqisu li l-persunal statutorju ta' DPLP jirrappreżenta żvantaġġ serju mil-lat operattiv u mil-lat tal-ispejjeż fil-konfront tal-operaturi privati, u li l-Istat ħeles lil DPLP minn piż anormali li ma kienux iġarrbu l-kompetituri tiegħu.

(84) Skont huma, il-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, u għalhekk il-politika segwita mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ, b'mod konformi mal-kawżi preċedenti dwar is-sistemi tal-pensjoni [EDF (1), La Poste (Franza) (2), Royal Mail (3)], mhux se tkun meħtieġa fil-każ ta' DPLP.

(85) L-awtoritajiet Belġjani madankollu argumentaw li l-applikazzjoni possibbli ta' metodu bħal dan għal DPLP se twassal għall-konklużjoni li s-sehem tal-ispejjeż tas-sigurtà soċjali, f'persentaġġ tal-ispejjeż tal-pagi li ġarrab DPLP, huwa ugwali għal dak tal-kompetituri tiegħu.

5.2. L-OSSERVAZZJONI TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI FIR-RIGWARD TAL-KUMPENS ANNWALI TAL-ISPEJJEŻ TA' SERVIZZ PUBBLIKU

(86) L-awtoritajiet Belġjani kkomunikaw id-dejta kontabilistika (4) ta' DPLP u ppreżentaw il-prinċipji ta' kontabilità analitika applikati minn DPLP.

(87) Huma l-ewwel nett jargumentaw li l-kumpens ta' servizz pubbliku mħallas kull sena ma jikkostitwixxix għajnuna, sakemm ikun konformi mal-ġurisprudenza Altmark.

(88) Huma jargumentaw ukoll li, jekk il-kumpens ta' servizz pubbliku jkun jikkostitwixxi għajnuna, dan ikun kompatibbli, sakemm ma jkunx jikkostitwixxi kumpens żejjed tal-ispejjeż netti mġarrba minn DPLP fil-qafas tat-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku tiegħu. Skont l-awtoritajiet Belġjani, il-kalkoli ppreżentati minnhom juru kumpens nieqes għall-ispejjeż imġarrba minn DPLP.

(89) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Belġjani jindikaw li ċerti miżuri jikkostitwixxu għajnuna eżistenti. F'dan ir-rigward, ara t-taqsima dwar l-għajnuna eżistenti [premessi 6.3.2 u sussegwenti].

5.3. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJEIT BELĠJANI DWAR L-INJEZZJONIJIET TA' KAPITAL

5.3.1. **Injezzjonijiet ta' kapital fl-1997**

(90) Permezz ta' ittra indirizzata lill-Kummissjoni fit-12 ta' Awwissu 2009, l-awtoritajiet Belġjani jindikaw li jeħtieġ li l-injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-1997, li b'kollox jammontaw għal EUR 62 miljun, jiġu kkunsidrati bħala l-kumpens differit tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(1) Id-Deċiżjoni 2005/145/KE tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza lilEDF u lis-settur tal-industrij elettriċi u tal-gass, ĠU L 49, 22.2.2005, p. 9.
(2) Id-Deċiżjoni 2008/204/KE, iċċitata aktar 'il fuq.
(3) Id-Deċiżjoni 2009/613/KE tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2009 dwar il-miżuri C 7/07 (ex NN 82/06 u NN 83/06) implimentati mir-Renju Unit favur ir-Royal Mail [innotifikata bin-numru C(2009) 2486], ĠU L 210,14.8.2009, p. 16. Ara b'mod partikolari l-premessi 108 sa 113.
(4) Ara t-taqsima 6.1.

### 5.3.2. **Injezzjonijiet ta' kapital fl-2003 u l-2006**

(91) Skont l-awtoritajiet Belġjani, iż-żidiet fil-kapital li saru fl-2003 u fl-2006 it-tnejn li huma kienu jiddependu fuq pjan strateġiku [1], li l-għan finali tiegħu kien li jtejjeb il-kompetittività u r-redditu tal-intrapriża fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni progressiva tas-suq postali.

(92) Dan il-pjan strateġiku kien isegwi żewġ għanijiet ewlenin:

1. it-titjib tal-produttività sabiex ikunu ggarantiti l-kompetittività u r-redditu f'ambjent tas-suq aktar liberalizzat;

2. l-iżvilupp ta' DPLP lejn loġika tas-suq li billi jinfetaħ il-kapital tiegħu għal investituri privati, jiġifieri jintlaħqu u jinżammu l-livelli ta' qligħ meħtieġa biex jiġu attirati l-investituri privati u jiġi lliberalizzat il-potenzjal tal-intrapriża f'termini ta' redditu.

(93) Injezzjonijiet ta' kapital fl-2003: Skont l-awtoritajiet Belġjani, iż-żieda fil-kapital tal-2003 kellha l-għan li ssaħħaħ il-fondi proprji ta' DPLP minħabba l-impenji finanzjarji kbar li kien daħal għalihom bl-għan partikolari li jinbnew erba' ċentri ġodda tal-issortjar u jiġi mmodernizzat ċentru eżistenti, biex jitjiebu kemm jista' jkun ir-rotot tad-distribuzzjoni tal-posta u l-awtomazzjoni.

(94) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw li l-fondi injettati kienu jkopru wkoll l-infiq tal-persunal li jirriżultaw mit-tnaqqis fin-numru ta' impjegati marbuta ma' sistema ta' ritirar kmieni, mit-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u ż-żieda fil-pagi tal-membri ġodda tal-persunal.

(95) Dawn il-miżuri kellhom jagħtu garanziji raġonevoli fir-rigward ta' redditu miżjud matul il-perjodu bejn l-2003 u l-2007 li jissodisfa l-aspettattivi tal-investituri privati. Għalhekk, l-Istat Belġjan, bħala l-uniku azzjonist ta' DPLP fl-2003, kien iggwidat minn perspettivi ta' redditu, skont loġika li tosserva bis-sħiħ il-prinċipju tal-investitur privat li jopera f'ekonomija tas-suq, meta ddeċieda li jwettaq investiment ta' kapital.

(96) Fil-5 ta' Awwissu 2009, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw ukoll li l-previżjonijiet ta' redditu kienu juru li l-injezzjoni ta' kapital kienet saret taħt kundizzjonijiet konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq, peress li l-qligħ mistenni kien aktar minn dak li kien jirrikjedi investitur privat. Dawn il-previżjonijiet kienu realistiċi, peress li r-redditu attwali rreġistrat bejn l-2003 u l-2008 kien tassew ogħla mir-redditu mistenni.

(97) L-awtoritajiet Belġjani speċifikaw li l-injezzjoni ta' kapital tal-2003 u l-annullament, fl-2005, tal-ammonti riċevibbli tal-Istat fil-kontijiet ta' DPLP xejn ma kienu relatati. Dan l-annullament, li sar f'ħin differenti, kien jikkostitwixxi tranżazzjoni ta' kontabilità normali, peress li l-Istat kien indika b'mod ċar li dawn l-ammonti riċevibbli ma kienux se jitħallsu lil DPLP. L-ammonti finali annullati fil-qafas tar-ristrutturazzjoni tal-karta tal-bilanċ tal-2005 huma differenti mill-ammonti tal-injezzjoni ta' kapital tal-2003 u tat-telf akkumulat fl-aħħar tas-sena 2002.

(98) Injezzjonijiet ta' kapital fl-2006: l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li din l-injezzjoni kienet tikkonforma mal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq, sakemm saret taħt kundizzjonijiet ekwivalenti (*pari passu*) għal dawk applikati għal investitur privat, jiġifieri Post Invest Europe SA, li investa EUR 300 miljun. Ġew sottoskritti ishma ġodda mill-Istat u l-investitur privat, u dan ippermetta li investitur ġdid jikseb 50 % mill-ishma nieqes sehem wieħed, filwaqt li l-Istat żamm 50 % tal-ishma flimkien ma' sehem wieħed [2].

(99) Biex jiġi stabbilit il-prezz tal-ishma l-ġodda li nħarġu, il-bank tal-investiment imqabbad mill-awtoritajiet Belġjani ħareġ stima tal-valur totali ta' DPLP ta' bejn EUR […] u […]. L-Istat fl-aħħar żamm il-valur ta' EUR […] għall-intrapriża kollha qabel l-injezzjonijiet tal-kapital. L-awtoritajiet Belġjani jirrikonoxxu li r-riżultati sussegwenti ta' DPLP kienu aħjar mis-suppożizzjonijiet magħmula waqt l-istima.

(100) L-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku, skont l-awtoritajiet Belġjani, wasslet sabiex DPLP sar wieħed mill-aktar operaturi effiċjenti fl-Ewropa. DPLP kiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-redditu, l-effiċjenza [3] u l-kwalità filwaqt li żamm il-prezzijiet għall-klijenti f'livell raġonevoli.

### 5.4. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR L-EŻENZJONIJIET MIT-TAXXA

*L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva*

(101) Fid-dikjarazzjoni tat-12 ta' Awwissu 2009, l-awtoritajiet Belġjani ammettew li DPLP ma kienx soġġett għat-taxxa korporattiva, iżda għal taxxa fuq il-profitti (jiġifieri, it-taxxa tal-persuni ġuridiċi) sas-27 ta' Diċembru 2005. Huma madankollu jsostnu li matul il-perjodu bejn l-2003 u l-2005, DPLP ma bbenefikax minn din is-sistema ta' taxxa: fil-fatt, kieku kien soġġett għat-taxxa korporattiva, kien ikun jista' jittrasferixxi t-telf irreġistrat fil-passat u ma kienx ikollu jħallas it-taxxa korporattiva matul dan il-perjodu.

(102) Huma jargumentaw ukoll li DPLP kellu jħallas taxxi fuq il-profitti sa EUR 2 miljun matul il-perjodu bejn l-2003 u l-2005.

(1) Il-pjan strateġiku ġie ppreżentat fin-notifika indirizzata lill-Kummissjoni fit-3 ta' Diċembru 2002.

(2) Il-kapital sottoskritt ta' DPLP qabel il-ħruġ tal-ishma l-ġodda kien jammonta għal EUR 443,8 miljun u nżamm 100 % mill-Istat. Wara l-ħruġ ta' ishma ġodda, il-kapital żdied b'EUR 340 miljun, u żdied għal EUR 783,8 miljun. Il-prezz tal-ishma kien ta' EUR 2 500 għall-kapital eżistenti, filwaqt li l-prezz tal-ishma l-ġodda ġie stabbilit għal EUR 1 464.

(3) L-awtoritajiet Belġjani jindikaw li matul il-perjodu bejn l-2003 u l-2009, DPLP irnexxielu jnaqqas l-ispejjeż tiegħu b'[…] % bħala medja fis-sena filwaqt li żamm iż-żieda fid-dħul.

(103) Mis-sena finanzjarja 2006, DLPL kellu jħallas it-taxxa korporattiva mingħajr ma kien jista' jirrapporta t-telf preċedenti tiegħu. L-awtoritajiet Belġjani jistmaw li l-kreditu tat-taxxa mitluf f'din id-data kien ta' EUR 51,87 miljun.

(104) Għalhekk jikkonkludu li DPLP ma kisibx profitt nett mill-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva qabel l-2006.

*L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà*

(105) L-awtoritajiet Belġjani speċifikaw li DPLP bbenefika minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà fuq id-dħul mill-proprjetà immobbli użata għall-finijiet tat-twettiq ta' servizz ta' interess pubbliku.

(106) Huma stmaw li l-vantaġġ nett li kiseb DPLP, li skont huma jirrappreżenta biss parti limitata mill-ispejjeż addizzjonali li jġarrab fir-rigward tal-obbligu tiegħu li jżomm netwerk postali kkaratterizzat minn densità territorjali definita b'mod strett, obbligu li m'huwa suġġett għal ebda kumpens ieħor.

*Eżenzjonijiet minn taxxi oħrajn*

(107) L-awtoritajiet Belġjani jispjegaw li DPLP jibbenefika minn ċerti eżenzjonijiet minn taxxi indiretti u lokali. Huma jargumentaw li dawn l-eżenzjonijiet għandhom impatt nett *de minimis*.

### 5.5. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR IT-TRASFERIMENT TAL-PROPRJETÀ IMMOBBLI

(108) Fid-dikjarazzjoni tat-12 ta' Awwissu 2009, l-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li ċertu għadd ta' proprjetà immobbli kien ġie ttrasferit lil DPLP meta nbidlet f'intrapriża pubblika awtonoma. Dan il-bini diġà kien jintuża minn DPLP sa mill-1971 u kien meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-missjoni tiegħu ta' servizz postali.

(109) L-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li t-trasferiment ta' din il-proprjetà immobbli ma ta l-ebda vantaġġ lil DPLP, peress li diġà kien jagħmel użu minnha fil-qafas tal-missjoni tiegħu ta' servizz pubbliku. Fi kliem ieħor, skont l-awtoritajiet Belġjani, din kienet biss riorganizzazzjoni tal-assi pubbliċi.

### 5.6. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR IL-GARANZIJA TAS-SELF MILL-ISTAT

(110) Fid-dikjarazzjoni tagħhom tat-12 ta' Awwissu 2009, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw li DPLP ma bbenefikax awtomatikament minn garanzija tal-Istat għas-self tiegħu. Jekk DPLP kellu jitlob garanzija bħal din, kien ikollu jikseb l-approvazzjoni tal-awtoritajiet Belġjani u jħallas primjum annwali ta' 0,25 % lit-Teżor tal-Istat.

(111) Matul il-perjodu kkunsidrat, DPLP irrikorra darba biss għall-garanzija pubblika.

(112) L-awtoritajiet Belġjani jqisu li primjum ta' 0,25 % huwa xieraq minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ta' DPLP u l-probabbiltà baxxa ta' nuqqas ta' rimborż min-naħa ta' DPLP. Huma jqisu wkoll li r-rati mogħtija mis-suq għal self simili fin-nuqqas ta' garanzija tal-Istat kienu jkunu sa 40 punt bażi ogħla.

### 5.7. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET MAGĦMULA MILL-PARTIJIET INTERESSATI

(113) Fid-dikjarazzjoni tagħhom tat-12 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Belġjani jsostnu li d-dikjarazzjonijiet ta' BD u ta' FVP/Prodipresse biss fihom fatturi determinanti. Dawn il-fatturi kienu marbuta b'mod partikolari mad-distribuzzjoni minn kmieni tal-gazzetti ta' kuljum u l-perjodiċi.

*Osservazzjonijiet dwar l-għoti tad-distribuzzjoni tal-istampa*

(114) L-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li, kuntrarjament għal dak li tenfasizza BD, l-għoti tal-forniment tas-servizzi postali mhux riżervati (bħad-distribuzzjoni tal-istampa) ma jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-Unjoni dwar l-akkwisti pubbliċi (id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])).

(115) Huma jargumentaw ukoll li d-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum u tal-perjodiċi, li tikkostitwixxi servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, ma tiksirx id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq postali.

(116) L-awtoritajiet Belġjani jindikaw ukoll li dan l-għoti ma jirriżultax minn deċiżjoni arbitrajrja. Skont huma, DPLP huwa l-uniku intrapriża li tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet u l-obbligi imposti fuq il-fornitur ta' servizzi ta' dan it-tip.

*In-nuqqas ta' kumpens żejjed għad-distribuzzjoni tal-istampa*

(117) L-awtoritajiet Belġjani jsostnu li, kuntrarjament għal dak li tallega BD, DPLP ma bbenefikax minn kumpens żejjed matul il-perjodu bejn l-2002 u l-2008 għall-ispejjeż marbuta mat-twettiq tas-servizz ta' distribuzzjoni ta' gazzetti ta' kuljum u perjodiċi.

(118) Huma ma jaqblux mal-opinjoni ta' FVP/Prodipresse li DPLP kabbar l-investimenti u l-ispejjeż inkrimentali tiegħu relatati mal-estensjoni tal-kopertura nazzjonali minn kmieni, li għolla minn 82 % għal 100 %. Peress li t-18 % jikkonċernaw prinċipalment reġjuni mbiegħda, l-ispejjeż tal-persunal ta' DPLP żdiedu b'mod mhux proporzjonali u DPLP kellu jikseb vetturi tat-trasport għal distanzi twal, ikkaratterizzati minn spejjeż għoljin ta' deprezzazment.

(119) L-awtoritajiet Belġjani finalment isostnu li l-ispejjeż tal-kampanja ta' reklamar ma ġewx ikkunsidrati fil-kalkolu tal-kumpens li rċieva mill-Istat għad-distribuzzjoni kmieni tal-istampa.

---
([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

L-effiċjenza fir-rigward tal-ispejjeż

(120) BD tindika li DPLP ovvjament mhuwiex effiċjenti fir-rigward tal-ispejjeż. L-awtoritajiet Belġjani jikkuntestaw dan l-argument, u jenfasizzaw li dan ma jikkunsidrax bis-sħiħ l-ispejjeż inkrimentali għolja relatati mad-distribuzzjoni bikrija tal-istampa u li jinjora l-isforzi kbar li għamel DPLP sabiex jikkontrolla l-ispejjeż tiegħu u jkabbar il-produttività.

Deltamedia

(121) Skont BD, l-ispejjeż ta' Deltamedia huma inqas minn dawk ta' DPLP. Din is-sitwazzjoni, skont l-awtoritajiet Belġjani, irriżultat minħabba l-fatturi li ġejjin:

(a) Deltamedia ma toffrix kopertura nazzjonali;

(b) Deltamedia taħdem ma' distributuri indipendenti;

(c) is-servizz provdut minn Deltamedia huwa simplifikat, peress li din taħdem biss ma numru limitat ta' edituri assoċjati ma' grupp wieħed tal-istampa;

(d) l-edituri jqassmu l-gazzetti ta' kuljum immedjatament fil-punti ta' distribuzzjoni.

5.8. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-AWTORITAJIET BELĠJANI DWAR L-GĦAJNUNA EŻISTENTI

(122) Fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-21 ta' Diċmebru 2010, l-awtoritajiet Belġjani jindikaw li ċerti miżuri msemmija mill-investigazzjoni jikkostitwixxu għajnuna eżistenti.

Eżenzjonijiet mit-taxxi

(123) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Belġjani jsostnu li l-eżenzjonijiet mit-taxxi li kien igawdi minnhom DPLP saru qabel l-adeżjoni tal-Belġju fl-Unjoni Ewropea u għalhekk jikkostitwixxu għajnuna eżistenti.

Il-liberalizzazzjoni tas-suq postali

(124) It-tieni nett, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li s-sussidju annwali mogħti lil DPLP ngħata qabel l-1999, jiġifieri qabel il-liberalizzazzjoni tas-suq postali, u għalhekk jikkostitwixxi għajnuna eżistenti. Bl-istess mod, l-injezzjonijiet ta' kapital magħmula qabel l-1999 m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti jekk kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

Perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin

(125) It-tielet nett, l-awtoritajiet Belġjani jqisu, minħabba l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin, li l-miżuri kollha adottati qabel it-13 ta' Lulju 1999 (jiġifieri 10 snin qabel il-ftuħ tal-proċedura formali inkwistjoni) kienu jikkostitwixxu għajnuna eżistenti, peress li kieku l-annullament mill-QPI sar aktar kmieni kien ukoll iwassal għall-annullament tal-atti ta' investigazzjoni preċedenti kollha tal-Kummissjoni. Huma jargumentaw, għall-kuntrarju, li billi l-Kummissjoni wettqet l-ewwel att ta' investigazzjoni tagħha f'Diċembru 2002, jeħtieġ li l-miżuri implimentati qabel Diċembru tal-1992 ma jiġux inklużi fl-investigazzjoni. Dan jikkonċerna t-trasferiment tal-proprjetà immobbli u l-ewwel sussidju annwali mogħti fl-1992.

## 6. **VALUTAZZJONI**

6.1. KUMMENTI PRELIMINARJI DWAR IS-SISTEMA TA' KONTABILITÀ ANALITIKA TA' DPLP

(126) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/67/KE, kif emendata mid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ikkompletar tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità ([1]) (it-tielet direttiva postali) jirrikjedi li l-operaturi postali jżommu kontabilità analitika li tistabbilixxi distinzjoni ċara bejn is-servizzi u l-prodotti li jagħmlu parti mis-servizz universali minn naħa, u s-servizzi u l-prodotti li ma jagħmlux parti minnu minnaħa l-oħra. Il-kontabilità tagħhom trid talloka l-ispejjeż diretti direttament għall-prodotti u talloka direttament jew indirettament l-ispejjeż komuni, u b'mod partikolari talloka kif meħtieġ l-ispejjeż komuni meħtieġa biex jiġu ggarantiti s-servizzi universali kif ukoll dawk mhux universali. Il-kontabilità analitika ta' DPLP tikkonsisti f'metodu ta' kontabilità skont l-attività (ABC - *Activity based costing*) li talloka l-ispejjeż operattivi kollha, sal-livell tal-qligħ qabel l-imgħax u t-taxxi (EBIT - *Earnings before interest and taxes*), lill-prodotti differenti, b'mod konformi mal-metodu ta' allokazzjoni sħiħa tal-ispejjeż (FDC - fully distributed costing). Il-kontabilità analitika tkopri l-ispejjeż operattivi kollha u l-ispejjeż tal-unitajiet ta' organizzazzjoni ta' DPLP. Fl-2009, il-prodotti kummerċjali kienu jirrappreżentaw […] % tal-fatturat ta' DPLP, filwaqt li l-prodotti relatati mas-servizz pubbliku kienu jammontaw għal […] %.

(127) Il-metodu ta' kontabilità analitika għandu tliet livelli: ir-riżorsi, l-attivitajiet u l-prodotti. Dan għandu l-għan li jistabbilixxi s-sehem tal-ispejjeż ta' kull prodott.

(128) L-ispejjeż huma maqsuma f'398 tip ta' spejjeż differenti u 3 954 ċentru ta' responsabbiltà. Għal finijiet ta' kontabilità, dawn huma miġbura fi gruppi fi 34 sett ta' riżorsi u 108 gruppi ta' kodiċijiet. Jeżistu 986 attività differenti.

(129) L-ispejjeż tar-riżrosi huma allokati lill-attivitajiet skont in-natura tagħhom: ir-"riżorsi diretti" huma direttament relatati ma' attività speċifika, filwaqt li r-"riżorsi indiretti" jikkontribwixxu għal diversi attivitajiet u jridu jiġu allokati permezz ta' kriterji tat-tqassim li jirriflettu kemm isir użu mir-riżorsa inkwistjoni minn kull attività. Finalment, il-kontribuzzjoni globali għall-attività tinkludi l-ispejjeż ġenerati li ma jistgħux jiġu allokati għal attivitajiet speċifiċi; dawn l-ispejjeż għalhekk jiġu allokati b'mod ugwali għall-prodotti kollha fuq il-bażi tal-kost b'addenda.

(130) Id-986 attività differenti jikkostitwixxu l-komponenti tal-katina ta' valur ta' kull prodott. Sehem mill-ispejjeż relatati ma' attività partikolari huwa allokat għal prodotti

([1]) ĠU L 52, 27.2.2008, p. 3.

skont l-użu tal-attività inkwistjoni f'kull prodott. L-ispejjeż tal-attivitajiet mhux operattivi huma l-ewwel nett allokati għall-attivitajiet operattivi li jikkontribwixxu direttament għall-prodotti.

(131) Fl-aħħar stadju tal-proċess, l-ispejjeż tal-attivitajiet huma finalment allokati għal kull prodott skont kriterju tat-tqassim ġeneralment ibbażat fuq il-volum. Fi kliem ieħor, il-prodotti kollha li jagħmlu użu minn attività jiġu kontabilizzati b'parti mill-ispejjeż ta' din l-attività proporzjonali għall-volum tal-użu tagħha.

(132) Il-Kummissjoni tqis li l-metodu ta' kontabilità analitika applikat attwalment minn DPLP huwa sodisfaċenti, sakemm dan jalloka b'mod korrett l-ispejjeż kollha b'livell suffiċjenti ta' adegwatezza. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li DPLP żviluppa dan il-metodu b'mod progressiv; għalhekk jista' jitqies li d-dejta kontabbli li tmur lura għall-bidu tal-perjodu kopert mill-investigazzjoni mhijiex komprensiva daqs id-dejta tas-sistema kontabbli attwali, għalkemm hija essenzjalment affidabbli.

Modifikazzjoni retroattiva tal-kontabilità analitika

(133) F'Marzu 2011, l-awtoritajiet Belġjani ppreżentaw lill-Kummissjoni modifikazzjoni retroattiva fil-metodu ta' kontabilità analitika ta' DPLP bl-għan ta' tqassim differenti ta' ċerti spejjeż bejn l-attivitajiet kummerċjali u l-attivitajiet ta' servizz pubbliku. Il-modifikazzjoni prevista mill-awtoritajiet Belġjani tinvolvi l-aħħar stadju tal-allokazzjoni tal-ispejjeż meta l-prodotti jiġu kontabilizzati ma' spejjeż proporzjonali għall-volum tal-użu tagħhom ta' kull attività.

(134) Il-modifikazzjoni tibdel il-metodu tal-allokazzjoni tal-ispejjeż operattivi għall-prodotti li DPLP kien japplika s'issa. Wara din il-modifikazzjoni, xi spejjeż relatati mal-prodotti kummerċjali jiġu ttrasferiti fil-qasam tas-servizzi pubbliċi, u b'hekk tinfirex il-bażi tal-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi. Minħabba f'hekk, is-servizzi pubbliċi se jiġu allokati bħala medja EUR […] fis-sena tal-ispejjeż attwalment allokati għal prodotti kummerċjali. Il-kostitwenti l-oħrajn tal-metodu ta' kontabilità analitika jibqgħu l-istess.

(135) L-awtoritajiet Belġjani jindikaw li l-ispejjeż ta' ċerti attivitajiet huma, fihom innifishom, stabbiliti f'ċertu livell, li huwa ddeterminat mill-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku. Fi kliem ieħor, l-ispejjeż ta' dawn l-attivitajiet użati għall-finijiet ta' servizzi pubbliċi kienu jibqgħu l-istess anke jekk l-ebda prodott kummerċjali ma kien juża dawn l-attivitajiet. Safejn prodott kummerċjali ma jkunx ikkawża l-attività inkwistjoni, il-prodott m'għandux iġarrab l-ispiża operattiva marbuta ma' din l-attività anki jekk ikun jagħmel użu minnha.

(136) Minkejja li l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li l-metodu rivedut huwa kompatibbli mad-Direttiva 97/67/KE, is-sentenza Chronopost [1] u l-qafas Komunitarju tal-għajnuna mill-Istat f'forma ta' kumpensi ta' servizz pubbliku [2] (minn hawn 'il quddiem "il-qafas tal-SGEI"), peress li jalloka lill-prodotti l-ispejjeż diretti u sehem mill-ispejjeż komuni u peress li jirrifletti aħjar l-ispejjeż attwali marbuta mal-obbligi ta' servizz pubbliku, il-Kummissjoni tqis li dan l-argument il-ġdid ma jistax jiġi aċċettat minħabba raġunijiet formali, ekonomiċi u legali.

(137) Minn perspettiva formali, il-metodu propost fil-fatt ma jintużax fil-kontabilità interna ta' DPLP, iżda jikkonsisti aktar f'modifikazzjoni *ex post* ta' dejta preċedenti. Il-metodu rivedut ma kisibx l-approvazzjoni tal-awtorità regolatorja bħala bażi tal-ipprezzar u barra minn dan ma jintużax mill-Istat għall-finijiet tal-kalkolu tal-kumpens tal-SGEI. Il-metodu rivedut għalhekk jidher li huwa preżentazzjoni teoretika żviluppata għall-finijiet ta' din il-proċedura rigward l-għajnuna mill-Istat. Minn perspettiva ekonomika, wieħed ma jista' jaħseb biss, fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet tat-trasferiment intern, li l-prodotti kummerċjali m'għandhomx jiġu attribwiti sehem mill-ispejjeż tar-riżorsi li jużaw (skont dan il-metodu, pereżempju, il-prodotti kummerċjali ma jikkontribwixxux għall-ispejjeż tar-rotot ta' distribuzzjoni tal-pustiera, anke jekk dawn jiddistribwixxu wkoll prodotti kummerċjali). Finalment, f'termini legali, modifikazzjoni bħal din ma tidhirx li tikkonforma mal-Artikolu 14(3)(b)(iv) tad-Direttiva 97/67/KE, mas-Sentenza Chronopost [3] u mal-qafas tal-SGEI tal-2005 [4], li kollha jeħtieġu li l-ispejjeż komuni jkunu attribwiti b'mod xieraq għall-attivitajiet kummerċjali.

(138) Il-Kummissjoni għalhekk mhix se tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-kontijiet modifikati, iżda fuq id-dejta ta' kontabilità analitika vvalidata, b'mod konformi mad-Direttiva 97/67/KE, mill-Istitut Belġjan tas-servizzi postali u tat-telekomunikazzjonijiet (l-IBPT, jew l-awtorità regolatorja tas-settur postali Belġjan [5]), li ntbagħtet qabel u li hija bbażata fuq il-metodu ta' kontabilità analitika uffiċjalment applikat minn DPLP.

(1) Is-Sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 fil-Każijiet konġunti C-83/01 P, C-93/01 P u C-94/01 P, Chronopost u oħrajn v Union française de l'express (Ufex) e.a, Ġabra 2003, p. I-6993.

(2) ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4.

(3) Is-Sentenza *Chronopost*, iċċitata aktar 'il fuq, il-punt 40: "[…] l-ispejjeż varjabbli kollha […] li jirriżultaw mill-provvista tal-għajnuna loġistika u kummerċjali, kontribuzzjoni adegwata għall-ispejjez fissi li jirriżultaw mill-użu tas-sistema postali, kif ukoll remunerazzjoni adegwata fuq il-kapital proprju sa fejn dan ikun allokat għall-attività kompetittiva ta' SFMI-Chronopost, u jekk, min-naħa l-oħra, ma hemm ebda evidenza li timplika li dawn il-fatturi ġew sottovalutati jew iffissati b'mod arbitrarju".

(4) Il-punt 16 tal-Qafas tal-SGEI: "[…]. L-ispejjeż attribwiti għas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jistgħu jkopru l-ispejjeż varjabbli kollha li jirriżultaw mill-provvista tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, kontribuzzjoni adegwata għall-ispejjez fissi komuni għas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u attivitajiet oħrajn, kif ukoll remunerazzjoni adegwata fuq il-kapital proprju allokat għas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali".

(5) Id-Direttiva 97/67/KE tiddefinixxi l-awtorità regolatorja bħala "il-korp jew korpi, f'kull Stat Membru, li lilu l-Istat Membru jafda, fost oħrajn, il-funzjonijiet regolatorji li jaqgħu taħt l-iskop ta' din id-Direttiva".

6.2. VALUTAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ GĦALL-PENSJONIJIET

### 6.2.1. L-eżistenza ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(139) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jgħid li "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(140) Sabiex miżura tkun tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin iridu jiġu sodisfatti: il-miżura trid

(i) tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju;

(ii) twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi;

(iii) tkun tikkostitwixxi intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat;

(iv) tkun tista' taffettwa n-negozju bejn l-Istati Membri.

6.2.1.1. *Vantaġġ u selettività*

(141) Fuq il-bażi tal-approċċ segwit fis-Sentenza Combus ([1]), l-awtoritajiet Belġjani jsostnu li l-obbligazzjonijiet marbuta mal-pensjoni jikkostitwixxu piż anormali li l-kompetituri ma kellhomx jiffinanzjaw u, għalhekk, il-fatt li l-Istat ħa r-responsabbilta għalihom ma jikkostitwixxix għajnuna.

(142) Essenzjalment huma jargumentaw li minħabba n-nuqqas ta' flessibilità li tikkaratterizza l-istatus tal-persunal statutorju, ma kienx possibbli għal DPLP li jnaqqas is-sehem ta' din il-kategorija ta' persunal, minkejja li jġib miegħu ħafna aktar spejjeż mill-persunal ipotetiku magħmul minn impjegati li jkollhom kuntratti anqas favorevoli.

(143) L-ewwel nett jeħtieġ li jitfakkar b'mod ġenerali li s-Sentenza Combus ma ġietx ikkonfermata mill-Qorti. Għall-kuntrarju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tikkontradixxi l-ipoteżi skont liema l-kumpens ta' żvantaġġ strutturali jkun jeskludi kull kwalifika bħala għajnuna. Għalhekk, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti jirriżulta li l-eżistenza ta' għajnuna trid tiġi vvalutata fir-rigward tal-effetti, u mhux tal-kawżi jew l-għanijiet tal-intervent mill-Istat. ([2]). Il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-kunċett ta' għajnuna jkopri l-vantaġġi mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi li, f'diversi forom, inaqqsu l-piżijiet li normalment iwieżnu fuq il-baġit ta' intrapriża ([3]).

(144) Barra minn hekk, il-Qorti indikat li l-ispejjeż relatati mar-remunerazzjoni tal-impjegati jwieżnu, min-natura tagħhom stess, fuq il-baġit tal-intrapriżi, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn l-ispejjeż jirriżultawx jew le minn obbligi legali jew minn ftehimiet kollettivi ([4]). F'dan ir-rigward, hi stabbiliet li l-fatt li l-miżuri tal-Istat għandhom l-għan li jikkumpensaw spejjeż żejda ma jnaqqasx milli jiġi kklassifikati bħala għajnuna ([5]).

(145) Barra minn hekk, jista' jiġi osservat li l-kuntest kompetittiv li kienet taqa' fi ħdanu Combus kien differenti minn dak ta' DPLP. Combus kellha tmexxi l-attività ta' trasport tagħha fuq bażi kummerċjali u topera fis-suq taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni komparabbli ma' dawk tal-kumpaniji privati tal-karozzi tal-linja. Meta toħroġ proċedura ta' sejħa għall-offerti, il-kumpaniji tat-trasport pubbliku jċedu l-attività tagħhom ta' trasport bil-karozza tal-linja lil intrapriżi privati u pubbliċi. B'konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku, il-kuntratti jingħataw lill-"aktar offerta vantaġġuża mil-lat ekonomiku", indipendentement min-natura pubblika jew privata tal-offerent. Matul it-terminu kollu tal-perjodu vvalutat, DPLP kien igawdi minn monopolju mifrux fejn il-pressjonijiet ekonomiċi kienu eżerċitati b'mod totalment differenti. Barra minn hekk, kuntrarjament għall-Każ Combus, il-Belġju, f'dan il-każ, ma adotta l-ebda dispożizzjoni leġiżlattiva bl-għan li telimina jew tadatta s-sistema speċjali ta' impjieg applikabbli għall-uffiċjali li jaħdmu għal DPLP jew il-mod li bih huma jiksbu d-drittijiet tal-pensjoni tagħhom.

(146) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li d-differenzi fattwali bejn il-Każ Combus u l-każ inkwistjoni jiġġustifikaw konklużjoni differenti f'dan il-każ.

(147) Sabiex jiġi vvalutat jekk il-miżuri kkonċernati fihomx elementi ta' għajnuna mill-Istat, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk dawn il-miżuri jagħtux vantaġġ ekonomiku lil DPLP billi jippermettu li jevita li jġarrab l-ispejjeż li normalment kienu jtaqqlu r-riżorsi finanzjarji proprji tiegħu u għalhekk tellfu lill-forzi preżenti fis-suq milli jipproduċu l-effett normali tagħhom. Għajnuna tikkonsisti mit-tnaqqis tal-piżijiet li normalment jaqgħu fil-baġit tal-intrapriżi meta titqies in-natura jew l-ekonomija tas-sistema ta' ħlasijiet inkwistjoni. Kuntrarjament, jista'

([1]) Il-Każ T-157/01, *Danske Busvognmaend* v. *il-Kummissjoni*, iċċitat aktar 'il fuq.

([2]) Is-Sentenza tat-2 ta' Lulju 1974 fil-Każ173/73, *l-Italja v. il-Kummissjoni*, Ġabra 1974, p. 709, il-punt 13; il-Każ C-310/85, Deufil v il-Kummissjoni, Ġabra 1987, p. 901, il-punt 8; il-Każ C-241/94, Franza v il-Kummissjoni, Ġabra 1996, p. I-4551, il-punt 20.

([3]) Is-Sentenza tal-15 ta' Marzu 1994 fil-Każ C-387/92, *Banco Exterior*, Ġabra 1994, p. I-877, punt 13; il-Każ C-241/94, Franza v. il-Kummissjoni, iċċitat aktar 'il fuq, il-punt 34.

([4]) Is-Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002 fil-Każ C-5/01, *il-Belġju v il-Kummissjoni*, Ġabra 2002, p. I-1191, il-punt 39.

([5]) Is-Sentenza tat-23 ta' Frar 1961 fil-Każ 30/59, *Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg v. Haute Autorité*, Ġabra 1961, p. 3, il-punti 29 u 30; il-Każ C-173/73, iċċitat aktar 'il fuq, il-punti 12 u 13; il-Każ C-241/94, iċċitat aktar 'il fuq, il-punti 29 u 35; il-Każ C-251/97, Franza v Il-Kummissjoni, Ġabra 1999, p. I-6639, il-punti 40, 46 u 47; il-Każijiet konġunti C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, is-Sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011 fil-Każ Comitato "Venezia vuole vivere" v. Il-Kummissjoni, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, il-punti 90 sa 96.

jkun possibbli li jiġi stabbilit kunċett ta' "ħlas speċjali", li jkun jikkonsisti minn ħlas addizzjonali marbut ma' dawn il-ħlasijiet normali. L-irtirar ta' ħlas speċjali bħal dan permezz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva ma jagħtix vantaġġ lill-benefiċjarju u ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(148) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti fir-rigward tal-analiżi ta' selettività, li tinvolvi tqabbil ma' qafas ta' referenza biex tiġi ddeterminata l-konformità jew in-nuqqas ta' konformità man-"natura u l-ekonomija tas-sistema" ta' trattament differenzjat ta' ċerti intrapriżi u ċerti produzzjonijiet, f'sitwazzjoni normali tas-suq minn punt strutturali, il-kwalifika ta' ħlas "normali" jew "speċjali" tinvolvi t-twaqqif ta' qafas ta' referenza, jew ta' tqabbil, bil-għan li wieħed jidentifika intrapriżi li f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali jkunu komparabbli fir-rigward tal-għan segwit mill-miżuri inkwistjoni.

(149) Madankollu, ma jidhirx possibbli li jiġi stabbilit element ta' tqabbil esoġenu li jippermetti li tiġi stabbilita kontribuzzjoni "normali" mġarrba minn intrapriżi li jkunu jinstabu f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali li tista' titqabbel ma' dik ta' DPLP fir-rigward tal-għan segwit mill-miżura inkwistjoni. B'mod partikolari, il-kompetituri ta' DPLP huma intrapriżi rregolati bil-liġi privata li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi swieq kompetittivi, filwaqt li DPLP bbenefika minn monopolju legali matul il-perjodu li għalih tapplika l-valutazzjoni, qabel il-liberalizzazzjoni sħiħa li seħħet fl-2011.

(150) Biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' vantaġġ skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tibda teżamina s-sitwazzjoni ta' DPLP u tqabbel il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali qabel u wara r-responsabbiltà meħuda fir-rigward tal-pensjonijiet.

(151) Wara l-Liġi tas-6 ta' Lulju 1971 u sar-riforma tal-pensjonijiet tal-1997, DPLP ġarrab l-ispejjeż kollha tal-pensjoni u l-obbligi soċjali għall-uffiċjali tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni tqis li dawn l-ispejjeż jagħmlu parti mill-infiq normali li DPLP kellu jiffinanzja mir-riżorsi tiegħu stess fir-rigward tal-pożizzjoni ġuridika u fattwali tiegħu fis-suq postali Belġjan.

(152) Bħalma r-responsabbiltà għall-pensjonijiet fis-seħħ fl-1997 u li hi s-suġġett tal-investigazzjoni ppermettiet lil DPLP li ma jġarrabx spejjeż li normalment kien ikollu jiffinanzja mir-riżorsi tiegħu stess, il-miżuri inkwistjoni jagħtu vantaġġ lill-operatur fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(153) Il-vantaġġ inkwistjoni huwa selettiv, peress li jikkonċerna biss lil DPLP.

6.2.1.2. *Riżorsi tal-Istat*

(154) Ir-responsabbiltà għall-pensjonijiet ġiet iffinanzjata mill-Istat, li ħa l-kompetenzi ta' DPLP fir-rigward tal-pensjonijiet.

(155) Peress li l-Istat iħallas direttament il-pensjonijiet tal-persunal li jkun irtira minn DPLP mill-baġit tiegħu stess, evidentement huwa rrikorra għar-riżorsi tal-Istat.

6.2.1.3. *Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(156) Il-miżuri ppreżentati aktar 'il fuq x'aktarx jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li DPLP huwa preżenti fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni, bħas-servizzi tat-tqassim tal-pakketti, li huma kkaratterizzati minn kummerċ transkonfinali importanti. Fis-suq tal-pakketti, huwa qed jiffaċċja kompetizzjoni minn intrapriżi li jwettqu attivitajiet fi Stati Membri oħrajn, bħal UPS, FedEx jew anke TNT Express. DPLP jwettaq ukoll attivitajiet fis-suq tad-distribuzzjoni tal-istampa, fejn joperaw jew jistgħu joperaw intrapriżi minn Stati Membri oħrajn. Id-distribuzzjoni tal-pakketti qatt ma kienet kompletament riżervata għal DPLP, u intrapriżi oħrajn diġà kienu joffru ċerti servizzi ta' distribuzzjoni ta' pakketti ([1]) jew servizzi postali speċifiċi oħrajn fil-bidu tas-snin disgħin ([2]). DPLP huwa preżenti wkoll fis-suq tas-setturi finanzjarji (kontijiet kurrenti postali, kontijiet ta' tfaddil u servizzi ta' ħlas), fejn qed jiffaċċja kompetizzjoni minn operaturi li joffru prodotti finanzjarji, bħal banek u operaturi finanzjarji. Il-kontijiet kurrenti u ta' tfaddil postali, li jintużaw kemm għal finijiet ta' ħlas kif ukoll ta' tfaddil, jikkompetu mal-kontijiet kurrenti u ta' tfaddil bankarji. Is-settur bankarju diġà kien miftuħ għall-kompetizzjoni qabel l-1992 u kien ikkaratterizzat minn kummerċ fuq skala kbira bejn l-Istati Membri. Banek ta' Stati Membri differenti ġew stabbiliti fil-Belġju qabel l-1992: dak iż-żmien, fil-fatt, kien hemm aktar minn 70 stabbiliment finanzjarju barrani fit-territorju tiegħu ([3]).

(157) Fir-rigward tal-premessi preċedenti, jidher ċar li kull miżura governattiva li tagħti vantaġġ ekonomiku lil DPLP tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(158) Minħabba raġunijiet li jidhru fil-premessi 141 sa 157, il-Kummissjoni tqis li r-responsabbiltà għall-pensjonijiet tikkostitwixxi għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.2.2. **Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3)(c), tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet**

(159) Fil-qafas tar-riforma tal-pensjonijiet tal-1997, ir-rimborż lill-Istat, minn DPLP, tal-kost nett annwali tal-pensjonijiet ġie ssostitwit minn kontribuzzjoni ta' rilaxx li tallinja l-ispejjeż tal-pensjonijiet li jġarrab DPLP ma' dawk tal-kompetituri tiegħu. Fin-nuqqas ta' din ir-riforma, il-livell tal-ispejjeż tal-pensjonijiet kien ikompli jiżdied mhux ħażin fis-snin ta' wara, speċjalment minħabba t-tnaqqis tal-proporzjon bejn l-uffiċjali attivi (kontribwenti) u l-uffiċjali mhux attivi (benefiċjarji) wara d-deċiżjoni ta' DPLP li ma jimpjegax aktar uffiċjali.

([1]) DHL ilu preżenti fil-Belġju mill-1978, FedEx mill-1984 u UPS mill-1988.

([2]) Is-Sentenza tad-19 ta' Mejju 1993 fil-Każ C-320/91, Corbeau, Ġabra 1993, p. I-2533.

([3]) Donald E. Fair, Robert Raymond, "The competitiveness of financial institutions and centres in Europe", Société universitaire européenne de recherches financières (Soċjetà universitarja Ewropea għar-riċerka finanzjarja), 1994, Kluwer Economic Publishers.

(160) Minħabba li d-derogi previsti fl-Artikolu 107(2) u fl-Artikolu 107(3)(a) u (b) tat-TFUE evidentement ma japplikawx u minħabba li l-Belġju ma invokax l-Artikolu 106(2) tat-TFUE b'appoġġ għall-kompatibbiltà tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet favur DPLP, il-Kummissjoni se teżamina jekk ir-responsabbiltà tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jistabbilixxi li l-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern meta din ma tbiddilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni.

(161) Il-Kummissjoni l-ewwel se teżamina safejn ir-responsabbiltà għall-ispejjeż kollha relatati mal-pensjonijiet tissodisfa għan ta' interess komuni u hija meħtieġa għal dan l-għan, qabel teżamina l-proporzjonalità ta' din il-miżura u tiżen l-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna.

6.2.2.1. *Il-liberalizzazzjoni tas-settur postali tikkostitwixxi għan ta' interess komuni*

(162) Il-liġi tal-Unjoni ilha tħeġġeġ liberalizzazzjoni dejjem akbar tas-settur postali mill-1992 bl-adozzjoni tal-*Green Paper*, li sussegwentement wasslet għall-adozzjoni ta' tliet direttivi, jiġifieri i) id-Direttiva 97/67/KE, ii) id-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-insegwiment tal-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-servizzi postali tal-Komunità [1] u iii) id-Direttiva 2008/6/KE. Huwa aċċettat ukoll li l-liberalizzazzjoni tas-swieq postali fil-livell tal-UE għandha rwol importanti x'taqdi fl-istrateġija ta' Lisbona favur it-tkabbir u l-impjiegi.

(163) Konsegwentement, huwa importanti li mhux biss ikun iggarantit il-forniment tas-servizzi postali bażiċi, kif jidher fil-kunċett tal-obbligu ta' servizz universali, iżda wkoll li jiġu implimentati kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali għall-operatur storiku, il-kompetituri eżistenti u dawk ġodda.

(164) Fid-Deċiżjoni dwar La Poste (ta' Franza), il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet li l-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet ugwali fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-operatur storiku u l-kompetituri tiegħu tikkostitwixxi kundizzjoni ewlenija bl-għan li jkun hemm kompetizzjoni ġusta fis-settur tal-posta. Din tqis li r-responsabbiltà għall-obbligi ta' finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali imposta fuq La Poste kienet kompatibbli mas-suq intern, billi s-sussidji pubbliċi jiggarantixxu rati ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ugwali għal La Poste u l-kompetituri tagħha. Il-Kummissjoni f'dan il-każ beħsieba ssegwi l-istess raġunament bħal dak applikat fil-Kapitolu 6.3 ta' din id-Deċiżjoni, li għandu jiġi kkunsidrat bħala applikabbli f'dan il-każ safejn ikun rilevanti.

6.2.2.2. *Il-ħtieġa tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet*

(165) Il-Kummissjoni tqis li t-trasformazzjoni ta' DPLP fl-1992 kienet meħtieġa biex tippromwovi l-kompetizzjoni fis-suq postali: din il-miżura fil-fatt poġġiet lil DPLP u lill-kompetituri tiegħu fuq bażi ugwali fir-rigward tal-forma ġuridika (u, b'dan il-mod, eliminat il-garanzija llimitata li kien igawdi minnha DPLP bħala entità pubblika).

(166) Madankollu, la l-Istat Belġjan, u lanqas ir-Régie des postes ma kienu akkumulaw riżervi li kienu jikkorrispondu mal-obbligazzjonijiet akkumulati fir-rigward tal-pensjonijiet. Sa mit-twaqqif tiegħu fl-1992, DPLP kompla jassumi l-obbligazzjonijiet fir-rigward tal-pensjonijiet, iżda ma ddaħħal l-ebda assi korrispondenti fil-kontijiet tiegħu biex dawn jiġu koperti.

(167) Il-ħlas tal-pensjonijiet għalhekk kien jikkostitwixxi piż progressivament tqil wisq għal DPLP, peress li l-età tal-irtirar kienet qed toqrob għal għadd ta' uffiċjali. Għalkemm ittieħdu xi miżuri (it-titjib tal-produttività, it-tnaqqis progressiv tal-persunal minħabba l-irtirar naturali, l-indiċjar tal-pagi) sabiex itejbu din is-sitwazzjoni, dan ma kienx ikun biżżejjed biex jistabbilixxi bilanċ sostenibbli għall-finanzi ta' DPLP (ara t-Tabella 3 t'hawn taħt).

(168) Dan l-aktar minħabba l-fatt li t-trasformazzjoni f'intrapriża rregolata bil-liġi privata kien jinvolvi wkoll, għal DPLP, li ma jiġux impjegati aktar uffiċjali u li jiġu reklutati biss aġenti kuntrattwali (soġġetti għal kuntratt ta' impjieg ġenerali u għad-dispożizzjonijiet tal-liġi tax-xogħol). DPLP konsegwentement, wara l-1997, kien ikollu jiffinanzja mid-dħul proprju tiegħu kemm l-infiq tal-pensjonijiet tal-uffiċjali rtirati kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali relatati mal-assigurazzjoni tal-pensjoni tal-aġenti kuntrattwali attivi tiegħu.

(169) It-tendenza negattiva tal-fluss ta' flus ta' DPLP kienet tiggrava matul is-snin, peress li l-pagamenti tal-pensjonijiet aktar għoljin kienu jkunu ogħla mid-dħul iġġenerat mill-attivitajiet tiegħu (ara T-tabella 3).

[1] ĠU C 176, 5.7.1992, p. 21.

*Tabella 3*

**Simulazzjonijiet tal-flussi ta' flus ta' DPLP mwettqa mill-awtoritajiet Belġjani fl-1996**




(1) Status quo: iż-żamma ta' numru ta' aġenti statutorji ta' DPLP, in-nuqqas ta' indiċjar tal-pagi, in-nuqqas ta' titjib tal-produttività
(2) Miżuri ta' titjib: produttività miżjuda, tnaqqis gradwali tal-persunal marbut mal-irtirar naturali, indiċjar tal-pagi
*Sors:* awtoritajiet Belġjani

(170) Huwa inkontestabbli li DPLP kien ikollu jiffaċċja spejjeż ħafna ogħla kieku kellu jiffinanzja l-pensjonijiet tal-uffiċjali rtirati kollha tiegħu mir-riżorsi tiegħu stess wara l-1997. Huwa ċar li mingħajr għajnuna, il-bidla minn status legali ta' amministrazzjoni pubblika għal intrapriża privata kienet tkun ipperikolata.

(171) Barra minn hekk, finanzjament mill-ġdid komplut tal-ispejjeż tal-pensjonijiet permezz ta' żieda fid-dħul iġġenerat mill-posta rregolata kien iwassal għal rati ta' posta għaljin ħafna u għal tnaqqis potenzjalment sinifikanti ħafna fin-numru ta' ittri mibgħuta b'tali mod li l-offerta ta' servizzi tal-posta universali kienet tkun ipperikolata.

(172) Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-miżuri inkwistjoni huma adattati għall-għan tagħhom ta' interess Komunitarju. L-ebda strument ieħor ma seta' jindirizza l-kwistjoni b'mod aktar effiċjenti. Fis-setturi fejn jeżisti SGEI, seta' ċertament jingħata kumpens ta' servizz pubbliku, iżda approċċ bħal dan mhux se jkunx sostenibbli fit-tul minħabba n-natura strutturali speċifika tal-problema.

(173) Fir-rigward tal-għanijiet ta' liberalizzazzjoni tas-swieq postali, li jikkonsistu b'mod partikolari mill-garanzija ta' offerta ta' servizzi postali universali ta' kwalità tajba bi prezzijiet jintlaħqu minn kulħadd, u meta jiġi kkunsidrat l-għan tal-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta, ir-responsabbiltà għall-pensjonijiet kienet miżura meħtieġa.

6.2.2.3. *Il-proporzjonalità tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet*

(174) Id-deċiżjoni dwar La Poste Franċiża turi l-valutazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-proporzjonalità tal-miżuri ta' għajnuna relatati mar-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-pensjonijiet li jġarrbu l-operaturi storiċi tas-settur postali li jkomplu jimpjegaw uffiċjali taħt kundizzjonijiet miftiehma meta kienu jinsabu f'sitwazzjoni ta' monopolju. Il-proporzjonalità għandha tiġi evalwata fir-rigward tal-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ġusti fis-swieq miftuħa għall-kompetizzjoni (pereżempju posta, pakketti u servizzi finanzjarji). L-operatur storiku irid iħallas rati ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali identiċi għal dawk tal-kompetituri tiegħu.

(175) Billi l-persunal kuntrattwali ta' DPLP legalment jinsab fl-istess sitwazzjoni bħall-impjegati ta' kwalunkwe intrapriża privata, kuntrarjament għall-persunal statutorju, li jgawdi minn status simili għal dak tal-uffiċjali, tqabbil tal-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa minn DPLP għal kull kategorija ta' impjegati jippermetti li jiġi vverifikat jekk dan josservax, minn meta m'għadux responsabbli għall-pensjonijiet, il-kundizzjoni relatata mal-pagament ta' rata ta' kontribuzzjonijiet soċjali identika għal dik tal-kompetituri tiegħu.

(176) It-tabella sommarja t'hawn taħt tippreżenta b'mod dettaljat l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali mħallsa minn DPLP għall-persunal statutorju u kuntrattwali tiegħu:

| Spejjeż tas-sigurtà soċjali mġarrba u mħallssa minn DPLP | Persunal statutorju | Persunal kuntrattwali |
|---|---|---|
| Kontribuzzjoni ta' DPLP għas-sistema ta' sigurtà soċjali, li tinkludi 8,86 % għall-pensjonijiet | […] % | […] % |
| **Spejjeż imġarrba direttament minn DPLP** | **[…] %** | **[…] %** |
| *Mard u diżabbiltà* | *[…] %* | *[…] %* |
| *Allowances tal-familja* | *[…] %* | — |
| **Kontribuzzjoni għall-ħlas ta' kumpensi** (1) | | **[…] %** |
| **Tnaqqis strutturali** (2) | | **[…] %** |
| **KONTRIBUZZJONI TAL-IMPJEGATUR totali** | **[…] %** | **[…] %** |
| **KONTRIBUZZJONI TAL-IMPJEGATI** | **[…] %** | **[…] %** |
| **Kontribuzzjoni tal-impjegat għas-sistema ġenerali ta' sigurtà soċjali** | **[…] %** | **[…] %** |

(1) Kontribuzzjoni għall-ħlas ta' benefiċċji: imħallsa biss għall-impjegati kuntrattwali

(2) Tnaqqis strutturali: it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegatur għall-persunal kuntrattawli sabiex titjieb il-kompetittività tal-Belġju, mogħti mingħajr kundizzjonijiet lill-impjegaturi Belġjani kollha

(177) Kif turi t-tabella t'hawn fuq, il-livell ta' kontribuzzjoni ta' DPLP għas-sistema ta' sigurtà soċjali Belġjana (persentaġġ nominali tal-ispejjeż tal-pagi) huwa tassew inqas minn dak tal-kontribuzzjoni tal-operaturi privati ([…] % flok […] %).

(178) Madankollu, jekk wieħed iqis l-spejjeż li jġarrab direttament l-impjegatur għall-finijiet tat-tqabbil tar-rati attwali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iż-żewġ persentaġġi huma kważi identiċi, u anke kemxejn ogħla għall-persunal statutorju ta' DPLP ([…] % flok […] %).

(179) Jista' jiġi nnutat ukoll li l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegati huma pjuttost identiċi fiż-żewġ każijiet ([…] % flok […] %).

(180) Ir-rata nominali tal-kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali inqas għolja mħallsa minn DPLP għall-persunal statutorju tiegħu hija minħabba l-eżenzjoni ta' ċerti kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li ma japplikawx għall-impjegati li jgawdu minn status ta' uffiċjali (pereżempju mard ikkaġunat mix-xogħol, qgħad, aċċident fuq ix-xogħol). Madankollu, DPLP stess iġarrab direttament l-ispejjeż tal-kontribuzzjonijiet li jgawdu mill-eżenzjoni minħabba l-istatus speċifiku tal-persunal statutorju tiegħu. Dan l-approċċ jinvolvi spejjeż diretti għoljin għal DPLP.

(181) Fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-impjegati stess, li wkoll għandha tiġi kkunsidrata peress li l-impjegati jridu jħallsu din il-kontribuzzjoni mill-paga mħallsa lilhom mill-impjegatur (kontribuzzjoni li għalhekk tirrappreżenta wkoll spiża għal dan tal-aħħar), din hija ftit ogħla għall-persunal statutorju milli għall-persunal kuntrattwali.

(182) L-awtoritajiet Belġjani u DPLP kkomunikaw informazzjoni li turi li l-kontribuzzjonijiet diretti baqgħu stabbli globalment matul iż-żmien.

(183) Għalkemm l-ispejjeż diretti li jġarrab direttament DPLP ([…] %) mhumiex strettament ekwivalenti għal kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat il-fatt li dawn l-ispejjeż mhumiex spejjeż volontarji, iżda jirriżultaw direttament mill-istatus partikolari tal-impjegati statutorji u li għalhekk kienu imposti fuq DPLP. Għalhekk jidher loġiku li dawn jiġu kkunsidrati bħal spejjeż oħrajn tas-sigurtà soċjali obbligatorji f'termini ta' oriġini u finalità.

(184) Konsegwentement jeħtieġ li jiġu kkunsidrati dawn l-ispejjeż diretti għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali attwali ta' DPLP. Ir-rata ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'daqqa li tirriżulta hi ftit ogħla għall-persunal statutorju ta' DPLP ([…] %). minn dik għall-persunal ta' intrapriżi tas-settur privat ([…] %).

6.2.2.4. *Test ta' bbilanċjar tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet*

L-effetti pożittivi tal-miżuri ta' għajnuna

(185) Ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet applikabbli għal DPLP kienet pass essenzjali fl-adattament tal-intrapriża għal-liberalizzazzjoni progressiva u bl-għan tal-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq postali Belġjan, li taqdi rwol importanti fil-qafas tal-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi.

(186) Fid-Deċiżjoni dwar La Poste, il-Kummissjoni indikat li l-liberalizzazzjoni tas-settur postali setgħet tkun aktar diffiċli jekk l-abbozzi ta' riforma tal-pensjonijiet (komparabbli ma' dik implimentata mill-Belġju) ma kienux approvati.

(187) Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-miżuri inkwistjoni, anke jekk ma jikkonċernawx sistema speċjali fir-rigward

tal-benefiċċji mħallsa lill-pensjonanti, jippermettu s-sostenibbiltà ta' mekkaniżmu ta' finanzjament li l-iżviluppi tal-passat kienu eliminaw mill-użu. Hija tqis li dawn il-miżuri għalhekk jidħlu fil-qafas aktar ġenerali tar-riforma tas-sistemi tal-pensjoni tal-Istati Membri, riforma mixtieqa kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Kummissjoni.

L-effetti negattivi tal-miżuri ta' għajnuna

(188) L-effetti negattivi tal-miżura jidhru limitati peress li, meta jiġi kkunsidrat il-passat ta' DPLP u tal-attivitajiet tiegħu, jidher biċ-ċar li parti kbira mill-impenji tiegħu fir-rigward tal-pensjoni hija relatata mal-attivitajiet fis-settur riżervat, fejn id-distorsjoni tal-kompetizzjoni hija limitata fiha nnifisha.

(189) Il-miżura inkwistjoni tista' teoretikament tippermetti lil DPLP li jżomm pożizzjoni dominanti. Madankollu, il-Kummissjoni tqis dan ir-riskju bħala baxx peress li l-miżuri huma limitati biex jallinjaw il-kontribuzzjonijiet imħallsa minn DPLP ma' dawk tal-kompetituri tiegħu.

(190) Minn dan t'hawn fuq jirriżulta li l-effetti negattivi tal-għajnuna mogħtija lil DPLP huma limitati, meta mqabbla mal-effetti pożittivi tal-miżura.

(191) Peress li l-miżuri huma limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ugwali fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u jtemmu distorsjoni fil-kompetizzjoni li kienet ta' żvantaġġ għal DPLP, dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet kummerċjali f'miżura kuntrarja għall-interess komuni.

(192) Konsegwentement, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura tar-responsabbiltà għall-pensjonijiet adottata fl-1997 tista' tiġi kkunsidrata bħala għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, peress li DPLP ma jinsabx f'pożizzjoni aħjar minn operaturi oħrajn fir-rigward tal-ispejjeż tas-sigurtà soċjali tal-persunal statutorju tiegħu.

## 6.3. VALUTAZZJONI TAL-KUMPENS TA' SERVIZZ PUBBLIKU U MIŻURI OĦRAJN

### 6.3.1. **L-eżistenza ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

#### 6.3.1.1. *Vantaġġ u selettività*

Kumpensi annwali

(193) Fir-rigward tal-kumpens tal-ispejjeż ta' servizz pubbliku, is-Sentenza *Altmark* [1] tistabbilixxi l-kriterji li jrid jissodisfa intervent pubbliku biex ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala kumpens tal-obbligi ta' servizz pubbliku u jevita l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(194) F'dan il-każ, dawn il-kriterji, u b'mod aktar partikolari r-raba' kriterju, mhumiex sodisfatti: l-għażla ta' DPLP ma saritx fil-qafas ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani ma urewx li l-livell tal-kumpens kien ġie stabbilit fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li intrapriża medja mmexxija tajjeb u li jkollha mezzi adegwati, kienet iġġarrab biex twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku li huma meħtieġa minnha u l-Kummissjoni m'għandha l-ebda indikazzjoni jew informazzjoni li juru li r-raba' kriterju huwa sodisfatt.

(195) Peress li l-kumpensi annwali taw vantaġġ lil intrapriża waħda biss u għamlu disponibbli riżorsi addizzjonali għal din l-intrapriża, il-miżura tat vantaġġ selettiv lil DPLP.

(196) Injezzjonijiet ta' kapital fl-1997: l-awtoritajiet Belġjani rrikonoxxew li l-injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-1997 li jammontaw għal EUR 62 miljun fir-realtà jikkostitwixxu l-ħlas differit ta' kumpens tal-SGEI dovut għas-sena 1996. Dawn l-injezzjonijiet konsegwentement iridu jiġu evalwati fuq l-istess bażi bħall-kumpensi annwali. Peress li l-kundizzjonijiet differenti stabbiliti fis-Sentenza Altmark mhumiex sodisfatti, il-miżura tat vantaġġ selettiv lil DPLP.

Injezzjonijiet ta' kapital:

(197) Injezzjonijiet ta' kapital fl-2003: L-awtoritajiet Belġjani ddikjaraw li l-injezzjoni ta' kapital li saret fl-2003 (EUR 297,5 miljun) kienet tosserva l-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq u għalhekk ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Skont dawn, din l-injezzjoni kellha l-għan li ssaħħaħ il-fondi proprji ta' DPLP għall-bini u l-modernizzazzjoni ta' ċentri tal-issortjar, it-titjib fir-rotot ta' distribuzzjoni tal-posta u l-awtomazzjoni. Il-fondi injettati kellhom ukoll l-għan li jkopru spejjeż tal-persunal li jirriżultaw mit-tnaqqis fl-għadd ta' impjegati marbuta ma' sistema ta' rtirar kmieni, ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u żieda fil-pagi offruti lill-membri ġodda tal-persunal.

(198) Biex juru li din l-injezzjoni ta' kapital kienet tikkonforma mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq, l-awtoritajiet Belġjani wettqu previżjonijiet ta' profitt fil-qafas tal-pjan strateġiku tagħhom, li wrew livell ta' profitt ogħla mill-ispiża ta' kapital li jkun jeħtieġ investitur privat.

(199) Il-projezzjonijiet u l-kalkolu tal-qligħ magħmul mill-awtoritajiet Belġjani huma bbażati fuq il-futur, huma dettaljati ħafna u jikkonformaw mal-metodu li jkun jagħmel użu minnu investitur privat:

1. ir-redditu ġie kkalkolat permezz tal-metodu tal-flussi ta' flus futuri skontati, li jqis it-tkabbir futur tal-intrapriża u l-kapaċità tal-investimenti li jiġġeneraw qligħ u flussi ta' flus għall-azzjonisti tagħhom;

[1] Il-Każ C-280-00, *Altmark Trans GmbH*, iċċitat aktar 'il fuq.

2. ġew previsti tliet xenarji differenti: xenarju ottimist, xenarju pessimist u l-aktar xenarju probabbli, finalment aċċettat biex tiġi vvalutata s-sensibilità tal-projezzjonijiet;

3. il-projezzjonijiet jindikaw żieda fil-marġni ta' profitt ta' […] % fl-2007 (ara t-Tabella 4) u rata ta' redditu intern skontat ta' […] % għall-perjodu mill-2003 sal-2012 (ara t-Tabella 5), jiġifieri rata ogħla minn dik ta' […] % indikata minn espert indipendenti (Banque Degroof) bħala l-marġni ta' profitt li l-investituri privati tas-settur postali kienu jqisu bħala adegwata.

*Tabella 4*

**projezzjonijiet *ex ante* tal-profitt għall-perjodu mill-2003 sal-2007 mwettqa mill-awtoritajiet Belġjani**

(…)

*Sors*: awtoritajiet Belġjani

*Tabella 5*

**kalkolu tar-rata ta' redditu intern *ex ante* imwettaq mill-awtoritajiet Belġjani għall-aktar xenarju probabbli**

(…)

*Sors*: awtoritajiet Belġjani

(200) Jista' jiġi nnutat ukoll li s-saħħa tal-projezzjonijiet ġiet validata globalment mir-riżultati finanzjarji miksuba matul is-snin segwenti (ara t-Tabella 6). Minħabba din iż-żieda fir-redditu, DPLP beda jiddistribwixxi dividendi sa mill-2007.

*Tabella 6*

**Profitt *ex post* għall-perjodu bejn l-2003 u l-2007**

(…)

*Sors*: l-awtoritajiet Belġjani

(201) Ir-riżultati rreġistrati matul perjodu ta' għaxar snin ukoll huma konformi mal-previżjonijiet tal-2003, peress li r-rata ta' redditu intern *ex post* għandha tkun ta' […] %, jiġifieri livell ogħla minn dak ta' […]% previst fl-2003.

(202) Għalkemm ir-redditu mill-investiment magħmul mill-Istat Belġjan jidher li huwa biżżejjed biex jikkonferma l-osservanza, minn dan l-investiment, tal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq, jeħtieġ li jiġi nnutat li d-dħul skontat, li jservi biex jiġi evalwat dan ir-redditu, kien jinkludi għajnuna mill-Istat u, b'mod partikolari, il-kumpensi annwali mħallsa lil DPLP.

(203) Madankollu, dawn il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat qed isegwu b'mod evidenti għanijiet differenti u m'għandhom l-ebda rabta kronoloġika mal-injezzjoni ta' kapital imwettqa fl-2003.

(204) Barra minn hekk, l-inċertezza li setgħet tirriżulta għal investitur privat mill-għajnuna mhux notifikata favur DPLP tnaqqset bl-awtorizzazzjoni formali tal-injezzjoni ta' kapital mogħtija mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha tal-2003. Fil-mument tat-twettiq tal-investiment, kull investitur privat bi prospettivi tajba ta' redditu probabbilment kien jieħu r-riskju li jwettaq dan l-investiment wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni favorevoli tal-Kummissjoni, anke jekk din id-deċiżjoni tkun għadha mhix finali. Biex jieħu din id-deċiżjoni, investitur privat ma kienx jistenna diversi snin, jew sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza u tal-Qorti. Konsegwentement, l-annullament sussegwenti ta' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxi avveniment li ma kienx prevedibbli fil-mument li fih sar l-investiment, iżda li żgur deher ftit probabbli, peress li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huma kkunsidrati bħala legali sakemm ma jkunux ġew annullati.

(205) Il-Kummissjoni konsegwentement hija tal-fehma li l-injezzjoni ta' kapital magħmula fl-2003 tista' tiġi kkunsidrata bħala konformi mal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq u li ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(206) Injezzjoni ta' kapital fl-2006: L-awtoritajiet Belġjani ddikjaraw li l-injezzjoni ta' kapital li saret fl-2006 (li tammonta għal EUR 40 miljun) kienet tosserva l-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq u għalhekk ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(207) Din l-injezzjoni saret taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għal investitur privat. iż-żieda fil-kapital ta' DPLP ġiet sottoskritta mill-Istat (EUR 40 miljun) u minn Post Invest Europe (EUR 300 miljun), bi prezz ekwivalenti għal kull sehem (*pari passu*). Post Invest Europe f'dak iż-żmien kien investitur estern li ma kellu l-ebda rabta ma' DPLP jew mal-Istat Belġjan.

(208) Barra minn hekk, il-prezz tal-ħruġ tal-ishma ġie stabbilit b'mod korrett. Biex jiġi stabbilit il-prezz tal-ishma l-ġodda maħruġa, il-bank tal-investiment imqabbad mill-awtoritajiet Belġjani ta stima tal-valur totali ta' DPLP ta' bejn EUR […] u […]. L-Istat fl-aħħar żamm il-figura ta' EUR […] għall-intrapriża kollha qabel l-injezzjonijiet ta' kapital. L-ipoteżi dwar il-livell ta' redditu u ta' riskju fuq il-bażi ta' pjan ta' intrapriża komuni kienu jistrieħu bħala tali fuq kunsiderazzjonijiet relatati mat-titjib tal-profitti fit-tul. Ir-riżultati rreġistrati sussegwentement minn DPLP wara ż-żieda fil-kapital tal-2006 (ara hawn taħt) jikkonfermaw huma wkoll is-saħħa tas-suppożizzjonijiet u tal-parametri kkunsidrati meta ttieħdet id-deċiżjoni tal-investiment.

*Tabella 7*

**ir-riżultati ta' DPLP bejn l-2006 u l-2010**

(…)

*Sors*: l-awtoritajiet Belġjani

(209) Il-Kummissjoni tqis li l-injezzjoni ta' kapital li saret fl-2006 li tammonta għal EUR 40 miljun tikkonforma b'mod ċar mal-imġiba ta' investitur f'ekonomija tas-suq u għalhekk ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

Eżenzjonijiet mit-taxxi

(210) L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva, għalkemm setgħet tagħti vantaġġ lil DPLP minħabba t-tnaqqis possibbli fl-ammont tat-taxxa li kieku kien ikollu jħallas, ma ħolqot l-ebda vantaġġ konkret: fil-fatt, mill-1992 sal-2005, sena li matulha din l-eżenzjoni tneħħiet, ir-riżultat akkumulat ta' DPLP wara t-taxxa kien negattiv. Għalkemm ir-riżultat nett tiegħu, f'xi snin, kien pożittiv, il-kreditu tat-taxxa li kien jiġi ttrasferit minn sena għall-oħra kirn jippermetti lil DPLP li ma jħallasx taxxa, anke jekk kien ikun soġġett għas- sistema ta' taxxa korporattiva. Din l-eżenzjoni konsegwentement mhix eżaminata aktar fid-dettall f'din id-Deċiżjoni.

(211) L-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-proprjetà u mit-taxxa lokali, għall-kuntrarju, jqiegħdu lil DPLP f'pożizzjoni aktar favorevoli minn dik tal-intrapriżi l-oħra, peress li dawn itaffu l-obbligazzjonijiet li normalment kien ikun responsabbli għalihom. Dawn konsegwentement jagħtuh vantaġġ selettiv.

It-trasferiment ta' proprjetà immobbli

(212) L-awtoritajiet Belġjani argumentaw li t-trasferiment ta' proprjetà immobbli rriżulta minn riorganizzazzjoni interna tal-assi li jappartjenu lill-Istat, peress li DPLP dak iż-żmien kien jappartjeni kollu kemm hu għall-Istat. Madankollu, it-trasferiment ta' proprjetà immobbli għamel disponibbli għal DPLP assi ġodda li qabel kienu tal-Istat. DPLP diġà kien juża din il-proprjetà immobbli meta kienet tal-Istat, iżda ma kienx il-proprjetarju legali.It-trasferiment tad-dritt ta' sjieda legali ta lil DPLP, intrapriża separata mill-Istat, id-drittijiet ta' sjieda fuq il-proprjetà immobbli. Għalhekk DPLP kiseb riżorsi addizzjonali meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel it-trasferiment. Din il-miżura għalhekk tatu vantaġġ selettiv.

Il-garanzija tal-Istat

(213) Fin-nuqqas ta' garanzija tal-Istat, DPLP ma setax jikseb self taħt l-istess kundizzjonijiet. L-awtoritajiet Belġjani stmaw li r-rati tas-suq kienu jkunu sa 40 punt bażi aktar għoljin, filwaqt li l-primjum imħallas lill-Istat kien ta' 25 punt bażi.

(214) B'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar l-għajnuna mill-Istat forma ta' garanziji ([1]) [il-punt 33.2.d], "it-teħid ta' riskju mill-Istat għandu normalment jitħallas permezz ta' premium xieraq fuq l-ammont tal-garanzija jew il-kontragaranzija. Meta l-prezz imħallas għall-garanzija jkun mill-anqas għoli daqs il-limitu ta' premium ta' garanzija korrispondenti li jkun hemm fis-swieq finanzjarji, il-garanzija ma tkunx tinkludi għajnuna. Jekk fis-swieq finanzjarji ma jinstab l-ebda limitu tal-premium tal-garanzija li jikkorrispondi, l-ispiża finanzjarja totali tas-self garantit, inkluż ir-rata ta' imgħax tas-self u tal-premium tal-garanzija, għandha tiġi mqabbla mal-prezz tas-suq ta' self simili li m'huwiex garantit. Peress li l-primjum ma jidhirx li huwa konformi mas-suq, il-garanzija tal-Istat ippermettiet li DPLP jikseb finanzjament għal spiża inqas minn dik li bħala regola kien ikollu jġarrab.

(215) Konsegwentement, il-miżura tat vantaġġ selettiv lil DPLP, ugwali għad-differenza bejn ir-rata tal-imgħax li DPLP kien ikollu jħallas fin-nuqqas ta' garanzija tal-Istat u r-rata tal-imgħax attwali flimkien mal-primjum imħallas għall-garanzija. Il-vantaġġ miksub kien ta' 15-il punt bażi fuq il-kapital pendenti kull sena. Il-vantaġġ għalhekk jista' jiġi stmat għal EUR 1,5 miljun fuq il-perjodu kollu tas-self.

6.3.1.2. *L-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat*

Il-kumpens annwali tal-SGEI, inklużi l-injezzjonijiet ta' kapital tal-1997

(216) Il-kumpens annwali tal-SGEI ġie ffinanzjat fuq il-baġit tal-Istat Belġjan b'mod konformi mal-kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi konklużi bejn DPLP u l-Istat Belġjan. Skont l-informazzjoni li ntbagħtet mill-Istat Belġjan, l-injezzjonijiet ta' kapital tal-1997 jirrappreżentaw *de facto* kumpens tal-SGEI u konsegwentement huma inklużi f'din il-parti tad-Deċiżjoni.

Eżenzjonijiet mit-taxxa

(217) L-eżenzjonijiet mit-taxxa wasslu għal tnaqqis fid-dħul mit-taxxa tal-Istat minħabba t-tnaqqis fid-dħul li kien jiġġenera l-Istat fin-nuqqas ta' dawn l-eżenzjonijiet. Għalhekk dawn jinvolvu trasferiment ta' riżorsi tal-Istat li jikkonsisti f'telf tad-dħul mit-taxxa għall-Istat Belġjan.

It-trasferiment ta' proprjetà immobbli

(218) Il-proprjetà immobbli ttrasferita lil DPLP qabel kienet tal-Istat. Dan ċeda s-sjieda tagħha lil DPLP, u b'dan il-mod naqqas l-assi proprji tiegħu u żied dawk ta' DPLP. Il-miżura għalhekk tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

Il-garanzija tal-Istat

(219) Il-garanzija relatata mas-self ingħatat mill-Istat li ħa r-riskji fuq il-baġit tiegħu stess mingħajr kontroparti; din għalhekk tikkostitwixxi riżors tal-Istat forma ta' dħul mhux miġbur.

([1]) ĠU C 155, 29.7.2009, p. 10.

Id-dħul iġġenerat mis-servizzi ta' distribuzzjoni tal-posta ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat.

(220) Id-dħul iġġenerat mis-servizzi ta' distribuzzjoni tal-posta ma jikkostitwixxux dħul tal-Istat, b'konformità mas-sentenza Preussen Elektra ([1]), peress li l-prezzijiet imħallsa mill-utenti huma ffinanzjati mill-fondi proprji tagħhom stess, li mhumiex ikkontrollati mill-Istat.

(221) Madankollu, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà, dan id-dħul huwa direttament marbut mal-forniment ta' servizz ta' interess ġenerali fis-settur postali u għalhekk iridu jiġi kkunsidrat, b'konformità mal-punt 17 tal-Qafas tal-SGEI u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 97/67/KE, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità tal-kumpens.

6.3.1.3. *Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(222) Il-miżuri jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri għall-istess raġunijiet bħal dawk indikati fil-premessa 6.2.1.3.

6.3.1.4. *Sommarju tal-miżuri ta' għajnuna*

(223) Minħabba r-raġunijiet spjegati fil-premessi 6.3.1.1 sa 6.3.1.3, il-miżuri li ġejjin jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE:

(a) kumpens annwali tal-SGEI (1992-2010);

(b) injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-1997;

(c) L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà (1992-2005);

(d) it-trasferiment ta' proprjetà immobbli fl-1992;

(e) il-garanzija mogħtija mill-Istat fl-2004.

6.3.2. **Għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) tat-TFUE**

(224) Xi miżuri eżaminati f'dan il-każ jistgħu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 108(1) tat-TFUE.

6.3.2.1. *L-eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva u mit-taxxa fuq il-proprjetà*

(225) L-eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva u mit-taxxa fuq il-proprjetà kienu ta' vantaġġ għal DPLP meta dan kien għadu amministrazzjoni pubblika, jiġifieri qabel l-1971, u jippreċedu l-adeżjoni tal-Belġju fil-KEE. Dawn ma ġewx emendati minn dak iż-żmien 'l hawn. Dawn il-miżuri għalhekk jikkostitwixxu għajnuna eżistenti.

(226) L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva tneħħiet fl-2005, filwaqt li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà għadha tapplika.

6.3.2.2. *Il-liberalizzazzjoni tas-suq postali*

(227) Skont l-awtoritajiet Belġjani, il-miżuri kollha li ttieħdu qabel il-liberalizzazzjoni tas-swieq postali fl-1999 għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti. Madankollu, il-miżuri inkwistjoni taw vantaġġ lill-attivitajiet kollha ta' DPLP, li kien preżenti fi swieq kompetittivi (bħas-swieq tad-distribuzzjoni tal-pakketti u tas-servizzi finanzjarji) ħafna qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 97/67/KE fl-1999. Konsegwentement, b'konformità mas-sentenza Alzetta ([2]), għajnuna bħal din ma tistax tiġi kkunsidrata bħala waħda li saret għajnuna eżistenti minħabba l-iżvilupp tas-suq intern: din tista' tiġi kkunsidrata bħala għajnuna eżistenti għal benefiċjarju partikolari safejn kien iwettaq attivitajiet biss fi swieq li ma kinux miftuħa għall-kompetizzjoni meta l-għajnuna ġiet implimentata.

(228) Dan l-argument konsegwentement ma jistax jiġi aċċettat mill-Kummissjoni.

6.3.2.3. *Perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin*

(229) L-allegazzjoni li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin għandu jibda mill-ftuħ ta' din il-proċedura ta' investigazzjoni formali, fl-2009, lanqas mhi se tiġi aċċettata. Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2009 ma annullatx l-atti ta' investigazzjoni kollha preċedenti. Din implikat biss li dawn l-atti kellhom iġiegħlu lill-Kummissjoni tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ([3]).

(230) Għall-kuntrarju, peress li l-Kummissjoni wettqet l-ewwel att ta' investigazzjoni tagħha fit-23 ta' Diċembru 2002, meta bagħtet l-ewwel talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Belġjani, il-miżuri implimentati qabel it-23 ta' Diċembru 1992 iridu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti.

6.3.3. **Il-kompatibbiltà tal-kumpens tal-SGEI fir-rigward tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE**

(231) Il-kompatibbiltà tal-kumpens tal-SGEI hija evalwata fir-rigward tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u l-qafas tal-SGEI. Il-qafas tal-SGEI huwa applikabbli mid-dħul fis-seħħ tiegħu, fid-29 ta' Novembru 2005. Peress li dan essenzjalment jikkonsisti f'kodifikazzjoni tar-regoli li diġà kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, xorta se ssir referenza għalih waqt il-valutazzjoni ta' miżuri li ttieħdu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

([1]) Is-Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 fil-Każ C-379/98, *PreussenElektra AG v Schhleswag AG* (Ġabra 2001, p I-2099).

([2]) Każijiet konġunti T-298/97, T-312/97, T-313/97, T-315/97, T-600/97 sa T-607/97, T-1/98, T-3/98 à T-6/98, T-23/98, Alzetta Mauro e.a. v il-Kummissjoni, Ġabra 2000, p. II-2319.

([3]) Is-Sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 fil-Każ T-301/01, Alitalia - Linee aeree italiane SpA v. il-Kummissjoni, Ġabra 2008, p. II-1753, il-punti 98, 99 u 100.

6.3.3.1. *L-ambitu tal-valutazzjoni stabbilit fuq il-bażi tal-mandat mogħti mill-kuntratti ta' ġestjoni*

(232) Fl-osservazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet Belġjani u DPLP opponew bil-qawwa l-fatt li l-Kummissjoni, f'konformità mal-approċċ preċedenti għall-valutazzjoni ta' każijiet oħrajn dwar l-għajnuna mogħtija illegalment fil-passat, wettqet analiżi globali ta' kull għajnuna mogħtija lil DPLP fil-perjodu kollu, li jqis li din l-għajnuna ffinanzjat il-missjonijiet kollha ta' servizz pubbliku fdati lill-intrapriża mingħajr l-ebda distinzjoni L-awtoritajiet Belġjani u DPLP insistew li f'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li ġie osservat f'każi oħrajn, il-kuntratti ta' ġestjoni li kkonkludew kienu jilimitaw b'mod strett il-qasam tal-attivitajiet ta' DPLP li kellhom jibbenefikaw minn għajnuna, bl-istess mod bħall-ammonti ta' għajnuna li setgħu jistennew dawn l-attivitajiet ([1]).

(233) Il-Kummissjoni tqis li l-kuntratti ta' ġestjoni inkwistjoni jistabbilixxu b'mod strett id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-Istat u tal-benefiċjarju tal-għajnuna billi jistabbilixxu parametri ta' kalkolu tal-kumpens li jista' jistenna dan tal-aħħar għall-attivitajiet speċifiċi elenkati u għall-perjodi li huma indikati. Konsegwentement, il-Kummissjoni se tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-kuntratti ta' ġestjoni differenti.

(234) L-SGEI li għalihom il-kompatibbiltà tal-għajnuna trid tiġi kkontrollata huma stabbiliti fil-mandati stabbiliti mill-Istat Membru. Il-missjonijiet ta' servizz pubbliku li jrid iwettaq DPLP għandhom jiġu fdati lilu mill-atti amministrattivi suċċessivi li japprovaw il-kuntratti ta' ġestjoni ffirmati mal-Istat bejn wieħed u ieħor kull ħames snin. Dawn il-kuntratti jiżviluppaw u jikkumpletaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi postali nazzjonali.

(235) Kull kuntratt ta' ġestjoni suċċessiv jikkostitwixxi mandat separat li jiddeskrivi l-missjonijiet ta' servizz pubbliku li jrid iwettaq DPLP u jistabbilixxi t-tul ta' żmien tal-mandat, kif ukoll il-parametri li fuq il-bażi tagħhom huwa kkalkolat il-kumpens li għandu jitħallas mill-Istat. Il-kuntratti ta' ġestjoni jispeċifikaw l-attivitajiet li huma kkunsidrati fil-kalkolu tal-ammont tal-kumpens finanzjarju mogħti mill-Istat.

(236) Il-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna trid tiġi evalwata fir-rigward tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, peress li l-kumpens ingħata biex jiġu ffinanzjati spejjeż li jirriżultaw mit-twettiq ta' missjonijiet ta' servizz pubbliku. Il-kumpens kien ikun kompatibbli kieku ma jikkumpensax b'mod eċċessiv l-ispejjeż addizzjonali mġarrba minn DPLP fit-twettiq ta' missjonijiet ta' servizz pubbliku fdati lilu mill-kuntratti ta' ġestjoni, inkluż benefiċċju raġonevoli. Kull kumpens żejjed għandu jiġi rkuprat.

(237) L-ambitu tal-valutazzjoni tal-kumpens żejjed jinkludi l-SGEI li għalihom jiġi pprovdut kumpens mid-dispożizzjonijiet tal-kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi.

(238) Jeħtieġ li jiġi nnutat li fid-dispożizzjonijiet tal-kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi hemm xi differenzi. Konsegwentement, il-kumpens żejjed irid jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' parametri speċifiċi stabbiliti f'kull kuntratt.

*L-attivitajiet li jibbenefikaw minn għajnuna taħt l-ewwel kuntratt ta' ġestjoni jinkludu s-servizzi pubbliċi kollha*

(239) Fl-ewwel kuntratt ta' ġestjoni (1992 sal-1996), il-kumpens tal-SGEI ikopri s-servizzi pubbliċi kollha. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ewwel kuntratt ta' ġestjoni ma jaqsmux il-kumpens bejn is-servizzi pubbliċi differenti skont jekk ikunux eliġibbli jew le għal kumpens skont dan il-kuntratt.

(240) Konsegwentement, jeħtieġ li jitqies li l-kumpens previst minn dan il-kuntratt ikopri l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mit-twettiq tal-missjonijiet kollha ta' servizz pubbliku, mingħajr distinzjoni. Għal dan il-perjodu, il-kontroll tal-kumpens żejjed possibbli għalhekk se jkun japplika għall-miżuri kollha ta' servizz pubbliku: is-servizz postali universali (obbligu ta' servizz universali/OSU), kif ukoll id-distribuzzjoni tal-istampa u ta' missjonijiet oħrajn fdati lil DPLP.

*L-attivitajiet li jibbenefikaw minn għajnuna taħt it-tieni, it-tielet u r-raba' kuntratti ta' ġestjoni jinkludu d-distribuzzjoni tal-istampa u missjonijiet oħrajn li huma intitolati għal kumpens*

(241) Kuntrarjament għall-ewwel kuntratt ta' ġestjoni, it-tieni, it-tielet u r-raba' kuntratti ta' ġestjoni jirriżervaw l-għajnuna għal ċerti SGEI speċifikati fihom. L-SGEI intitolati għal kumpens huma: id-distribuzzjoni ta' gazzetti ta' kuljum u perjodiċi, kif ukoll is-servizzi pubbliċi l-oħrajn

([1]) L-osservazzjonijiet tat-29.3.2011, il-punti 3 u 4:
"3. Minbarra l-obbligu ta' servizz universali, iżda indipendentement minnu, La Poste kienet u għadha inkarigata minn ċerti SGEI partikolari minbarra d-distribuzzjoni tal-posta, bħall-ħlas id-dar tal-pensjonijiet u allokazzjonijiet għal persuni b'diżabbiltà, id-distribuzzjoni tal-formoli elettorali u, fuq kollox, id-distribuzzjoni tal-gazzetti ta' kuljum u tal-perjodiċi. Dawn l-SGEI, globalment iġġeneraw spejjeż netti li, essenzjalment, kienu koperti mill-kumpens imħallas mill-Istat bħala kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi konklużi ma' La Poste.
4. Konsegwentement, għall-finijiet tal-finanzjament, il-leġiżlazzjoni postali Belġjana dejjem għamlet distinzjoni bir-reqqa bejn l-obbligu ta' servizz universali u l-SGEI l-oħrajn (mhux tal-posta). Il-kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi konklużi bejn l-Istat u La Poste għalhekk organizzaw il-kumpensi perjodiċi mħallsa mill-Istat biex ikopru l-ispejjeż netti kkawżati mill-SGEI (mhux tal-posta), ħlief għall-obbligu ta' servizz universali. "
Għall-kuntrarju, dispożizzjoni statutorja speċifika ttrattata separatament mill-possibbiltà li jiġi ffinanzjat l-obbligu rappreżentat mill-obbligu ta' servizz universali, sa dan l-aħħar permezz tal-ħolqien potenzjali ta' fond ta' kumpens u, mill-2011, permezz tal-possibbiltà li jingħata sussidju dirett konformi mal-kundizzjonijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 97/67/KE, emendata mid-Direttiva 2008/6/KE. Madankollu, dan il-fond ta' kumpens qatt ma ġie attivat u l-Istat Belġjan qatt ma pprovda sussidju dirett għall-obbligu ta' servizz universali li għamel it-telf.

elenkati fil-premessa (33). Il-klawżoli li jistabbilixxu s-servizzi li jibbenefikaw minn għajnuna jidhru fil-kuntratti ta' ġestjoni: l-Artikolu 7 tat-tieni kuntratt ta' ġestjoni, l-Artikolu 15 tat-tielet kuntratt ta' ġestjoni u l-Artikoli 12 u 13 tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni.

(242) Is-servizz postali universali, għall-kuntrarju, ma jibbenefika minn ebda kumpens taħt il-kuntratti ta' ġestjoni, ħlief għall-ewwel wieħed.

(243) L-ispejjeż u d-dħul relatati mas-servizz postali universali għalhekk mhumiex ikkunsidrati fil-kalkolu tal-kumpens żejjed, ħlief, jekk ikun il-każ, il-profitt żejjed li jiġi mis-settur riżervat ([1]).

6.3.3.2. *Il-kalkolu tal-kumpens żejjed*

(244) Minħabba d-differenzi bejn il-mandati ta' servizz pubbliku msemmija fil-premessi 239 sa 243, il-kumpens żejjed possibbli jiġi kkalkolat b'mod separat għall-ewwel kuntratt ta' ġestjoni u t-tliet kuntratti ta' ġestjoni sussegwenti.

Profitt raġonevoli

(245) Minbarra l-kopertura tal-ispejjeż li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, il-qafas tal-SGEI jipprevedi wkoll il-kumpens b'rata ta' remunerazzjoni raġonevoli ([2]).

(246) Il-punt 18 tal-qafas tal-SGEI jgħid li profitt raġonevoli, "għandha tfisser rata ta' imgħax fuq il-kapital proprju li għandha tqis ir-riskju, jew in-nuqqas tar-riskju, li impriża jkollha skont intervent mill-Istat Membru, partikularment jekk dan tal-aħħar jagħti drittijiet esklussivi jew speċjali. Normalment, din ir-rata ma tistax taqbeż ir-rata medja tas-settur konċernat matul is-snin preċedenti. Fis-settur fejn ma tkun teżisti l-ebda impriża komparabbli ma' dik li lilha tkun ingħatat il-ġestjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, din tista' titqabbel ma' impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, jew, jekk ikun hemm bżonn, minn setturi oħra, bil-kundizzjoni li l-karatteristiċi partikulari ta' kull impriża jitqiesu. Biex jiġi ddeterminat profitt raġonevoli, l-Istat Membru jista' jintroduċi kriterji li jagħtu inċentiv, marbuta notevolment mal-kwalità tas-servizz u maż-żieda fil-produzzjoni."

([1]) Ara l-premessi 349 u dawk sussegwenti.

([2]) Il-punt 17 tal-Qafas tal-SGEI jipprovdi hekk: "Id-dħul li għandu jiġi kkunsidrat irid mill-inqas jinkludi d-dħul kollu mis-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Jekk l-impriża inkwestjoni jkollha drittijiet speċjali jew esklussivi marbuta ma' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li jiġġeneraw profitti aktar mill-profitt raġonevoli, jew benefiċċji mill-vantaġġi l-oħra mogħtija mill-Istat, dawn iridu jiġu kkunsidrati, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE, u miżjuda mad-dħul tagħha."

(247) Il-livell rilevanti ta' profitt raġonevoli għalhekk irid jintgħażel billi jiġu kkunsidrati diversi parametri, b'mod partikolari r-rata medja għas-settur ikkonċernat, ir-riskju relatat mal-attivitajiet tal-intrapriża, u jekk ikun meħtieġ, il-kriterji ta' inċentiv marbuta mal-kumpanija inkwistjoni.

(248) Biex jiġi stabbilit livell ta' profitt raġonevoli, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq diversi studji minn esperti, li huma ppreżentati f'aktar dettall hawn taħt. Fuq il-bażi tal-istudji u tal-livell ta' riskju ta' kull kuntratt ta' ġestjoni, il-Kummissjoni stabbiliet firxa ta' livelli ta' profitt raġonevoli għal DPLP għal, minn naħa, id-distribuzzjoni tal-posta u, min-naħa l-oħra, id-distribuzzjoni tal-istampa għal kull wieħed mill-erba' kuntratti ta' ġestjoni. Dawn l-istudji għandhom komuni l-fatt li jippruvaw jistabbilixxu gruppi ta' intrapriżi komparabbli biżżejjed f'termini ta' attivitajiet u ta' profil ta' riskju meta mqabbla mal-operatur postali storiku inkwistjoni u li jistabbilixxu livell ta' profitt ta' referenza għal dan tal-aħħar abbażi tal-benefiċċprofitti osservati f'dawn l-intrapriżi komparabbli.

(249) Fir-rigward tar-riskju b'mod partikolari, il-Kummissjoni tenfasizza li DPLP, matul il-perjodu kollu eżaminat, kien qed jiffaċċja kompetizzjoni dgħajfa jew ineżistenti għall-parti l-kbira tal-attivitajiet tiegħu, kemm peress li kien igawdi minn monopolju legalment protett (dan japplika għall-biċċa l-kbira tas-servizzi ta' distribuzzjoni tal-istampa) u kemm għaliex kien jokkupa pożizzjoni dominanti kkaratterizzata minn sehem mis-suq għoli ħafna u minn ostakoli għad-dħul maħluqa mis-sussidji ta' prezzijiet inqas mill-ispejjeż (pereżempju, id-distribuzzjoni tal-istampa). Skont il-Kummissjoni, dan l-aspett irid jiġi kkunsidrat fl-istudji komparattivi kollha magħmula ma' kumpaniji li, filwaqt li jiżguraw servizzi simili ta' dawk ta' DPLP, kellhom iwettqu l-attività tagħhom f'ambjent kompetittiv.

(250) Barra minn hekk, il-grad ta' esponiment għar-riskju ta' operatur postali storiku jiddependi essenzjalment mill-karatteristiċi tal-mekkaniżmu regolatorju implimentat mill-awtoritajiet pubbliċi.

(251) Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-posta, settur li fih l-obbligu ta' servizz universali ta' DPLP kien prinċipalment iffinanzjat permezz tal-prezzijiet tal-bolol ([3]), il-Kummissjoni tqis li r-riskju huwa pjuttost differenti skont jekk il-prezzijiet tal-bolol kienux adattati ftit jew wisq b'mod frekwenti mill-awtorità regolatorja (pereżempju, fil-bidu ta' kull sena jew sempliċement kull darba li dan kien meħtieġ) biex ikopru l-ispejjeż netti tal-obbligu ta' servizz universali b'mod kostanti jew skont jekk il-prezzijiet tal-bolol ([4]). kinux ġew stabbiliti bil-quddiem għal perjodu

([3]) Skont l-ewwel kuntratt ta' ġestjoni, DPLP kienu jirċievi wkoll kumpensi finanzjarji.

([4]) Jew l-iżvilupp ta' dawn il-prezzijiet.

twil (li jkopri, pereżempju, erba' jew ħames snin) fil-qafas ta' kuntratt fit-tul ([1]). L-ewwel metodu ta' regolazzjoni tal-prezzijiet x'aktarx jinvolvi riskju pjuttost baxx għall-intrapriża inkwistjoni, safejn il-prezzijiet tal-bolol ikunu adattati b'ċertu frekwenza b'tali mod li jinżamm bilanċ finanzjarju kostanti bejn id-dħul u l-ispejjeż. Dan it-tip ta' regolazzjoni jipproteġi l-marġni tal-profitt tal-kumpanija mill-inċertezzi. It-tieni metodu jinvolvi riskju akbar, peress li jesponi lill-operatur għall-konsegwenzi tal-varjazzjonijiet fl-ispejjeż u d-dħul fuq perjodu ta' żmien twil.

(252) Bl-istess mod, fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-istampa (obbligu ta' servizz universali ffinanzjat minn kumpensi finanzjarji), id-differenza hija importanti skont jekk il-kumpens ikunx ibbażat fuq spejjeż netti attwali (spejjeż netti attwali mġarrba) jew fuq spejjeż netti previsti fuq perjodu ta' żmien twil. Għalhekk, kumpens imħallas forma ta' ammont f'daqqa li jkopri l-ispejjeż netti mistennija fuq perjodu ta' żmien twil futur jesponi lill-operatur għall-varjazzjonijiet kollha fid-dħul u fl-ispejjeż. L-operatur għalhekk qed jiffaċċja riskju akbar għoli milli f'każ ta' kumpens sħiħ fuq il-bażi tal-ispejjeż u d-dħul stabbiliti minn qabel.

(253) Jekk il-kuntratt li jorbot lill-operatur u l-awtoritajiet pubbliċi jkun tali li s-servizz pubbliku jkun akkumpanjat minn ċertu livell ta' riskju, pereżempju minħabba li jkun jesponi lill-operatur storiku għal varjazzjonijiet sinifikanti fid-dħul u fl-ispejjeż, il-profitt raġonevoli li għandu dritt għalih l-operatur storiku irid ikun proporzjonali mal-livell li jkun jikkorrispondi mar-riskju mġarrab. Għall-kuntrarju, jekk il-kuntratt bejn l-operatur storiku u s-awtoritajiet pubbliċi jkun tali li s-servizz pubbliku ma jkunx akkumpanjat minn riskju sostanzjali, il-profitt raġonevoli awtorizzat ukoll irid ikun baxx.

(254) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-livell ta' riskju mġarrab mill-kumpanija u l-livell ta' kumpens li din ikollha dritt għalih għall-kisbiet fl-effiċjenza huma relatati mill-qrib. Għalhekk, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddefinixxu minn qabell livell ta' kumpens fiss li jantiċipa u jintegra l-kisbiet fl-effiċjenza li jkollha normalment twettaq l-intrapriża matul il-perjodu kollu tal-mandat. Billi jesponi lill-kumpanija għall-varjazzjonijiet kollha fl-ispejjeż u fid-dħul, il-kuntratt jinċentivaha biex issir aktar effiċjenti u biex ittejjeb il-kosteffiċjenza. B'mod parallel, huwa jwassal sabiex din iġġarrab riskju akbar. Sa ċertu punt, ir-riskju u l-inċentivi għall-effiċjenza allura jimxu id f'id. Bl-istess mod, prezz massimu stabbilit minn qabel għal perjodu ta' żmien twil normalment jinċentiva għal aktar effiċjenza iżda huwa wkoll aktar riskjuż għall-kumpanija kkonċernata.

([1]) Jeżistu diversi studji ekonomiċi dwar il-proprjetajiet relatati mar-riskju u l-inċentivi tal-kuntratti li jirregolaw il-politika kummerċjali fl-intrapriżi. Ara J.J. Laffont et J. Tirole, *A theory of incentives in regulation and procurement*, MIT Press,1993.

Studju komparattiv tal-profitt raġonevoli

(255) Biex teżamina l-kwistjoni tar-rata ta' profitt raġonevoli għal DPLP, il-Kummissjoni tibbaża lilha nnifisha fuq diversi studji minn esperti:

(256) L-Istudju WIK: fil-qafas tal-Każ C 36/07, proċedura dwar għajnuna mill-Istat li tikkonċerna l-operatur postali Ġermaniż Deutsche Post AG (minn hawn 'il quddiem "DP"), il-Kummissjoni talbet lil WIK Consult biex iwettaq studju dwar il-livell adegwat ta' profitt raġonevoli għall-operaturi postali storiċi ([2]) (minn hawn 'il quddiem "l-istudju WIK"). L-aspetti rilevanti tal-istudju WIK intbagħtu lill-Belġju fil-25 ta' Marzu 2010 u fis-7 ta' Frar 2011. Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet tal-Belġju dwar l-istudju WIK fit-23 ta' April 2010 u fl-1 ta' Marzu 2011.

(257) L-Istudju Deloitte: Fit-23 ta' April 2010, il-Kummissjoni rċeviet studju mwettaq mill-uffiċċju Deloitte ([3]) (minn hawn 'il quddiem l-"istudju Deloitte") li fih dan ta l-opinjoni tiegħu dwar il-livell ta' profitt raġonevoli li kellu jiġi adottat għas-servizzi universali ta' DP. Dan l-istudju ntbagħat lill-Belġju fid-9 ta' Diċembru 2011. Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet tal-Belġju dwar l-istudju Deloitte fis-26 ta' Diċembru 2011.

(258) L-Istudju CRA: Fl-1 ta' Marzu 2011, il-Belġju ppreżenta studju ta' Charles Rivers Associates ([4]) li jikkontesta l-istudju WIK (minn hawn 'il quddiem "CRA").

L-istudju WIK

(259) F'dan l-istudju, WIK jistabbilixxi profitt raġonevoli ta' referenza għal DP. B'mod konkret, WIK l-ewwel janalizza l-missjonijiet u r-riskju proprju ta' DP u jikkonkludi li dan jiżgura prinċipalment missjonijiet ta' rutina u qed jiffaċċja riskju intraprenditorjali limitat ([5]). Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, WIK jagħżel l-intrapriżi li jistgħu jservu għat-tqabbil, fi kliem ieħor, jistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' referenza li jippermettu li jiġi stabbilit

([2]) WIK Consult, "Benchmarking of Cost and Profit Accounting of Certain Services Provided by DP AG (DPAG)", Bad Honnef, Ottubru 2009. WIK Consult hija affiljata ta' Wissenschaftliches Institut für Kommunikationsdienste (L-Istitut Xjentifiku tas-servizzi ta' komunikazzjoni).

([3]) Deloitte, "Profit Benchmarking for DP AG – Final Report", it-22 ta' April 2010.

([4]) CRA, "Estimating a reasonable profit margin for DPLP's provision of letter services", l-1 ta' Marzu 2011.

([5]) F'dan ir-rigward, WIK iqis importanti d-drittijiet ta' monopolju mogħtija lil DP, kif ukoll il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu regolatorju tal-prezzijiet li huwa soġġett għalihom.

il-profitt raġonevoli ta' referenza. B'mod ġenerali, WIK jenfasizza li l-proċedura ta' valutazzjoni adottata tinkludi l-prinċipji tal-metodoloġija tipika użata għall-valuri ta' referenza tar-redditu fil-prezzijiet tat-trasferiment [1]. Metodoloġija bħal din mhix biss applikata fir-regolamenti nazzjonali fir-rigward tal-prezzijiet tat-trasferiment iżda wkoll fil-prinċipji tal-OECD fir-rigward tal-prezzijiet tat-trasferiment (minn hawn 'il quddiem il-prinċipji tal-OECD) [2].

(260) WIK iqis diversi strumenti tal-kejl tar-redditu u jagħmel distinzjoni bejn ir-rata ta' redditu interna (IRR - Internal Rate of Return), ibbażata fuq il-flussi tal-flus u kkunsidrata bħala l-istrument tal-kejl teoretikament korrett tar-redditu ta' attività, u indikaturi oħrajn mid-dejta kontabbli (rata ta' rimunerazzjoni), bħar-redditu fuq il-kapital imħaddem (ROCE - Return on Capital Employed), ir-redditu fuq l-ekwità (ROE - Return on Equity), ir-redditu fuq l-assi (ROA - Return on Assets) u l-marġni operattiva (OM - Operating Margin) [3]. Kif huwa spjegat fil-Kapitolu 5 tal-istudju, WIK f'dan il-każ jipproponi li tintuża l-OM bħala indikatur tar-redditu. Wieħed mill-vantaġġi ta' dan l-istrument huwa li jiddependi biss fuq id-dejta kontabbli dwar il-profitti (EBIT [4]) u dwar il-bejgħ, żewġ elementi li jistgħu jiġu osservati faċilment fil-kontabilità tal-kumpanija. Barra minn hekk, ir-rikors għall-OM jevita l-istima u l-attribuzzjoni tal-assi bejn servizzi differenti, li jkun meħtieġ għal indikatur ta' referenza bbażat fuq il-kapital, bħall-ROE u l-ROCE, u normalment jikkostitwixxi eżerċizzju diffiċli. WIK jindika wkoll li indikatur ta' referenza bbażat fuq l-OM huwa rakkomandat jekk l-intrapriżi li jintużaw għat-tqabbil u l-kumpanija soġġetta għall-istudju komparattiv jappartjenu għall-istess qasam jew l-istess settur industrijali, li jiggarantixxi l-uniformità tal-istruttura tal-EBIT u tal-bejgħ.

(261) Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-grupp ta' referenza, WIK jikkonkludi dwar il-ħtieġa li jinstab kompromess bejn il-komparabbiltà tal-intrapriżi li jidhru fil-kampjun u d-daqs tiegħu. WIK jopponi l-inklużjoni ta' operaturi postali storiċi Ewropej fil-kampjun minħabba li l-prezzijiet tagħhom kienu rregolati fuq suq li kien magħluq għall-kompetizzjoni fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi matul il-perjodu kollu eżaminat. Għall-istess raġuni, l-għadd ta' kumpaniji li huma f'kompetizzjoni diretta mal-operaturi postali storiċi huwa pjuttost limitat. Dan jinkludi l-aktar kumpaniji ta' daqs iżgħar. Biex jinkiseb grupp bilanċjat ta' intrapriżi komparabbli, WIK jinkludi kemm il-kompetituri diretti fis-swieq nazzjonali kif ukoll l-atturi multinazzjonali l-kbar, bħall-kumpaniji internazzjonali tal-kunsinna ta' pakketti express (UPS, FedEx, DHL), li jwettqu attivitajiet aktar riskjużi u għal kapital aktar intensiv minn operatur postali storiku li jkun preżenti f'suq nazzjonali protett.

(262) Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompromess bejn il-komparabbiltà u d-daqs tal-kampjun, WIK jipprevedi tliet gruppi ta' referenza: i) il-grupp ta' referenza I, jew is-settur limitat tal-pakketti, li jinkludi kumpaniji prinċipalment attivi bħala fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti (għaxar kumpaniji, meqjusta komparabbli ħafna mal-fornituri ta' servizz postalil universali); ii) il-grupp ta' referenza II, jew settur imkabbar tat-tqassim ta' pakketti, li jinkludi kumpaniji li l-attività ewlenija tagħhom tista' tkun tkopri servizzi oħrajn, bħas-servizz tal-posta (26 kumpanija b'livell ta' komparabbiltà xi ftit aktar baxx) u iii) il-grupp ta' referenza III, li jinkludi wkoll kumpaniji mis-settur tat-trasport fuq l-art (1 163 kumpanija b'anqas komparabbiltà) [5]. Skont WIK, dan l-approċċ isaħħaħ il-validità statistika tal-istudju komparattiv finali.

(263) Wieħed mill-kriterji ta' selezzjoni applikati għall-gruppi ta' referenza kollha jikkonċerna d-daqs tal-kumpanija; il-kumpaniji li d-dħul tagħhom jaqbeż it-EUR 3 miljun biss jiġu kkunsidrati [6]. Fir-rigward tal-perjodu kopert mid-dejta, dejta affidabbli kienet disponibbli biss għall-perjodu bejn l-1998 u l-2007 u ntużaw interpolazzjonijiet retroattivi għall-perjodu bejn l-1990 u l-1997 [7].

(264) Barra minn hekk, WIK ikompli l-analiżi adottata fil-prezzijiet tat-trasferiment abbażi tal-kunċett ta' firxa interkwartili [8] biex itaffi l-effett tal-valuri estremi u biex jistabbilixxi livell ta' profitt raġonevoli.

(265) WIK kiseb ir-riżultati li ġejjin għall-perjodu bejn l-1998 u l-2007:

(a) grupp ta' referenza I: il-25 perċentil ugwali għal -0,42 %, il-75 perċentil ugwali għal 6,72 % u l-medjan (il-50 perċentil) ugwali għal 3,86 %.

(b) grupp ta' referenza II: il-25 perċentil ugwali għal 0,45 %, il-75 perċentil ugwali għal 6,77 % u l-medjan (il-50 perċentil) ugwali għal 3,48 %.

---

(1) Ara, pereżempju, it-taqsima 5.1.4 tal-istudju WIK.

(2) Ara l-prinċipji tal-OECD dwar il-prezzijiet tat-trasferiment għall-intrapriżi multinazzjonali u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa (1995) (minn hawn 'il quddiem il-prinċipji tal-OECD); prinċipji amministrattivi - proċeduri Ġermaniżi; l-Artikolu 482 tal-IRS Tax Code tal-Istati Uniti.

(3) L-ROCE huwa l-proporzjon bejn l-EBIT u l-kapital imħaddem, l-ROA huwa l-proporzjon bejn l-EBIT u t-total tal-assi, l-ROE il-proporzjon bejn l-EBIT u l-ekwità u l-OM il-proporzjon bejn l-EBIT u l-fatturat (ara wkoll it-taqsima 5.1.5 tal-istudju WIK).

(4) L-EBIT tikkorrispondi mal-qligħ qabel l-interessi u t-taxxi. Il-marġni EBIT hija ekwivalenti għall-OM.

(5) It-tliet kampjuni saru billi saru aktar flessibbli b'mod progressiv ċerti kriterji relatati mal-livell ta' komparabbiltà tal-attivitajiet tal-kumpaniji magħżula meta mqabbla ma' dawk ta' DP.

(6) Skont WIK, dan il-kriterju irid jiggarantixxi minimu ta' ekonomiji ta' skala (ara, pereżempju, it-Tabella 7, p. 76).

(7) WIK jippreżenta r-riżultati b'mod separat għal dawn iż-żewġ perjodi sabiex jindika li d-dejta relatata mal-perjodu ta' qabel l-1998 "trid tiġi trattata b'kawtela".

(8) Il-firxa interkwartili hija l-firxa bejn il-25 perċentil u l-75 perċentil tad-distribuzzjoni, il-25 u l-75 perċentili huma l-livelli li taħthom jidhru rispettivament 25 u 75 % tal-osservazzjonijiet fid-dejta kollha. Fi kliem ieħor, il-firxa interkwartili ma tinkludix il-25 % l-aktar baxxi u l-25 % l-aktar għoljin tad-dejta. Kunċett relatat li jintuża fl-istudju WIK huwa l-50 perċentil, jew dak medju, li huwa ugwali għall-punt tad-distribuzzjoni li għalih nofs l-osservazzjonijiet ikollhom valur inqas u n-nofs l-ieħor, valur ogħla.

(c) grupp ta' referenza III: il-25 perċentil ugwali għal 0,64 %, il-75 perċentil ugwali għal 5,57 % u l-medjan (il-50 perċentil) ugwali għal 2,59 %.

(266) WIK jikkonkludi li s-settur imkabbar tat-tqassim tal-pakketti, jew il-grupp ta' referenza II, huwa l-aktar grupp ta' referenza adegwat, peress li r-riżultati miksuba huma relattivament stabbli maż-żmien meta mqabbla mal-grupp ta' referenza l-ieħor (is-settur ristrett tat-tqassim tal-pakketti) u peress li dan is-settur jinsab funzjonalment eqreb għall-attivitajiet tal-posta u tal-kunsinna ta' pakketti mill-grupp ta' referenza l-ieħor (is-settur tat-trasport fuq l-art).

(267) Sar aġġustament ieħor biex jinkiseb limitu massimu tal-profitt raġonevoli ta' DP ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju intraprenditorjali mġarrab mill-intrapriża meta mqabbel mal-grupp ta' referenza. Fuq din il-bażi, WIK jipproponi bħala limitu massimu tal-profitt raġonevoli ta' DP il-valur ta' 3,48 % li jikkorrispondi għall-OM medjan tal-grupp ta' referenza II. Bl-għażla tal-medjan minflok il-75 perċentil bħala l-ogħla valur tal-profitt raġonevoli, WIK irid jirrifletti l-fatt li l-kumpaniji li jinsabu fil-kampjun jassumu riskju akbar mill-operaturi postali storiċi, sakemm ma jkunu jibbenefikaw mill-ebda dritt speċjali.

L-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Belġjani dwar l-istudju WIK

Osservazzjonijiet dwar l-istudju WIK

(268) L-awtoritajiet Belġjani qiesu li l-metodoloġija użata fir-rapport WIK kienet żbaljata u ppreżentaw diversi dokumenti (ittri, pożizzjonijiet u rapporti) fit-23 ta' April 2010, l-1 ta' Marzu 2011, l-14 ta' Ġunju 2011, il-5 ta' Awwissu 2011, l-10 ta' Awwissu 2011, l-14 ta' Diċembru 2011 u d-19 ta' Diċembru 2011 li jirrifjutaw l-approċċ tar-rapport WIK u li juru l-metodu tagħhom stess ta' stima ta' profitt raġonevoli ta' referenza.

(269) F'pożizzjoni mibgħuta fil-5 ta' Awwissu 2011, l-awtoritajiet Belġjani essenzjalment saħqu li l-kampjun użat fl-istudju WIK ma kienx jirrappreżenta l-attività, id-daqs, il-profil tar-riskju u l-perjodu ta' referenza. Il-Belġju għalhekk jafferma li huwa diffiċli ħafna li jiġi leġittimizzat il-kampjun fuq il-bażi tal-kriterji ppreżentati fil-Punt 18 tal-Qafas tal-SGEI.

(270) Fl-istess pożizzjoni, il-Belġju saħaq ukoll li jkun loġiku li ssir distinzjoni bejn il-marġni ta' profitt tal-attivitajiet li jkollhom livelli ta' riskju pjuttost differenti: jekk id-distribuzzjoni tal-istampa u dik tal-posta jkunu attivitajiet bi profil ta' riskju differenti, l-awtoritajiet Belġjani jisħqu li jeħtieġ li jintużaw livelli differenti ta' profitt raġonevoli.

(271) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani jaffermaw li l-attivitajiet ta' DPLP jibbenefikaw minn kisbiet fil-produttività u li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra dan meta tistabbilixxi r-rata ta' remunerazzjoni raġonevoli, bħalma jipprevedi l-punt 18 tal-qafas tal-SGEI. L-awtoritajiet Belġjani jenfasizzaw li DPLP beda jagħmel profitt wara diversi riformi u wara li kien għamel it-telf għal żmien twil. L-ispejjeż ta' DPLP tnaqqsu, b'mod partikolari minħabba l-għeluq ta' uffiċċji tal-posta. Is-sehem ta' 50 % li nżamm minn investituri privati mill-2006 ta bidu għal kultura ġdida bbażata fuq l-effiċjenza. Skont l-awtoritajiet Belġjani, kisbiet fl-effiċjenza bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati waqt id-determinazzjoni tar-rata ta' remunerazzjoni raġonevoli li tista' tingħata lil DPLP

L-istudju ta' Charles River Associates

(272) Fl-1 ta' Marzu 2011, l-awtoritajiet Belġjani bagħtu rapport lill-Kummissjoni mfassal minn Charles River Associates (CRA) li jagħti ħarsa kritika lejn l-istudju WIK u jipproponi metodu ieħor ta' valutazzjoni tal-profitt raġonevoli ta' DPLP.

(273) Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-kampjun, CRA jisħaq li t-tliet kampjuni ta' WIK jinkludu diversi kumpaniji ta' daqs żgħir li l-profili ta' riskju tagħhom ma jistgħux jitqabblu ma' dak ta' operatur postali kbir. CRA għaldaqstant jikkuntesta l-konklużjonijiet ta' WIK li jaffermaw li l-forniment tas-servizzi ta' ittri mill-operatur postali storiku inkwistjoni jinkludi riskju baxx u li l-kumpaniji inklużi fil-gruppi ta' referenza jippermettu li jsir tqabbil tajjeb.

(274) CRA b'mod partikolari jiġbed l-attenzjoni lejn il-korrelazzjoni bejn l-istruttura ta' spejjeż ta' intrapriża (f'termini ta' proporzjon ta' spejjeż fissi u varjabbli) u r-riskju kummerċjali mġarrab. CRA jisħaq li operatur postali li jassumi obbligu ta' servizz universali jiffaċċja spejjeż fissi aktar sinifikanti u għalhekk huwa aktar espost għal tnaqqis fid-domanda milli kumpanija li l-ispejjeż fissi tagħha jkunu aktar baxxi. Barra minn hekk, CRA jenfasizza d-diskrepanza ta' OM bejn il-kumpaniji żgħar u kbar tal-gruppi ta' WIK ([1]), li timplika, skont dan, l-eżistenza ta' differenzi sistematiċi bejn il-kumpaniji żgħar tal-kunsinna ta' pakketti u l-akbar intrapriżi, bħal UPS u FedEX, li jistgħu jirriżultaw mill-istruttura ta' spejjeż differenti.

(275) CRA janalizza wkoll f'aktar dettall il-karatteristiċi ta' ċerti kumpaniji żgħar tat-tqassim ta' pakketti inklużi fil-kampjun tal-grupp ta' referenza I ta' WIK u jikkonkludi li l-profil tar-riskju tagħhom ma jistax jitqabbel ma' dak ta' operatur postali kbir. CRA iqis ukoll li m'hemmx lok li jiżdied id-daqs ta' dan il-kampjun li diġà diffiċli biex jitqabbel billi jiżdiedu miegħu intrapriżi anqas komparabbli.

(276) CRA jirrifjuta l-argument ta' WIK skont liema l-operaturi postali storiċi Ewropej ma kellhomx jiġu inklużi fil-kampjun, minħabba li l-profitti tagħhom ġew stabbiliti, mhux mill-kompetizzjoni, iżda mir-regolazzjoni tal-prezzijiet, billi r-riskju kien li dawn l-operaturi postali storiċi,

([1]) F'dan il-każ, id-daqs huwa stabbilit min-numru ta' impjegati. Ara t-Tabella 1 fil-p. 7 u d-diskussjoni fil-punt 26.

permezz ta' din ir-regolazzjoni tal-prezzijiet, setgħu jiksbu profitti eċċessivi. CRA jisħaq li billi rrifjuta operaturi postali storiċi oħrajn għall-finijiet tat-tqabbil, WIK jibbaża ruħu fuq l-ipoteżi teoretika skont liema dawn l-operaturi storiċi setgħu jitolbu prezzijiet eċċessivi, iżda mingħajr ma jippreżenta provi empiriċi biex jappoġġja l-fehma tiegħu. F'dan ir-rigward, CRA jenfasizza li fid-dawl ta' mekkaniżmi ta' regolazzjoni tal-prezzijiet mitluba f'diversi Stati Membri, bħal-limiti massimi tal-prezzijiet ([1]), il-profitti sinifikanti osservati huma pjuttost minħabba kisbiet fil-produttività aktar milli minħabba prezzijiet għaljin.

(277) CRA jargumenta li l-metodu naturali ta' kalkolu ta' marġni ta' profitt raġonevoli għal DPLP għall-obbligi tiegħu ta' servizz pubbliku jkun jikkonsisti f'li wieħed jibbaża ruħu fuq id-dejta disponibbli dwar il-marġni ta' profitt miksuba fuq l-attivitajiet ta' posta ta' operaturi postali oħrajn tal-Ewropa tal-Punent. Huwa ħafna aktar naturali li s-servizzi pubbliċi inkwistjoni huma qabel kollox servizzi ta' ittri u li dejta dwar il-marġni ta' profitti miksuba fuq l-operazzjonijiet relatati mal-posta tal-operaturi postali l-oħrajn fl-Ewropa tal-Punent tkun direttament aċċessibbli u ma tkun turi l-ebda regolazzjoni tal-prezzijiet b'wisq klemenza.

(278) CRA jisħaq, b'mod partikolari, li l-analiżi għandha tkun ibbażata fuq il-marġni EBIT (OM) miksuba fuq l-attivitajiet tal-posta minn operaturi postali fl-Ewropa tal-Punent li jikkomunikaw informazzjoni settorjali dwar il-marġni EBIT tal-attivitajiet tagħhom ta' posta jew (jekk l-informazzjoni settorjali dwar il-marġni EBIT ma jiġux ikkomunikati) dwar il-marġni EBIT globali tal-operaturi postali tal-Ewropa tal-Punent li jiksbu aktar minn 75 % tad-dħul tagħhom mis-servizzi tal-posta. CRA jeskludi mill-kampjun l-operaturi tal-Ewropa tal-Lvant minħabba n-nuqqas ta' effiċjenza relattiva tagħhom meta mqabbla ma' dik tal-operaturi postali tal-Ewropa tal-Punent.

(279) Konsegwentement, l-analiżi CRA hija bbażata fuq kampjun ta' 11-il operatur postali tal-Ewropa tal-Punent għall-perjodu bejn l-2002 u l-2009 (73 osservazzjoni b'kollox). L-OM medju ta' dan il-kampjun huwa ta' […] %, il-medjan huwa ta' […] %, u l-75 perċentil huwa ugwali għal […] %, ([2]). Is-CRA jikkalkola wkoll il-medja maqtugħa ([…] %) u l-medja skont il-metodu ta' Winsor ([…] %) li, bħall-medjan, mhumiex affettwati mill-valuri estremi ([3]).

(280) Fir-rigward tad-definizzjoni ta' valur ta' referenza għall-marġni ta' profitt raġonevoli, CRA jisħaq li l-użu ta' valuri medji joħloq problemi ta' metodoloġija. Is-CRA jispjega li minħabba varjazzjonijiet fil-marġni ta' profitt osservati fil-kampjun, il-limitu kritiku li jistabbilixxi redditu eċċessiv għandu jkun ogħla mill-medja jew minn kull miżura oħra ta' tendenza ċentrali u jista', pereżempju, jkun ugwali għall-75 perċentil. Skont is-CRA, approċċ bħal dan ikun jgħaqqad il-metodu użat fl-investigazzjonijiet dwar il-prezzijiet tat-trasferiment u li jikkonsisti f'li wieħed jibbaża ruħu fuq firxa (pereżempju, firxa interkwartili jew perċentili oħrajn).

Dokument ippreżentat mill-awtoritajiet Belġjani fl-14 ta' Diċembru 2011 — Wiri tad-dritt ta' DPLP li jirċievi primjum ta' riskju fuq profitt raġonevoli għall-perjodu bejn l-1992 u l-2010

(281) Fl-14 ta' Diċembru 2011, l-awtoritajiet Belġjani ppreżentaw dokument lill-Kummissjoni li jtenni l-pożizzjoni ta' DPLP dwar ir-riskji mġarrba mill-operaturi postali u li jipproponi metodoloġija bl-għan li jiġu żviluppati għodda ta' kejl tal-primjum ta' riskju li, meta jiżdied mal-marġni operattiva mingħajr riskju, jagħti livell raġonevoli ta' OM.

(282) Id-dokument ma jispjegax kif il-marġni operattiva mingħajr riskju (espressa f'termini ta' OM) tista' tiġi stabbilita f'dan il-każ u ma jsemmix b'mod ċar dak li eżattament għandu jkun l-OM raġonevoli fuq il-bażi tal-metodoloġija proposta. L-analiżi tisħaq pjuttost fuq l-evalwazzjoni tad-diversi riskji u fuq il-kalkolu ta' primjum ta' riskju li jkun jirrifletti t-tipi kollha ta' riskju.

(283) L-awtoritajiet Belġjani jippromwovu b'mod partikolari tliet kategoriji kbar ta' riskju – ir-riskju settorjali, ir-riskju marbut mas-servizz u r-riskju kuntrattwali – u t-tipi abitwali ta' riskju, għal kull kategorija, li jkunu esposti għalihom l-operaturi postali. Il-metodoloġija ta' evalwazzjoni tal-primjum ta' riskju tipprevedi: i) id-definizzjoni ta' "primjum ta' riskju massimu" ([4]) ii) it-tqassim tal-perjodu kkunsidrat f'perjodi kuntrattwali, biex jiġu identifikati r-riskji relatati ma' kull kuntratt; iii) l-użu ta' skala sempliċi biex jiġi evalwat kull riskju għal kull perjodu kuntrattwali (baxx, medju jew għoli); iv) il-konverżjoni tal-marki attribwiti lil kull riskju f'marka globali għal kull wieħed mit-tliet kategoriji l-kbar ta' riskju u v) il-konverżjoni tal-marki globali fi primjums tar-riskju, li l-ammont totali tagħhom jagħti l-primjum ta' riskju totali.

(284) Barra minn hekk, jingħataw eżempji biex juru li DPLP iġarrab riskji ogħla mill-medja. Għalhekk, l-awtoritajiet Belġjani jsostnu li DPLP qed jiffaċċja riskju ogħla relatat mal-volumi għaliex jikseb parti sinifikanti mid-dħul tiegħu mill-attività tiegħu ta' "posta" u peress li għandu nuqqas ta' flessibilità fl-aktar spejjeż sinifikanti minħabba proporzjon tal-ispejjeż fissi ogħla mill-medja. Tip ieħor

([1]) Ara t-Tabella 3, p. 20.
([2]) Il-Kummissjoni kkalkolat li l-25 perċentil huwa ekwivalenti għal […] %.
([3]) Il-medja maqtugħa hija kkalkolata billi jiġu esklużi l-ogħla 10 % u l-inqas 10 % tal-osservazzjonijiet (billi l-kampjun fih 73 osservazzjoni, dan ifisser li l-ewwel u l-aħħar sebgħa huma esklużi). Il-medja kkalkolata skont il-metodu ta' Winsor tinkiseb billi l-ewwel seba' u l-aħħar seba' osservazzjonijiet jiġu ssostitwiti, rispettivament, mill-ogħla u l-inqas osservazzjonijiet sussegwenti.
([4]) L-analiżi ma tispeċifikax kif għandu jiġi stabbilit il-primjum ta' riskju massimu.

ta' riskju meqjus ogħla għal DPLP huwa r-riskju relatat mas-sigurtà. Skont l-analiżi, dan huwa minħabba l-fatt li DPLP huwa wieħed mill-operaturi postali rari Ewropej li jiddistribwixxu fid-djar il-benefiċċji tal-pensjoni fi flus kontanti.

(285) Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tar-riskji differenti, l-awtoritajiet Belġjani jikkonkludu li r-raba' kuntratt ta' ġestjoni għandu livell għoli tat-tliet tipi ta' riskju, filwaqt li l-ewwel, it-tieni u t-tielet kuntratti huma kkaratterizzati minn livell medju ta' riskju (l-uniku eċċezzjoni huwa r-riskju settorjali, li huwa meqjus bħala baxx għall-ewwel kuntratt). L-awtoritajiet Belġjani jipprovdu eżempji oħrajn tal-mod kif il-klassifikazzjoni t'hawn taħt tar-riskji differentifi għandha tinqaleb fi primpjum ta' riskju, abbażi ta' valuri differenti għall-"primpjum ta' riskju massimu".

L-istudju Deloitte

(286) L-istudju Deloitte imsemmi fil-premessa (257) t'hawn fuq jaqbel mal-istudju WIK fir-rigward ta' diversi punti:

1. it-tnejn jużaw l-istess metodoloġija ta' riċerka ta' kumpaniji komparabbli f'termini ta' funzjonijiet u ta' riskju fil-bażijiet tad-dejta finanzjarji;

2. it-tnejn li huma jipproponu li jintuża OM bħala l-kejl ta' referenza l-aktar rilevanti biex jiġi stabbilit il-profitt ta' referenza (minħabba n-nuqqas ta' dejta, differenzi fl-ipproċessar kontabilistiku bejn il-kumpaniji differenti);

3. finalment, il-fornituri ta' servizz postali universali huma esklużi mill-grupp ta' intrapriżi komparabbli minħabba li joperaw l-aktar fuq swieq irregolati u jibbenefikaw minn drittijiet esklussivi.

(287) Fir-rigward tal-grupp ta' intrapriżi komparabbli, id-differenza ewlenija bejn l-istudju WIK u l-istudju Deloitte hija dwar id-daqs tal-kumpaniji involuti. Deloitte tinkludi biss fil-kampjun tagħha kumpaniji li d-dħul annwali tagħhom huwa ogħla minn EUR 100 miljun ([1]). Din ir-restrizzjoni tista' tiġi spjegata permezz tal-analiżi tal-karatteristiċi partikolari tal-attivitajiet marbuta mal-forniment ta' servizz universali u mar-riskji kummerċjali u tas-suq li huma relatati miegħu ([2]).

(288) Deloitte tqis b'mod partikolari li l-kumpaniji tas-settur postali u tal-kunsinna tal-pakketti li jużaw networks wesgħin u kumplessi tal-ġbir u d-distribuzzjoni jistgħu jitqabblu b'mod raġonevoli ma' DP. Meta jiġu kkunsidrati l-ekonomiji ta' skala, ta' ambitu u ta' densità li jeżistu fin-networks postali u s-sehem għoli tal-ispejjeż operattivi meta mqabbla mal-ispejjeż tal-kapital, kif ukoll riskji relatati (bħar-riskju marbut mal-volumui, ir-riskju tas-sostituzzjoni mill-posta elettronika), l-intrapriżi l-kbar ta' ħafna prodotti tas-settur postali u tal-kunsinna tal-pakketti jistgħu jitqabblu aktar mill-intrapriżi ż-żgħar tal-posta. Il-kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija u tal-loġistika jistgħu ukoll – sa ċertu punt – jikkontribwixxu għat-tqabbil minħabba li jużaw l-istess assi.

(289) Biex turi l-importanza tad-daqs tal-kumpaniji, Deloitte tqabbel il-kampjun tagħha ma' dak tal-grupp ta' referenza II ta' WIK. Deloitte tikkummenta li l-OM medja fil-kampjun ta' WIK tvarja mhux ħażin bejn il-gruppi ta' kumpaniji ta' daqs differenti (li jinkiseb min-numru ta' impjegati) ([3]). Deloitte targumenta li fil-kampjun tagħha (ibbażat fuq kumpanij aktar kbar), kuntrarjament m'hemm l-ebda rabta stretta bejn l-iskala u l-OM.

(290) Fit-tmiem tal-proċess ta' selezzjoni tal-kampjun, Deloitte tibbaża l-analiżi tagħha fuq 7 kumpaniji tal-posta u tal-kunsinna ta' pakketti, 18-il kumpanija tal-loġistika u 19-il kumpanija tat-trasport tal-merkanzija. Fir-rigward tas-settur postali u tal-kunsinna ta' pakketti, il-grupp żgħir ta' seba' kumpaniji komparabbli jinkludi operaturi multinazzjonali kbar tat-tqassim tal-pakketti espress bħal UPS, FedEx u TNT Express, kif ukoll xi operaturi postali oħrajn li joriġinaw prinċipalment mill-Istati Uniti u mir-Renju Unit ([4]). Fil-prinċipju, id-dejta kollha tkopri l-perjodu bejn l-1990 u l-2007, iżda d-dejta għall-ewwel snin madankollu hija limitata ħafna u Deloitte għalhekk tqis li r-riżultati għal dawn is-snin huma inqas affidabbli ([5]).

(291) Deloitte teżamina wkoll il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' diversi strumenti oħrajn għall-kejl tar-redditu. Hi tirrifjuta l-użu tal-IRR f'dan il-każ, minħabba d-diffikultajiet prattiċi relatati mal-kisba tad-dejta adegwata dwar il-flussi tal-flus. Tirrifjuta wkoll l-użu tal-ROCE jew tal-ROE minħabba, pereżempju, differenzi bejn il-kumpaniji fir-rigward tal-ipproċessar kontabilistiku tal-ispejjeż u tal-istruttura tal-kapital (din tal-aħħar hija importanti għall-ROE). L-ROA ukoll hija meqjusa inadegwata minħabba li hija bbażata fuq it-total tal-assi. Deloitte għaldaqstant tipproponi l-għażla ta' OM iżda tenfasizza li peress li dan ma jkejjilx direttament ir-redditu tal-kapital, jista' jintuża għall-finijiet ta' studju komparattiv sakemm l-intrapriżi mqabbla jkollhom kapital intensiv simili.

([1]) Aktar speċifikament, fil-kampjun jidħru biss il-kumpaniji li għandhom aktar minn 1 000 impjegat u dawk li jammontaw għal aktar minn EUR 100 miljun fi dħul jew f'assi.

([2]) Deloitte tqis li karatteristiċi kummerċjali speċifiċi jirriżultaw mill-obbligu impost fuq fornitur ta' servizz universali li juża netwerk kumpless tal-ġbir u d-distribuzzjoni.

([3]) Ara t-Tabella 6, p. 36.

([4]) Il-lista tal-kumpaniji ta' referenza f'kull wieħed mit-tliet setturi tidher fit-Tabella 3, p. 31.

([5]) Jeħtieġ li jiġi nnutat li din il-problema tikkonċerna b'mod partikolari l-kampjun postali u tal-kunsinna ta' pakketti, li għalih, skont it-Tabella 5, p. 35, l-għadd ta' osservazzjonijiet kull sena għola minn 2 għal 4 għall-perjodu bejn l-1990 u l-1997, filwaqt li għall-perjodu bejn l-1998 u l-2007 dan għola minn 5 għal 7.

(292) Deloitte madankollu tikkalkola l-ROCE (kif ukoll l-ROCE għall-valur tas-suq u r-ROA) għal sottokampjun żgħir ta' sitt kumpaniji iżda tikkonkludi li l-firxa u l-varjazzjoni tal-ROCE jistgħu jirriflettu diversi fatturi, u dan jitlob interpretazzjoni b'kawtela u jdgħajjef l-użu tagħha bħala indikatur ta' referenza. Fost dawn il-fatturi, Deloitte tenfasizza l-importanza tal-kapital intensiv. Deloitte tisħaq li f'termini ta' kapital intensiv, is-servizz universali ta' DP huwa aktar qrib ta' dak, pereżempju, tal-UPS u ta' FedEX minn dak ta' operaturi tat-trasport tal-merkanzija bħal Kuehne&Nagel jew Wincanton.

(293) Deloitte tenfasizza wkoll id-diskrepanzi sinifikanti fir-redditu tal-kumpaniji matul iż-żmien kif ukoll fi ħdan setturi differenti u bejn dawn tal-aħħar. Dawn id-diskrepanzi, skont Deloitte, jiġġustifikaw ir-rikors għal firxiet ta' profitt raġonevoli aktar milli għal valur medju uniku. Approċċ bħal dan se jkun ukoll adegwat meta titqies il-ħtieġa li ma jiġux penalizzati r-riżultati li jkunu ogħla mill-medja miksuba permezz ta' kisbiet fl-effiċjenza.

(294) Ir-riżultati miġbura minn Deloitte, għal kull settur u għas-setturi kollha, huma ppreżentati fil-qosor fit-Tabella 22 tal-istudju Deloitte. Għalhekk:

(a) għas-settur postali u tal-kunsinna ta' pakketti, għall-perjodu bejn l-1998 u l-2007, il-medja tal-OMs medji annwali kienet ta' 8,1 %, il-medja tal-OMs medjani annwali kienet ta' 7,4 %, il-medja tal-25 perċentil annwali kienet ta' 4,8 % u l-medja tas-75 perċentil annwali kienet ta' 12 %.

(b) għas-setturi kollha, għall-perjodu bejn l-1990 u l-2007, il-medja tal-OMs medjani annwali kienet ta' 6 %, il-medja tal-OMs medjani annwali kienet ta' 5,4 %, il-medja tal-25 perċentil annwali kienet ta' 3,6 % u l-medja tas-75 perċentil annwali kienet ta' 8,1 % ([1]);

(295) Bħala indikatur ta' referenza, Deloitte tipproponi valur ibbażat fuq il-medja tal-OMs medji annwali ugwali għal 7,9 % ([2]); biex tiġi riflessa d-diskrepanza osservata tal-OMs, Deloitte tnaqqas ukoll firxa għall-OM raġonevoli abbażi tal-firxa interkwartili annwali ([3]).

([1]) Il-kalkoli tal-Kummissjoni jindikaw li r-riżultati tal-kampjun li jinkludu s-setturi kollha ma jvarjawx b'mod sinifikanti jekk jiġi kkunsidrat biss il-perjodu bejn l-1998 u l-2007.

([2]) Biex tikseb l-OM medju annwali tas-settur postali u tal-kunsinna ta' pakketti għall-perjodu ta' qabel l-1997, Deloitte tuża l-medja tal-OMs tas-setturi kollha matul dan il-perjodu aġġustata 'il fuq bid-differenza bejn l-OM tas-settur postali u tal-kunsinna tal-pakketti u l-OM tas-setturi kollha għall-perjodu bejn l-1998 u l-2007.

([3]) Deloitte tikseb il-firxa ta' RDEs raġonevoli abbażi tal-firxiet interkwartili annwali tal-kampjun tas-settur postali u tal-kunsinna tal-pakketti għall-perjodu bejn l-1998 u l-2007 u tal-kampjun tas-setturi kollha għall-perjodu bejn l-1990 u l-1997. Deloitte ma tagħti l-ebda informazzjoni dwar il-kalkoli iżda tippreżenta l-valuri annwali tal-limiti ogħla u anqas baxxi tal-firxa (ara, pereżempju, il-Figura 1). Il-medja tal-limitu massimu tal-firxa hija ta' 11,7 % u l-medja tal-limitu t'isfel tal-firxa huwa ta' 6,1 %. Jekk l-istess kalkoli jsiru fuq il-kampjun li jinkludi s-setturi kollha, ir-riżultati huma dawn li ġejjin rispettivament: Il-medja tal-limitu massimu tal-firxa hija ta' 10,6 % u l-medja tal-limitu minimu tal-firxa huwa ta' 6,1 %.

*Evalwazzjoni tal-istudju komparattiv*

Profitt raġonevoli (firxa default)

(296) L-għażla ta' kampjun tajjeb ta' intrapriżi komparabbli għall-operaturi postali storiċi huwa kompitu kumpless. Mingħajr l-ebda dubju trid tingħata l-aktar attenzjoni lill-għażla ta' grupp ta' intrapriżi li jistgħu jkunu ta' referenza għall-attivitajiet kummerċjali u r-riskju.

(297) L-istudji WIK u Deloitte għandhom komuni l-fatt li għandhom fil-mira kumpaniji kummerċjali b'attivitajiet komparabbli ma' dawk ta' DPLP, filwaqt li jeskludu l-operaturi postali storiċi mill-kampjun tat-tqabbil. CRA, għall-kuntrarju, juża kampjun ta' tqabbil magħmul biss minn operaturi postali storiċi Ewropej oħrajn.

(298) Il-Kummissjoni tikkondividi l-opinjoni ta' WIK u ta' Deloitte skont liema l-profitti tal-operaturi postali storiċi (użati minn CRA fl-istudju komparattiv tiegħu) mhumiex riżultat ta' kundizzjonijiet tas-suq normali iżda jirriżultaw fil-biċċa l-kbira mill-għażla ta' Stati Membri oħrajn fir-rigward tar-regolazzjoni. Huma jistgħu, għalhekk, ma jirriflettux b'mod adegwat ir-remunerazzjoni ta' referenza. Fl-istess ħin, peress li l-kampjun ta' CRA jinkludi l-operaturi postali storiċi ta' pajjiżi Ewropej oħrajn, dan jidher li jikkostitwixxi l-kampjun ta' intrapriżi li jinsabu l-eqreb għal DPLP. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li jeħtieġ li jiġi kkunsidrat bis-sħiħ il-kampjun ta' CRA, b'mod partikolari biex issir kontroverifika tal-livelli ta' referenza tal-profitt raġonevoli (OM) stabbiliti fuq il-bażi tal-istudji WIK u Deloitte.

(299) Kemm l-istudju WIK kif ukoll dak ta' Deloitte jirrikonoxxu li jeħtieġ li jintuża kampjun kbir biżżejjed biex jinkisbu konklużjonijiet sinifikanti għall-finijiet tal-istudju komparattiv. Għal dan l-għan, huma jibbażaw ruħhom fuq kampjun (relattivament) ristrett ta' intrapriżi fis-settur postali u ta' kunsinna ta' pakketti u fuq kampjuni akbar li jinkludu kumpaniji tas-setturi tal-loġistika u tat-trasport tal-merkanzija. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jeħtieġ li jintuża kampjun ta' daqs kbir biżżejjed għal finijiet statistiċi. Dwar il-pożizzjoni ta' CRA f'dan ir-rigward, li tikkuntesta l-effiċjenza ta' żieda fid-daqs tal-kampjun billi jiżdiedu miegħu kumpaniji anqas komparabbli, il-Kummissjoni tqis li l-akbar kampjuni stabbiliti minn WIK u, b'mod partikolari, minn Deloitte, fuq il-bażi tal-metodoloġiji ta' selezzjoni ta' kampjuni adottati, huma komparabbli biżżejjed biex iservu bħala gruppi ta' referenza sinifikanti sabiex jiġi evalwat il-profitt ta' DPLP.

(300) L-istudju WIK jipprova jistabbilixxi OM ta’ referenza fuq il-bażi ta’ tliet gruppi kkostitwiti għal finijiet ta’ tqabbil. Madankollu, il-Kummissjoni tqis ukoll li l-istudju WIK jista’ jiġi kkuntestat dwar żewġ punti separati għalkemm relatati [1]: i) ir-rikors minn WIK għal kampjuni li jinkludu wkoll għadd kbir ta’ kumpaniji iżgħar [2] li evidentement mhumiex komparabbli ma’ operaturi postali storiċi bħal DPLP; u ii) l-ipoteżijiet ta’ WIK dwar il-livell ta’ riskju li jiffaċċja l-operatur postali li qed jiġi investigat.

(301) Il-Kummissjoni tqis li l-iskala tal-attivitajiet, kif ukoll l-istruttura tal-ispejjeż tal-operaturi postali storiċi bħal DPLP (flimkien mat-tip ta’ mekkaniżmu ta’ regolazzjoni fis-seħħ) huma elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-istudju komparattiv tal-livelli ta’ profitt.

(302) L-ewwel nett, jekk l-ispejjeż fissi jkunu għoljin (u jikkonċernaw, pereżempju, l-ispejjeż tal-kapital jew spejjeż fissi oħrajn relatati man-netwerk), l-akbar intrapriżi jibbenefikaw aktar mill-ekonomiji ta’ skala u ta’ densità minn dawk żgħar. Meta jitqabbel l-OM medju tal-intrapriżi kbar u żgħar ppreżentati fil-kampjun ta’ WIK, l-istudju Deloitte-II jirnexxielu juri li l-OM medju jiżdied mad-daqs tal-intrapriżi (imkejjel skont in-numru ta’ impjegati) [3]. Fil-fatt, il-valur medju tal-ewwel kwart (Q1) huwa baxx ħafna fit-tliet kampjuni ta’ WIK (pereżempju, 0,75 % biss għall-kampjun ta’ WIK II għall-perjodu bejn l-1998 l-2007) [4], li jista’ jirriżulta f’ċerta rappreżentanza żejda tal-(iżgħar) intrapriżi li jġarrbu telf u jkollhom jiġġieldu biex jibqgħu fis-suq. Billi inkluda l-istess numru ta’ intrapriżi żgħar fil-kampjuni tiegħu (inkluż fl-ewwel kampjun tiegħu tal-grupp ta’ referenza II), WIK seta’ wettqet sottovalutazzjoni tal-OM ta’ referenza li japplika aktar għal intrapriżi akbar u stabbiliti aħjar bħal DP jew DPLP.

(303) It-tieni nett, għalkemm WIK isemmi, ġustament, il-profil ta’ riskju baxx tal-operatur minħabba l-karattru ta’ monopolju tal-attivitajiet tiegħu, ma jidhirx li qies biżżejjed l-ispejjeż fissi sinifikanti (meta mqabbla mal-ispejjeż varjabbli) li jirriżultaw mill-obbligu ta’ servizz universali, lanqas l-iżvilupp ta’ profil ta’ riskju li setgħu iwasslu għalihom il-bidliet fis-sistema regolatorja li esperjenza l-operatur matul iż-żmien, b’mod partikolari bejn il-perjodi differenti ta’ regolazzjoni (pereżempju, il-kuntratti ta’ ġestjoni differenti, fil-każ ta’ DPLP).

(304) Is-sehem tal-ispejjeż fissi jista’ jkun għoli mhux biss minħabba l-kapital intensiv ta’ intrapriża (waħda mill-ispjegazzjonijiet attwali tal-karattru għoli tal-ispejjeż fissi) iżda wkoll minħabba li din ma tkunx tista’ tadatta l-ispejjeż globali tagħha meta jitqaies l-obbligu tagħha (marbut mal-obbligu ta’ servizz universali) li żżomm netwerk wiesa’ ta’ distribuzzjoni u minħabba li mhix kapaċi tnaqqas l-ispejjeż tax-xogħol minħabba l-kuntratti tax-xogħol eżistenti. Is-sehem għoli tal-ispejjeż fissi [5] jqajjem ukoll dubji dwar l-inklużjoni ta’ kumpaniji żgħar li l-istruttura tal-ispejjeż tagħhom (il-proporzjon bejn l-ispejjeż fissi u l-ispejjeż varjabbli) jidher li tvarja b’mod sinifikanti [6].

(305) Kif inhu indikat fl-introduzzjoni, il-Kummissjoni tqis ukoll li l-grad ta’ espożizzjoni għar-riskju ta’ operatur postali storiku jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-karatteristiċi tal-mekkaniżmu regolatorju implimentat mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiffinanzja l-obbligu ta’ servizz universali. It-triq lejn sistema ta’ prezzijiet massimi aktar fit-tul għall-prezzijiet tal-bolol (kif esperjenza DPLP fl-2006) tinvolvi b’mod partikolari żieda sinifikanti fid-daqs tar-riskju relatat mal-volumi. L-eżistenza ta’ riskju bħal dan idgħajjef l-ipoteżi ta’ WIK dwar ir-riskju intrinsikament baxx tal-attivitajiet ta’ DPLP, għall-inqas għall-perjodu kkaratterizzat minn sistema ta’ prezzijiet massimi.

(306) Wara li kkunsidrat l-argumenti ppreżentati fil-premessi 0 sa b), il-Kummissjoni qieset li għall-evalwazzjoni tal-profitt ta’ DPLP, il-kampjuni ta’ Deloitte jikkostitwixxu titjib meta mqabbla mal-kampjuni ta’ WIK, peress li kienu limitati għal intrapriżi b’daqs minimu ogħla (fatturat annwali li jaqbeż il-EUR 100 miljun).

(307) B’mod parallel, jeħtieġ madankollu li jiġu nnutat li dwar diversi aspetti, l-approċċ ta’ Deloitte għandu xi nuqqasijiet potenzjali u l-konklużjonijiet tiegħu jridu jiġu interpretati b’kawtela.

(308) Il-kampjuni ta’ Deloitte jidhru b’mod partikolari li jinkludu diversi kumpaniji li l-kapital tagħhom hu aktar intensiv minn dak li japplika għall-operaturi postali [7]. Minn perspettiva metodoloġika, l-użu tal-OM bħala għodda ta’ valutazzjoni tal-profitt jeħtieġ kampjun komparattiv ta’ kumpaniji b’livelli simili ta’ kapital intensiv (hawnhekk definit bħala l-proporzjon bejn il-kapital u l-bejgħ). L-ipoteżi tax-xogħol hija li l-kumpaniji li jkollhom l-istess OM ikollhom redditu fuq il-kapital imħaddem (ROCE [8]) proporzjonalment invers għall-proporzjon tagħhom bejn il-kapital u l-bejgħ. Konsegwentement, ir-rikors għal OM bħala indikatur ta’ referenza tar-redditu jeħtieġ kapital intensiv identiku għall-kumpaniji li jidhru fil-grupp ta’ referenza. Għalkemm

(1) Dawn l-ilmenti ġew espressi wkoll fl-istudji Deloitte-II u CRA.
(2) WIK jinkludi kumpaniji li l-fatturat tagħhom huwa ta’ EUR 3 miljun.
(3) L-istudju Deloitte, pp. 36-37.
(4) L-istudju WIK, p. 87.
(5) CRA, p. 8. Skont DPLP, 66 % mill-ispejjeż tiegħu huma fissi (ara “Demonstration of DPLP’s entitlement to a risk premium on reasonable profit for the period 1992-2010”, Slajd nru 8).
(6) B’konformità mal-analiżi ta’ CRA tal-kampjun tal-kumpaniji inklużi fil-grupp ta’ referenza I tal-istudju WIK Ara t-Taqsima 3.2 tal-istudju CRA.
(7) Dan huwa partikolarment minnu għall-grupp ristrett ta’ intrapriżi postali u tal-kunsinna ta’ pakketti ta’ Deloitte.
(8) Ir-ROCE jista’ jiġi mifhum bħala valur ta’ sostituzzjoni kontabbli (imperfett) tar-redditu ekonomiku kkonċernat, l-IRR fuq il-kapital investit.

huwa diffiċli li jinkisbu stimi affidabbli tal-intensità tal-kapital ([1]), jidher li l-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-posta u tal-istampa għandhom inqas kapital intensiv mill-attivitajiet ta' kunsinna ta' pakketti espress tal-kumpaniji multinazzjonali l-kbar bħal UPS, TNT, FedEx u DHL ([2]) Konsegwentement, l-indikatur ta' profitt raġonevoli definit fuq il-bażi ta' kampjuni ta' Deloitte jista' jkun li vvaluta ż-żejjed il-profitt ta' referenza li jeħtieġ li jiġi applikat għall-kumpaniji bl-istess struttura ta' kapital bħal dik ta' DPLP ([3]).

(309) Fid-dawl tal-għadd ta' inċertezzi li jakkumpanjaw dan l-eżerċizzju ta' valutazzjoni, il-Kummissjoni tqis li huwa ġustifikat li tiġi stabbilita firxa raġonevoli ta' OM fuq il-bażi tal-istimi ta' Deloitte tal-OM medjan għall-akbar kampjun tas-setturi kollha (5,4 %) kif ukoll l-OM medjan għall-kampjun tal-kumpaniji attivi fis-settur postali u ta' kunsinna ta' pakketti (7,4 %) ([4]). Il-firxa miksuba b'dan il-mod [5,4 % sa 7,4 %] tkun tikkostitwixxi, skont il-Kummissjoni, "firxa default" għall-profitt raġonevoli, għall-inqas għall-perjodi li matulhom DPLP kien qed jiffaċċja livell sinifikanti ta' riskju, meta jiġi kkunsidrat il-kuntratt ta' kumpens fis-seħħ, u miżuri ta' inċentiv importanti biex isir aktar effiċjenti ([5]).

(310) Il-Kummissjoni tqis li l-firxa ta' [5,4 % sa 7,4 %] hija adegwata bħala valur default, kemm għall-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-posta ta' DPLP kif ukoll għall-attivitajiet tiegħu ta' distribuzzjoni tal-istampa, peress li huma involuti attivitajiet relatati mill-qrib b'karatteristiċi kummerċjali simili ħafna.

(311) Huwa minnu li DPLP iffaċċja kompetizzjoni baxxa jew ineżistenti fl-oqsma ta' attività kkonċernati (distribuzzjoni ta' ittri u tal-istampa). Fuq din il-bażi, wieħed jistaqsi jekk jaqbilx li jiġi evalwat il-profitt tiegħu fuq il-bażi tal-profitt medjan ta' kampjuni ta' kumpaniji li verament jiffaċċjaw kompetizzjoni u jekk valur ta' referenza aktar ristrett (jiġifieri aktar baxx), bħall-ewwel kwartil (il-25 perċentil), ikunx biżżejjed għal kumpanija fil-pożizzjoni ta' DPLP. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li approċċ bħal dan ma jkunx jirrikonoxxi biżżejjed l-eżistenza ta' varjazzjoni sinifikanti fil-livelli ta' profitt, kemm bejn il-kumpaniji kif ukoll fiż-żmien. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi evitata kull tneħħija mhux ġustifikata ta' kisbiet fl-effiċjenza eventwali billi jiġi impost limitu strett fuq l-OM miksub a posteriori mill-kumpanija.

(312) Fil-kawża inkwistjoni, il-Kummissjoni tqis ukoll li mhux adegwat li wieħed jibbaża fuq miżuri li jmorru lil hinn mill-medjan, bħat-tielet kwartili ([6]). Peress li l-approċċ meħud diġà jistabbilixxi firxa bejn kampjuni differenti, il-valur miżjud provdut mill-kunsiderazzjoni, għal finijiet ta' statistika, tal-firxiet fuq iż-żewġ naħat tal-medjan fil-kampjuni (il-firxa interkwartili li normalment tintuża fil-prezzzijiet tat-trasferiment) jidher xi ftit limitat ([7]). Il-Kummissjoni għalhekk tqis il-varjazzjoni tal-medjan fil-gruppi ta' referenza differenti, aktar milli l-varjazzjoni marbuta mal-medjan f'kampjun partikolari ([8]).

(313) Iżda fuq kollox, peress li s-settur tal-"posta" ta' DPLP għandu intensità ta' kapital aktar baxxa minn dik tal-operaturi tat-tqassim ta' pakketti express ([9]), jidher li l-użu tal-medjan ta' dan l-aħħar kampjun diġà joffri fih innifsu ċerta flessibilità li tippermetti li tiġi identifikata l-varjazzjoni fil-livelli ta' profitt madwar il-medjan għall-kumpaniji b'kapital inqas intensiv, bħal DPLP, u li jiġu kkumpensati biżżejjed il-kisbiet fl-effiċjenza, fejn ikun xieraq.

(314) Diversi kontroverifiki ta' koerenza jistgħu isiru billi titqabbel il-firxa default imsemmija fil-premessa (307) ma' stimi oħrajn disponibbli tal-profitt raġonevoli. Kif huwa indikat fil-bidu ta' din is-sottotaqsima, huwa utli li wieħed iwettaq kontroverifika mal-OM medjan tal-istudju CRA, li huwa ta' […] % ([10]) L-OM medjan ikkalkolat fuq il-bażi tal-kampjun tal-grupp ta' referenza II ta'

([1]) Ara Oxera (2003), Damodaran (2007).

([2]) Verifika tar-rapporti annwali ta' Deutsche Post tissuġġerixxi li l-intensità ta' kapital (ir-relazzjoni bejn l-assi settorjali u t-total tad-dħul settorjali bħala valur ta' sostituzzjoni) ta' DHL, l-affiljata tiegħu ta' kunsinna ta' pakketti express, hija ogħla minn dik tal-attivitajiet ta' posta ta' DP (ara r-rapport annwali tal-2004, p. 90, Tabella 9, Segment Reporting).

([3]) Ara wkoll, WIK, ittra tal-5 ta' Novembru 2010

([4]) Skont il-Kummissjoni, huwa preferibbli, f'dan il-każ, li jiġi kkunsidrat l-OM medjan aktar milli l-OM medju, peress li l-ewwel wieħed huwa inqas espost għal valuri estremi mill-aħħar wieħed. Il-Kummissjoni tinnota li kemm il-medjan kif ukoll il-medju huma miżuri ta' tendenza ċentrali u jintużaw normalment meta tkun se tiġi kkaratterizzata l-"medja".

([5]) Ta' min jinnota t-tliet rapport ta' esperti li ppproponew valuri ta' referenza invarjabbli fiż-żmien għall-MO raġunevoli, jiġifieri valuri ta' referenza uniformi applikabbli matul il-perjodu kollu eżaminat. Il-Kummissjoni ma tipproponix li tieħu kont tal-fattur taż-żmien bħala tali iżda li ssir distinzjoni ċara bejn id-diversi perjodi ta' regolament, li fit-teorija huwa differenti

([6]) Kif issuġġerit, pereżempju, minn CRA, ara l-premessa 280 t'hawn fuq.

([7]) Fir-realtà, dan l-aħħar approċċ jista' jkun aktar adegwat jekk il-Kummissjoni tuża kampjun rilevanti ta' kumpaniji li jistgħu jitqabblu ma' DPLP u l-kwistjoni tkun li jsir magħruf jekk ċertu livell ta' profitt osservat għal DPLP ikunx, minn perspettiva statistika, pjuttost differenti mill-medja tal-kampjun.

([8]) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-istima minn Deloitte tat-tielet kwartili, b'mod partikolari għall-kampjun ristrett tas-servizzi postali u ta' tqassim ta' pakketti, tista' tkun partikolarment sensittiva għad-daqs żgħir tal-kampjun.

([9]) Ara l-premessa 308.

([10]) Ir-riżultati li jinsabu fl-istudju CRA huma bbażati fuq il-kampjun globali (miġbura flimkien) u ma jirrappreżentawx, bħar-riżultati ta' Deloitte jew ta' WIK, il-medji tal-istimi annwali. Biex tiżgura l-koerenza, il-Kummissjoni kkalkolat il-medjan annwali medju mill-kampjun ta' CRA u r-riżultat (6,7 %) mhuwiex wisq differenti mill-medjan globali ppreżentat fl-istudju CRA (6,6 %).

WIK, limitat għall-kumpaniji li l-fatturat tagħhom ikun ogħla minn 100 miljun, jipprovdi OM ta' 7,1 %. Il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn iċ-ċifri huma inklużi fil-firxa [5,4 % sa 7,4 %], u dan isaħħaħ l-affermazzjoni skont liema din il-firxa tista' tiġi kkunsidrata bħala raġonevoli.

(315) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għalhekk tasal għall-konklużjoni li marġni default inkluża fil-firxa ta' [5,4 % - 7,4 %] jidher li tikkostitwixxi marġni ta' referenza adegwata għall-profitt, għall-inqas għall-perjodi li matulhom DPLP kien qed jiffaċċja livell sinifikanti ta' riskju u inċentivi sinifikanti għall-effiċjenza.

Marġni ta' profitt raġonevoli fin-nuqqas ta' riskju sinifikanti marbut mal-kuntratt

(316) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li jekk il-kuntratt bejn l-operatur storiku u l-awtoritajiet pubbliċi huwa tali li s-servizz pubbliku jkun marbut ma' livell sinifikanti ta' riskju, il-profitt raġonevoli mogħti lill-operatur storiku irid ikun proporzjonali mal-livell korrispondenti tar-riskju mġarrab. Għall-kuntrarju, jekk il-kuntratt ikun jinvolvi biss ftit riskju, il-livell ta' profitt raġonevoli għandu jkun baxx.

(317) Fit-taqsima preċedenti, il-Kummissjoni spjegat l-approċċ tagħha bl-għan li tistabbilixxi firxa default ta' profitt raġonevoli ta' [5,4 % - 7,4 %], li hija kkunsidrata adegwata għall-kuntratti b'livell ta' riskju sinifikanti. Huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat il-valur ta' referenza adegwat f'termini ta' firxa ta' OM raġonevoli f'każ ta' riskju baxx iżda huwa evidenti li firxa bħal din ta' OM se jkollha tinsab fuq ix-xellug tat-tqassim fil-kampjun tal-livelli ta' profitt osservati. Il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat, f'din il-perspettiva, li tiġi adottata firxa għall-profitt raġonevoli bbażata fuq l-ewwel kwartili (il-25 perċentil) minflok il-medjan.

(318) Ir-rikors għall-25 perċentil bħala valur ta' referenza għall-kuntratti b'riskju baxx jipprovdi firxa ta' OM raġonevoli ta' [3,6 % sa 4,8 %] fuq il-bażi tal-kampjuni differenti ta' Deloitte.

(319) Hemm ukoll, tqabbil mar-riżultati ta' CRA dwar l-operaturi postali storiċi jista' jikkostitwixxi kontroverifika oħra utli. Il-medja tal-25 perċentil annwali kkalkolata mill-Kummissjoni hija ugwali għal […] %. Il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn iċ-ċifri huma inklużi fil-firxa [3,6 % sa 4,8 %], u dan isaħħaħ l-affermazzjoni skont liema din il-firxa tista' tiġi kkunsidrata bħala raġonevoli.

(320) B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għalhekk tasal għall-konklużjoni li marġni default inkluża f'firxa ta' [3,6 % - 4,8 %] jidher li tikkostitwixxi marġni ta' referenza adegwata tal-benefiċċju, għall-perjodi li matulhom DPLP kien qed jiffaċċja livell baxx ta' riskju.

Valutazzjoni tar-riskji inerenti fil-kuntratti li jorbtu lil DPLP

(321) Kif spjegat fl-introduzzjoni għal din it-taqsima, ir-riskju mġarrab minn DPLP jiddependi mill-mekkaniżmu ta' kumpens applikat mill-Belġju. Dan il-mekkaniżmu huwa previst fil-kuntratti ta' ġestjoni differenti konklużi bejn DPLP u l-Istat Belġjan u jvarja matul iż-żmien. Għalhekk huwa raġonevoli li jiġu kkunsidrati l-firxiet differenti għall-"OM raġonevoli" skont il-mekkaniżmu ta' kumpens stabbilit, li jiddetermina l-livell ta' riskju li jiffaċċja DPLP iżda wkoll safejn DPLP qed jiġi inċentivat biex itejjeb il-produttività tiegħu.

(322) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-klassifikazzjoni tar-riskju fil-kuntratti ma tiddependix sempliċiment mill-preżenza tar-riskju fil-kuntratti ta' ġestjoni ta' DPLP, jew anke mill-grad assolut ta' riskju, iżda pjuttost tiddependi minn kemm ir-riskju jkun ogħla jew inqas minn dak ta' kumpaniji oħrajn fl-istess grupp ta' kampjuni. Dan japplika wkoll għall-intensità tal-miżuri li jinċentivaw lil DPLP biex jagħmel kisbiet fl-effiċjenza. Peress li dawn il-gruppi tal-kampjuni huma magħmula minn kumpaniji attivi f'ambjent kompetittiv, huma normalment jiffaċċjaw riskju sinifikanti u inċentivi qawwija sabiex isiru aktar effiċjenti.

(323) Il-Kummissjoni tqis li r-raba' kuntratt ta' ġestjoni (2006 sal-2010) jipprevedi b'mod ċar mekkaniżmi li jinkludu impenji fit-tul dwar il-prezzijiet u l-finanzjament ibbażati fuq parametri *ex ante*. Dan japplika għall-attivitajiet ta' DPLP li jikkonċernaw kemm id-distribuzzjoni tal-posta kif ukoll dik tal-istampa.

(324) B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-istampa, l-Artikolu 9 tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni jistipula li tul iż-żmien tal-kuntratt (perjodu standard ta' 5 snin), il-medja peżata tat-tariffi għall-forniment ta' servizzi li jappartjenu għall-"basket tal-utenti żgħar" mhix se tiżdied b'rata aktar mgħaġġla milli jkun jippermetti mekkaniżmu ta' prezzijiet massimi bbażat fuq l-indiċi tas-saħħa (indiċi speċifiku tal-prezzijiet tal-konsum) u bonus ta' kwalità li jkun jirrifletti l-perċentwal tal-posta individwali mqassma matul iż-żmien. Skont il-Kummissjoni, l-iffissar tat-tariffi b'dan il-mod għall-perjodu kollu tal-kuntratt juri l-karatteristiċi kollha ta' kuntratt ta' inċentiv, li jesponi lill-kumpanija għal livell ta' riskju sinifikanti.

(325) Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-istampa, l-Artikolu 2 tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni jispeċifika li matul il-perjodu

tal-kuntratt, it-tariffi tad-distribuzzjoni tal-istampa ma jistgħux jogħlew b'rata aktar mgħaġġla mill-indiċi ta' saħħa. Biex jiġu koperti l-ispejjeż netti tad-distribuzzjoni tal-istampa, meta jiġu kkunsidrati l-effiċjenzi ppjanati, l-Artikolu 13(2) jistabbilixxi l-kumpens annwali li għandu dritt għalih DPLP għal EUR 290 613 000 (ammont aġġustat biex tiġi kkunsidrata l-inflazzjoni) ([1]). L-Artikolu 13(5), jistabbilixxi li jekk il-kontenut jew il-kundizzjonijiet tas-SGEI jinbidlu jew jekk isir żvilupp sinifikanti fl-ispejjeż li DPLP ma jkunx jista' jikkontrolla, il-partijiet għandhom jeżaminaw jekk l-ammont tal-kumpens iridx jiġi adattat skont dan l-iżvilupp tal-ispejjeż. Adattament bħal dan huwa soġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li din il-klawżola tal-aħħar tista' tiġi interpretata bħala klawżola ta' ħruġ li terġa' tintroduċi xi elementi ex post fil-kuntratt (li jipproteġu lil DPLP mir-riskju). Il-Kummissjoni tqis madankollu li t-termini użati mill-awtoritajiet pubbliċi huma evażivi biżżejjed u li DPLP ma jistax, minħabba dan, jiddependi fuq l-użu tiegħu. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet għall-attivitajiet ta' DPLP li huma relatati mad-distribuzzjoni tal-istampa jiddependu fuq impenn fit-tul dwar il-livell ta' kumpens.

(326) Konsegwentement, skont il-Kummissjoni, ir-raba' kuntratt ta' ġestjoni (2006 sal-2010) ma jistax jiġi kkunsidrat bħala wieħed li jwassal għal riskju baxx iżda pjuttost bħala wieħed li jinvolvi livell sinifikanti ta' riskju. Ġeneralment, il-firxa default ta' [5,4 % sa 7,4 %] tidher li hija adegwata għal żewġ tipi ta' attivitajiet previsti mir-raba' kuntratt ta' ġestjoni.

(327) Għall-kuntrarju, il-kuntratti ta' ġestjoni preċedenti (sal-2005) kienu jidhru li jibbażaw fil-biċċa l-kbira fuq mekkaniżmi ta' prezzijiet u ta' kumpens li jinkludu livell baxx ta' riskju għal DPLP.

(328) Fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet tal-bolol, il-Kummissjoni tinnota li l-ewwel tliet kuntratti ta' ġestjoni ma japplikawx mekkaniżmu ta' prezzijiet massimi tat-tip użat fir-raba' kuntratt ta' ġestjoni (li jipprevedi impenn fit-tul fuq il-prezzijiet). Dawn il-kuntratti jirreferu, b'mod pjuttost ġenerali, għal tariffi bbażati fuq l-ispejjeż attwali, stabbiliti fuq il-bażi ta' prinċipji kontabbli adegwati ([2]).

(329) Bl-istess mod, fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-istampa, il-Kummissjoni tinnota li l-ewwel tliet kuntratti ta' ġestjoni ma jipprevedux baġit fiss li jkopri l-perjodu tal-kuntratt b'mod simili għar-raba' kuntratt ta' ġestjoni ([3]). Minflok jagħmlu referenza għall-kumpensi fuq il-bażi tal-ispejjeż attwali ([4]) Il-Kummissjoni tinnota li t-tieni kuntratt jistabbilixxi wkoll limitu globali għall-kumpens iżda l-ammonti ta' kumpens effettivi osservati matul il-perjodu jidhru li qed jitfgħu dubju fuq in-natura realment vinkolanti tal-limitu ([5]). L-ewwel kuntratt ta' ġestjoni jistabbilixxi wkoll allokazzjoni annwali (kumpens) iżda l-Kummissjoni tinnota li, fl-istess ħin, il-kuntratt ma jistabbilixxix limitu fit-tul għat-tariffi ta' distribuzzjoni tal-istampa.

(330) Il-Kummissjoni għalhekk hija tal-fehma li l-firxa ta' [3,6 % sa 4,8 %], li kienet ikkunsidrata raġonevoli fin-nuqqas ta' riskju sinifikanti relatat mal-kuntratt, trid tiġi applikata kemm għad-distribuzzjoni tal-istampa kif ukoll għad-distribuzzjoni tal-posta għall-perjodu li jikkorrispondi mal-ewwel tliet kuntratti ta' ġestjoni.

(331) Il-Kummissjoni tinnota li approċċ ibbażat fuq il-kuntratti huwa wkoll propost mill-awtoritajiet Belġjani fid-dokument li ppreżentaw fl-14 ta' Diċembru 2011. Għalkemm il-metodoloġija proposta tqajjem diversi mistoqsijiet rigward il-fatturi ta' riskju u l-mod kif dawn jingħataw piż ([6]), analiżi għal kull perjodu kuntrattwali li jikklassifika essenzjalment ir-riskju għal DPLP skont skala ta' tliet livelli (baxx, medju, għoli) hija globalment konformi mal-approċċ adottat mill-Kummissjoni. B'kollox, il-klassifikazzjoni rilevanti magħmula minn DPLP tal-kuntratti f'termini ta' riskju impost jidhru li huma koerenti mal-analiżi tal-Kummissjoni, peress li l-awtoritajiet Belġjani jikkunsidraw ukoll li r-raba' kuntratt huwa aktar riskjuż globalment mill-ewwel tlieta.

([1]) "Fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż u d-dħul imsemmija fil-punt 1, imwettqa minn IBPT b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ tal-awditjar ta' LA POSTE, u meta jiġu kkunsidrati l-miżuri ta' ekonomija previsti mill-maniġment ta' LA POSTE sabiex l-istruttura tal-ispejjeż ta' LA POSTE issir konformi mal-medja Ewropea tas-settur, l-intervent finanzjarju tal-Istat imsemmi fil-punt 1 huwa stabbilit għal ammont annwali ta' EUR 290 613 000, għal kull wieħed mill-perjodi 24/09/05 – 23/09/06, 24/09/06 – 23/09/07, 24/09/07 – 23/09/08, 24/09/08 – 23/09/09, 24/09/09 – 23/09/10".

([2]) Għalhekk, l-Artikolu 3 tat-tieni kuntratt ta' ġestjoni (1997-2001) jipprovdi li: "Il-prezzijiet iridu jkunu bbażati fuq l-ispejjeż attwali. Dawn l-ispejjeż huma stabbiliti skont ir-regoli ta' kontabilità applikabbli għall-intrapriżi kummerċjali u li l-prinċipji ta' kontabilità tagħhom ikunu konformi ma' dawk aċċettati mill-istitut tal-awdituri tal-intrapriżi." L-istess terminoloġija tintuża fl-ewwel u fit-tielet kuntratti ta' ġestjoni.

([3]) Din l-opinjoni li tikkonċerna t-tieni u t-tielet kuntratti ta' ġestjoni tidher fid-dokument ippreżentat mill-awtoritajiet Belġjani fl-14 ta Diċembru. L-islajd 29 ta' din il-preżentazzjoni tindika li fit-tieni u t-tielet kuntratti ta' ġestjoni, il-kumpens kien ibbażat fuq l-ispejjeż attwali (u mhux fuq ammonti fissi).

([4]) Għalhekk, l-Artikolu 3 tat-tieni kuntratt ta' ġestjoni (1997-2001) jipprovdi li: "LA POSTE toħroġ fatturi perjodikament lill-Istat, fuq il-bażi tal-ispejjeż attwali, għas-servizzi pprovduti għal prezz inqas mill-prezz tal-kost."

([5]) Ara l-premessa 38.

([6]) Il-preżentazzjoni ma tagħti l-ebda indikazzjoni fir-rigward tal-piżijiet relattivi tal-fatturi ta' riskju differenti.

*Konklużjoni dwar il-livell ta’ profitt raġonevoli*

(332) Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li firxa default tal-marġni operattiv (OM) ta’ bejn [5,4 % sa 7,4 %] tikkostitwixxi firxa ta’ referenza adegwata biex tistabbilixxi l-profitt raġonevoli għall-perjodi li matulhom DPLP kellu jiffaċċja riskju sinifikanti u jikkunsidra inċentivi qawwija għall-effiċjenza.

(333) Il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li firxa tal-OM bejn [3,6 % u 4,8 %] tikkostitwixxi firxa ta’ referenza adegwata biex tistabbilixxi l-profitt raġonevoli għall-perjodi li matulhom DPLP ma ġarrab l-ebda riskju sinifikanti.

(334) Biex jiġu kkunsidrati l-isforzi li, skont l-awtoritajiet Belġjani, DPLP ppermetta biex iwettaq kisbiet fl-effiċjenza, il-Kummissjoni ddeċidiet li turi l-kawtela bl-użu tal-ogħla limiti ta’ dawn iż-żewġ firxiet biex tistabbilixxi l-profitt raġonevoli li għandu jiġi inkluż fl-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi. Dan l-approċċ intwera wkoll fl-istudju Deloitte [ara l-premessa (291)] skont liema r-rikors għal firxiet ikun konvenjenti meta tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li ma jiġux sanzjonati riżultati ogħla mill-medja miksuba permezz ta’ kisbiet fl-effiċjenza.

(335) Il-Kummissjoni tqis li l-ewwel tliet kuntratti ta’ ġestjoni (1992-1996, 1997-2002 u 2003-2005) għandhom riskju baxx u li livell ta’ profitt raġonevoli li jkun jikkorrispondi għal OM ta’ 4,8 % jista’ jiġi applikat għad-distribuzzjoni kemm tal-posta kif ukoll tal-istampa. Hi tqis, għall-kuntrarju, li r-raba’ kuntratt ta’ ġestjoni (2006-2010) huwa akkumpanjat minn riskju ferm akbar, sabiex livell ta’ profitt raġonevoli li jikkorrispondi ma’ OM ta’ 7,4 % jkun jista’ jiġi applikat għad-distribuzzjoni tal-posta kif ukoll tal-istampa.

*Kontroll tal-kumpens żejjed għall-perjodu kopert mill-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni (1992-1996)*

(336) L-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni jispeċifika li l-kumpens annwali mħallas mill-Istat huwa maħsub għall-missjonijiet kollha ta’ servizz pubbliku.

(337) Il-kumpens żejjed possibbli għalhekk irid jiġi kkalkolat billi jiżdiedu t-totali tal-ispejjeż u d-dħul tal-missjonijiet kollha ta’ servizz pubbliku.

(338) Il-kumpens annwali mħallas mill-Istat għall-missjonijiet ta’ servizz pubbliku irid jiġi inkluż fid-dħul. Il-kumpensi annwali rċevuti minn DPLP taħt l-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni jirrappreżentaw ammont totali ta’ EUR 1,5 biljun.

(339) Barra minn hekk, il-miżuri ta’ għajnuna minn issa ’l quddiem iridu jiġu kkunsidrati:

It-trasferiment ta’ proprjetà immobbli

(340) L-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni kien jipprevedi wkoll trasferiment ta’ proprjetà immobbli tal-Istat lil DPLP. Dan it-trasferiment ta’ proprjetà immobbli b’valur ta’ EUR 112,2 miljun li għalih ma tħallset l-ebda kontribuzzjoni, irid jiġi inkluż fid-dħul ta’ DPLP għall-finijiet tal-kalkolu tal-kumpens żejjed għall-perjodu kopert mill-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni. DPLP ma kien ħallas l-ebda kontribuzzjoni lill-Istat għall-użu tal-bini matul il-perjodu ta’ qabel it-trasferiment.

Kumpens differit tal-SGEI għall-1996, li jammonta għal EUR 62 miljun, imħallas forma ta’ injezzjoni ta’ kapital fl-1997

(341) Fl-1997, ammont ta’ EUR 62 miljun tħallas mill-Istat lil DPLP u ġie kontabilizzat minnu bħala injezzjoni ta’ kapital. L-awtoritajiet Belġjani sussegwentement ammettew li dan it-trasferiment kien jikkorrispondi mal-ħlas differit tal-bilanċ tal-kumpens annwali previst għall-1996 mill-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni.

(342) Għall-ewwel, l-ammont inkwistjoni ma tħallasx fil-ħin lil DPLP fl-1996, u għalhekk il-kumpens tal-Istat kien inqas mill-ammont annwali previst mill-kuntratt ta’ ġestjoni għas-sena inkwistjoni.

(343) Għall-finijiet tal-kontroll tal-kumpens żejjed, il-ħlas ta’ EUR 62 miljun huwa inkluż fil-kumpens tal-SGEI għall-perjodu kopert mill-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni.

(344) Il-kalkolu tal-kumpens żejjed għall-ewwel kuntratt ta’ ġestjoni jista’ jiġi spjegat fil-qosor kif ġej:

– Spejjeż netti (spejjeż – dħul) tal-missjonijiet kollha ta’ servizz pubbliku, inkluż l-obbligu ta’ servizz universali (OSU)

– Profitt raġonevoli awtorizzat għall-SGEI

\+ Kumpensi annwali tal-SGEI

\+ It-trasferiment ta’ proprjetà immobbli

\+ Injezzjoni ta’ kapital tal-1997

= Kumpens żejjed

*Kontroll tal-kumpens żejjed għall-perjodu kopert mill-ewwel tliet kuntratti ta’ ġestjoni sussegwenti (1997-2010)*

(345) Għat-tliet kuntratti ta’ ġestjoni sussegwenti, il-kalkolu tal-kumpens żejjed se jikkunsidra biss l-ispejjeż u d-dħul tal-SGEI li, skont id-dispożizzjonijiet ta’ dawn il-kuntratti, setgħu jingħataw kumpens ta’ servizz pubbliku. L-ispejjeż u d-dħul li jikkorrispondu għall-SGEI l-oħrajn li, b’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratti ta’ ġestjoni, ma setgħux jistennew għajnuna, mhux qed jiġu kkunsidrati. Peress li s-servizz postali universali ma jagħmilx parti

mill-attivitajiet li jibbenefikaw minn għajnuna, l-ispiża netta potenzjali tiegħu mhix se tiġi kkunsidrata u trid tiġi ffinanzjata kollha minn DPLP mir-riżorsi proprji tiegħu b'konformità mal-mandat ta' servizz pubbliku stabbilit mill-kuntratti ta' ġestjoni. L-attivitajiet li, b'konformità mal-kuntratti ta' ġestjoni, jibbenefikaw mill-ammont ta' kumpens li huwa indikat jinkludu b'mod partikolari d-distribuzzjoni tal-istampa (gazzetti ta' kuljum u perjodiċi) u s-servizzi pubbliċi l-oħrajn elenkati fil-premessa (33).

(346) Minħabba t-tariffi baxxi mitluba għad-distribuzzjoni tal-istampa, l-SGEI li jibbenefikaw minn għajnuna qed iġarrbu telf globali.

(347) Safejn il-kumpens żejjed possibbli ta' servizz partikolari jista' jintuża biex jiffinanzja l-ispejjeż netti li jirriżultaw minn missjonijiet oħrajn ta' servizz pubbliku li mhumiex ikkumpensati biżżejjed, l-ispejjeż u d-dħul kollha relatati mal-SGEI li jkunu eliġibbli għal għajnuna skont kuntratti ta' ġestjoni se jiżdiedu għall-finijiet tal-kalkolu.

(348) Il-kumpensi annwali rċevuti minn DPLP taħt dawn it-tliet kuntratt ta' ġestjoni jirrappreżentaw ammont totali ta' EUR 3,5 biljun.

*Il-kunsiderazzjoni tal-qligħ żejjed li jiġi mis-settur riżervat*

(349) Minbarra l-kumpensi previsti fil-kuntratti ta' ġestjoni, DPLP bbenefika, matul il-perjodu kollu kopert mill-investigazzjoni, minn drittijiet esklussivi mogħtija mill-Istat għall-forniment ta' servizzi postali riżervati. Għalkemm l-eċċess nett eventwali li jiġi minn dan is-settur riżervat ma jikkostitwixxix riżorsi tal-Istat għall-finijiet tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u għalhekk ma jistax ikun soġġett għal ordni ta' rkupru f'każ ta' kumpens żejjed, jista' u jrid jiġi kkunsidrat, fil-qafas tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, waqt il-valutazzjoni tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità ta' kull għajnuna pubblika oħra mogħtija lil dan l-operatur bħala kumpens għal servizzi pubbliċi. Konsegwentement, waqt il-valutazzjoni tal-kontabilità tal-kumpens mogħti lil DPLP skont il-kuntratti ta' ġestjoni differenti fir-rigward tal-Artikolu 106 (2) tat-TFUE, il-profitt żejjed iġġenerat mill-operatur postali Belġjan f'dan is-settur riżervat se jitnaqqas mill-ispejjeż tal-SGEI li jistgħu jkunu eliġibbli għal kumpens ta' servizz pubbliku skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-kuntratti.

(350) Jeħtieġ li jiġi nnutat f'dan ir-rigward li dan il-prinċipju jinsab fi ħdan il-qafas tal-SGEI, li jipprovdi li "jekk l-intrapriża inkwestjoni jkollha drittijiet esklussivi jew speċjali marbuta ma' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali li jiġġeneraw profitti aktar mill-profitt raġonevoli, jew benefiċċji mill-vantaġġi l-oħra mogħtija mill-Istat, dawn iridu jiġu kkunsidrati, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE, u miżjuda mad-dħul tagħha" ([1]) Dan il-prinċipju juri l-kundizzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità inerenti fl-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Fil-fatt, l-għajnuna mogħtija għal SGEI flimkien mal-qligħ żejjed li jirriżulta minn dritt esklussiv jew speċjali mogħti lill-operatur u li fih innifisu hu biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż ta' SGEI ieħor, mhix meħtieġa għall-forniment ta' dan l-SGEI. L-operatur li jiġġenera dan il-qligħ żejjed diġà jgawdi minn miżura pubblika li tippermettilu li jiżgura l-SGEI taħt kundizzjonijiet ta' bilanċ ekonomiku, tant tajjeb li l-ebda kumpens żejjed ma jkun meħtieġ.

(351) Għalhekk, kull qligħ żejjed fis-settur riżervat li jirriżulta mid-dritt esklussiv mogħti irid jiġi kkunsidrat biex tiġi evalwata l-ħtieġa tal-kumpensi tal-SGEI inkwistjoni mogħtija lil DPLP.

(352) Konsegwentement, kull qligħ iġġenerat mis-settur riżervat (OSU R) li jaqbeż il-livell ta' profitt raġonevoli huwa kkunsidrat fl-analiżi tal-kumpens żejjed tal-SGEI.

(353) Madankollu, peress li s-settur riżervat huwa qabel kollox maħsub biex jiffinanzja s-servizz universali, kull telf irreġistrat f'oqsma oħrajn tas-servizz universali jnaqqas il-kontribuzzjoni tas-settur riżervat għall-ispejjeż tal-SGEI l-oħra relatati.

*Spejjeż li jirriżultaw mir-restrizzjonijiet relatati mal-obbligu ta' servizz universali*

(354) Barra minn hekk, biex jiġi stabbilit il-qligħ żejjed realment iġġenerat mis-settur riżervat, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu ta' servizz universali, iżda li jiġu mġarrba minn attivitajiet li jkunu jinsabu barra mill-firxa tas-servizz universali. B'konformità mal-ġurisprudenza Chronopost, l-ispejjeż tan-netwerk tal-bejgħ bl-imnut huma mqassma fil-kontabilità analitika ta' DPLP bejn l-attivitajiet li jeħtieġu li jirrikorru għan-netwerk, li jinkludu prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali, iżda mhux biss. B'mod aktar partikolari, l-obbligu impost fuq DPLP li jżomm netwerk tal-bejgħ bl-imnut ta' ċertu kobor u densità, biex jipprovdi servizz postali universali b'livell ta' kwalità stabbilit biżżejjed mill-awtoritajiet Belġjani jinvolvi telf għall-attivitajiet kummerċjali li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali peress li parti mill-ispejjeż tan-netwerk tal-bejgħ bl-imnut ikun, b'konformità mal-ġurisprudenza Chronopost, minħabba prodotti kummerċjali li jużaw in-netwerk ta' bejgħ bl-imnut.

(355) Ir-restrizzjoni tan-netwerk imposta mill-kuntratti ta' ġestjoni: ir-restrizzjonijiet imposti mill-Istat rigward id-densità u t-tip ta' punti ta' servizz postali (uffiċċji postali u/jew punti postali) jikkostitwixxu n-netwerk tal-bejgħ

([1]) Il-punt 17 tal-Qafas tal-SGEI:

bl-imnut. Dawn huma stabbiliti fil-kuntratti ta' ġestjoni suċċessivi. Għalhekk, ir-raba' kuntratt ta' ġestjoni (2005-2010) jipprevedi:

(a) l-obbligu ġenerali li jinżamm netwerk li jippermetti t-twettiq tas-servizz universali u ta' servizzi pubbliċi oħrajn fdati lil DPLP [1];

(b) l-obbligu li jinżammu mill-inqas 1 300 punt ta' servizz postali (uffiċċji tal-posta u punti postali [2]);

(c) l-obbligu li jinżammu mill-inqas 589 uffiċċju tal-posta;

(d) barra minn hekk, id-distanza massima bit-triq bejn kull punt ta' servizz postali li joffri firxa ta' servizzi bażiċi u uffiċċju postali li joffri firxa ta' servizzi kompluta ma tistax' tkun aktar minn 10 km.

(356) L-awtoritajiet Belġjani jqisu li r-rekwiżiti speċifiċi applikabbli għan-numru u għat-tip ta' punti ta' servizz postali li jiffurmaw in-netwerk tal-bejgħ bl-imnut ta' DPLP jikkostitwixxu obbligu separat ta' preżenza territorjali impost mill-Istat minbarra r-rekwiżiti relatati mal-obbligu ta' servizz universali (OSU). Fuq din il-bażi, il-Belġju jqis li l-ispejjeż netti kollha li jkunu jikkorrispondu ma' dan l-obbligu speċifiku ta' preżenza territorjali għandhom jiġu kkumpensati mill-Istat.

(357) Il-kwantifikazzjoni tar-restrizzjoni tan-netwerk: sabiex jiġu ddeterminati l-ispejjeż netti li jinvolvi għal DPLP l-obbligu li jinżamm netwerk ta' bejgħ bl-imnut b'mill-inqas 13 000 punt ta' servizz postali, li minnhom ikun hemm mill-inqas 589 uffiċċju postali, l-awtoritajiet Belġjani qabblu n-netwerk attwali tal-bejgħ bl-imnut, li d-densità u t-tip ta' punti ta' servizzi postali tiegħu huma imposti mill-Istat, ma' netwerk ta' bejgħ bl-imnut ipotetiku li DPLP jopera jekk ma jkollux jikkunsidra dawn ir-restrizzjonijiet speċifiċi. Fi kliem ieħor, in-netwerk ta' bejgħ bl-imnut ipotetiku huwa dak li DPLP kien jagħżel li jopera taħt kundizzjonijiet kummerċjali jekk l-Istat ma jimponilux obbligi ta' servizz pubbliku.

(358) L-awtoritajiet Belġjani jqisu li dan in-netwerk ipotetiku ikun magħmul biss minn punti postali. L-uffiċċji tal-posta jisparixxu. Madankollu, biex ikun jista' jibqa' jingħata servizz lill-istess volum ta' klijenti, DPLP jkollu jżid in-numru ta' punti postali b'mod konsiderevoli.

**Tqabbil bejn in-netwerk tal-bejgħ bl-imnut attwali ta' DPLP u netwerk ipotetiku fin-nuqqas tal-obbligi imposti mill-Istat**

| | Numru totali ta' punti ta' servizz postali Uffiċċji tal-posta (a) + punti postali (b) | (a) Numru ta' uffiċċji tal-posta (punti ta' servizz postali ddedikati, operatiminn DPLP stess) | (b) Numru ta' punti postali (punti ta' servizz li jinsabu fl-istabbilimenti ta' terzi persuni) |
|---|---|---|---|
| Netwerk attwali ta' bejgħ bl-imnut ta' DPLP (tmiem l-2009) | 1 401 = | 713 + | 688 |
| Netwerk ipotetiku ta' bejgħ bl-imnut fin-nuqqas ta' restrizzjonijiet imposti mill-Istat (skont l-awtoritajiet Belġjani) | […] = | […] + | […] |
| Obbligu ta' netwerk ta' bejgħ bl-imnut impost mill-Istat | Minimu 1 300 | Minimu 589 | L-ebda obbligu |

(359) Kif jirriżulta mit-tabella t'hawn fuq, in-netwerk attwali tal-bejgħ bl-imnut ta' DPLP jissodisfa r-rekwiżiti tal-Istat: in-numru totali ta' punti ta' servizz postali u n-numru ta' uffiċċji tal-posta t-tnejn li huma huma ogħla mil-livell meħtieġ. Għall-kuntrarju, in-netwerk ipotetiku li DPLP jopera kieku kien awtorizzat li jagħżel in-netwerk ta' bejgħ bl-imnut tiegħu fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet purament kummerċjali jkun differenti ħafna: in-numru totali ta' punti postali jiżdied, iżda l-uffiċċji tal-posta operati minn DPLP jisparixxu.

(360) Ir-realtà tar-restrizzjoni tan-netwerk: jeħtieġ li jiġi speċifikat li r-restrizzjoni li l-Istat jimponi fuq DPLP mhix stabbilita b'mod ċar.

(361) L-ewwel nett, in-netwerk li jinżamm attwalment minn DPLP huwa akbar minn dak li jirrikjedi l-Istat. Kemm in-numru ta' punti ta' servizz postali kif ukoll in-numru ta' uffiċċji tal-posta huma ogħla mill-minimu meħtieġ mill-Istat, li jista' jwassal sabiex wieħed jaħseb li l-obbligi li jrid jissodisfa mhumiex ta' piż għal DPLP, li jżomm volontarjament netwerk tad-daqs attwali.

[1] Artikolu 19 "La Poste għandha żżomm infrastruttura bażika tan-netwerk tal-ġbir, tal-issortjar, tat-trasport u d-distribuzzjoni adegwata biex tosserva l-obbligi relatati mal-forniment tas-servizz universali u missjonijiet oħrajn tas-servizz pubbliku msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-kuntratt ta' ġestjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[2] L-**uffiċċji tal-posta** huma punti ta' servizz postali awtonomi operati mill-persunal ta' DPLP, filwaqt li l-**punti postali** huma punti ta' servizz li jkunu jinsabu fi stabbilimenti ta' terzi persuni, bħal supermarkits jew libreriji, li ma jkunux operati mill-persunal ta' DPLP. Jekk l-ispejjeż kollha tal-uffiċċji tal-posta jitħallsu minn DPLP, it-terzi persuni li jkollhom punt postali jirċievu remunerazzjoni sempliċi tas-servizz għall-operazzjonijiet postali li jitwettqu hemm. Minn dan jirriżulta li l-punti postali jiswew tassew inqas għal DPLP mill-uffiċċji tal-posta separati u awtonomi.

(362) L-awtoritajiet Belġjani jispjegaw dan l-ammont żejjed ta' uffiċċji tal-posta minħabba l-kundizzjoni ta' distanza ta' 10 km, il-ħtieġa li tintuża marġni ta' sigurtà biex tiffaċċja l-għeluq mhux mistenni ta' punti postali u l-intenzjoni tagħhom li jgħollu n-numru minimu meħtieġ ta' uffiċċji tal-posta għal 650 fil-kuntratt ta' ġestjoni li jmiss, allura jkun kontraproduttiv li wieħed iżomm man-numru stabbilit attwalment billi jagħlaq uffiċċji tal-posta biex jerġa' jiftaħhom wara ftit żmien. L-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li għal dawn ir-raġunijiet DPLP ma setax inaqqas aktar in-numru ta' uffiċċji tal-posta biex iqarreb il-minimu meħtieġ ta' 589. Skont huma, minkejja l-eċċess nominali ta' punti ta' servizz postali, il-konfigurazzjoni attwali tan-netwerk, li jikkonsisti minn 713-il uffiċċju tal-posta, hija fil-fatt dettata mir-rekwiżiti tal-Istat.

(363) It-tieni nett, il-metodu adottat mill-awtoritajiet Belġjani huwa bbażat fuq il-kalkolu b'lura tal-ispejjeż tan-netwerk tal-bejgħ bl-imnut mill-2009 sal-1992. L-istess kalkolu b'lura jinvolvi b'mod inevitabbli inċertezzi metodoloġiċi. Il-mudell kummerċjali tal-punti postali mhuwiex neċessarjament disponibbli mill-1992. Barra minn hekk, fil-passat, il-persunal ta' DPLP kien primarjament magħmul minn uffiċjali statutorji li l-ispejjeż ta' pagi tagħhom kellhom nuqqas ta' flessibbiltà kbira. Billi l-punti postali ma kinux immexxija mill-persunal ta' DPLP, l-uffiċċjali statutorji li ma baqgħux jaħdmu f'uffiċċji tal-posta kienu jibqgħu jitħallsu minn DPLP. Għalhekk huwa improbabbli li l-għeluq potenzjali ta' uffiċċji tal-posta fil-bidu tal-perjodu kopert mill-investigazzjoni seta' jinvolvi tnaqqis dirett fl-ispejjeż tal-pagi. Għall-kuntrarju, dan it-tip ta' tfaddil seta' jsir, sa ċertu punt, fl-2009, meta l-persunal kien jinkludi aktar impjegati bil-kuntratt. Meta tiġi kkunsidrata l-bidla progressiva għal persunal bi status aktar flessibbli u t-titjib sussegwenti fis-sistema tal-kontabilità analitika, jista' jitqies li d-dejta kontabbli relatata mal-aktar snin finanzjarji reċenti hija ħielsa minn din it-tip ta' distorsjoni. Madankollu, peress li aktar minn 20 000 uffiċjal għadhom jaħdmu għal bpost u peress li dawn la jistgħu jiġu impjegati fil-punti postali u lanqas imkeċċija, is-sostituzzjoni tal-uffiċċji tal-uffiċċji postali kollha minn punti postali tibqa', anke llum, opzjoni teoretika u mhux realistika.

(364) L-awtoritajiet Belġjani jisħqu madankollu li, fil-passat, l-ispejjeż tat-tkeċċija potenzjali kienu jiġu kkumpensati mit-tnaqqis fl-ispejjeż operattivi u l-bejgħ ta' bini li ma jkunx għadu utli. Fir-rigward tal-affidabbiltà tad-dejta relatata mal-perjodu 1999 sal-2002, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li fil-fatt, l-ispejjeż tan-netwerk tal-bejgħ bl-imnut probabilment ġew sottovalutati, minħabba li ċerti elementi li setgħu jiġu kkunsidrati bħala spejjeż ta' netwerk ġew imqassma mill-ġdid fi gruppi oħra ta' spejjeż. Konsegwentement, in-nuqqasijiet tal-metodu ta' kalkolu b'lura kienu jittaffew mill-ipoteżijiet l-oħrajn, prudenti, użati mill-awtoritajiet Belġjani għall-kalkolu tal-ispejjeż tas-snin finanzjarji preċedenti.

(365) L-eżistenza ta' obbligu speċifiku tal-preżenza territorjali: anke meta jammettu l-eżistenza ta' restrizzjoni tan-netwerk, l-allegazzjoni tal-awtoritajiet Belġjanli skont liema din ir-restrizzjoni hija akkumpanjata minn missjoni separata ta' preżenza territorjali ma tidhirx ġustifikata. Fil-fatt jidher li l-kuntratti ta' ġestjoni ma fihomx dispożizzjonijiet speċifiċi li jistabbilixxu obbligu reali ta' preżenza territorjali separat u jkun 'il barra mill-ambitu tar-rekwiżiti relatati mal-obbligi ta' servizz universali u l-obbligi l-oħrajn ta' servizz pubbliku. Għall-kuntrarju, il-kuntratti ta' ġestjoni konklużi bejn DPLP u l-Istat Belġjan jispeċifikaw li r-restrizzjoni tan-netwerk għandha l-għan uniku li tiżgura s-servizz universali u l-SGEI l-oħrajn (id-distribuzzjoni ta' gazzetti ta' kuljum u magazins, kontijiet postali u *postal orders*,…) u l-ispejjeż tan-netwerk meħtieġa għal dan l-għan huma, *a priori*, diġà kontabilizzati fil-kontijiet ta' dawn is-servizzi differenti [1]. Barra minn hekk, il-kuntratti ta' ġestjoni ma jipprevedu l-ebda mekkaniżmu bl-għan li jikkumpensal-ispejjeż ta' obbligu ta' preżenza territorjali. Il-Kummissjoni tinnota li l-obbligu li għandhom jiġu stabbiliti qabel il-parametri ta' kalkolu tal-kumpens ġie introdott fil-qafas tal-SGEI tal-2005 u li huwa għall-perjodu ta' wara l-2005 li ġie nnutat kumpens żejjed tal-ispejjeż tas-SGEI imġarrba minn DPLP [ara l-premessa (386)].

(366) Jeħtieġ li jiġi nnutat li, b'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 97/67/KE, l-Istati Membri huma mitluba jobbligaw lill-operaturi postali storiċi tagħhom biex ifornu servizz universali b'livell ta' kwalità adegwata, b'mod partikolari f'termini ta' kopertura ġeografika. Din il-kopertura territorjali, li teżisti f'dan il-każ li jikkonċerna l-Belġju, madankollu hija biss wieħed mid-diversi aspetti tal-obbligu ta' servizz universali. Fil-kuntratti ta' ġestjoni li jafdaw il-missjoni ta' servizz universali lil DPLP, il-Kummissjoni ma tinnota l-ebda referenza għal missjoni addizzjonali li tobbliga lill-operatur postali storiku li jżomm netwerk akbar, li jkun jinkludi aktar uffiċċji milli jkun meħtieġ mill-koperatura territorjali mitluba mill-obbligu ta' servizz pubbliku u s-servizzi pubbliċi l-oħrajn relatati u li jissodisfa loġika ta' koeżjoni jew ta' żvilupp territorjali. M'hemm l-ebda dubju li kull uffiċċju tal-posta operat minn DPLP biex jiżgura s-servizz universali jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali [2], iżda, minn perspettiva legali, l-obbligu li jinżamm dan l-uffiċċju tal-posta huwa relatat mal-ħtieġa li jkun iggarantit servizz postali universali u servizzi oħrajn relatati ta' kwalità suffiċjenti. Skont il-ġurisprudenza applikabbli, biex tkun tista' tiġi invokata missjoni territorjali komplementari, jeħtieġ li DPLP ikun inkarigat mill-missjoni separata u definita b'mod ċar li jżomm uffiċċji minbarra n-netwerk postali li d-daqs tiegħu ġie stabbilit għas-servizz universali. Dan il-mandat irid jispeċifika l-obbligi, l-ispejjeż li jirriżultaw, kif ukoll is-sistema ta' finanzjament tal-ispejjeż netti tal-missjoni territorjali addizzjonali.

[1] L-ewwel kuntratt ta' ġestjoni Artikolu 1 tal-ftehim addizzjonali tal-10.5.1995; it-tieni kuntratt ta' ġestjoni: Artikolu 4; it-tielet kuntratt ta' ġestjoni: Artikolu 22 u r-raba' kuntratt ta' ġestjoni: Artikolu 19.

[2] Id-Direttiva 2002/39/KE, premessa 6, u d-Direttiva 2008/6/KE, il-premessi 18 sa 22.

(367) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda wieħed minn dawn l-elementi fil-kuntratti ta' ġestjoni konklużi bejn l-Istat u DPLP. L-awtoritajiet Belġjani u DPLP fil-fatt jippruvaw jiġġustifikaw *a posteriori* u b'mod artifiċjali l-eżistenza ta' missjoni territorjali separata billi jargumentaw li l-kopertura territorjali stabbilita fil-kuntratti ta' ġestjoni għandha żewġ għanijiet: din tirriżulta kemm mill-missjoni ta' servizz universali kif ukoll minn missjoni territorjali allegata li tmur lil hinn mill-obbligu ta' servizz universali. Madankollu, il-kuntratti korrispondenti ma fihom l-ebda dispożizzjoni li ssemmi missjoni territorjali allegata separata li tobbliga lil DPLP li jżomm netwerk akbar minn dak previst għall-finijiet tal-forniment tas-servizz universali.

(368) Jeħtieġ li jiġi nnutat li l-karattru artifiċjali tal-allegazzjonijiet tal-awtoritajiet Belġjani u ta' DPLP jirriżulta wkoll mir-raġunament tagħhom stess. Biex jitnaqqas il-livell ta' kumpens żejjed eventwali, l-awtoritajiet Belġjani jixtiequ li l-Kummissjoni tqis bħala spejjeż iġġenerati minn missjoni territorjali addizzjonali li jmorru lil hinn mill-obbligu ta' servizz universali, id-differenza bejn l-ispiża attwali ta' uffiċċju tal-posta bil-faċilitajiet kollha u dik ta' punt postali ipotetiku li jissostitwixxih. Dan ir-raġunament mhuwiex ibbażat fuq netwerk ipotetiku akbar li DPLP iżomm biex jilħaq għanijiet territorjali. Huwa limitat biex juri l-ispiża żejda li tirriżulta mill-kopertura tas-servizz universali li, b'konformità mal-kuntratti ta' ġestjoni, ma jagħti lok għall-ebda għajnuna. Dan in-nuqqas ta' għan territorjali huwa kkonfermat mill-fatt li l-awtoritajiet Belġjani għandhom iżidu b'mod konsiderevoli n-numru ta' punti postali biex ifornu s-servizz universali, peress li huwa impossibbli li dan jiġi żgurat bl-istess numru ta' punti postali.

(369) Madankollu jista' jiġi osservat li, għalkemm jidher impossibbli li tiġi aċċettata l-allegazzjoni tal-awtoritajiet Belġjani li jinvokaw obbligu reali u separat ta' preżenza territorjali, ir-restrizzjoni tan-netwerk impost mill-Istat Belġjan, li teħtieġ iż-żamma ta' netwerk li jippermetti li jiġi żgurat is-servizz universali u s-servizzi putbbliċi l-oħrajn, ma tikkonċernax biss dawn is-servizzi; twassal ukoll għal spejjeż addizzjonali għas-servizzi kummerċjali.

(370) Skont il-kontabilità mqassma skont l-attivitajiet, u b'konformità mal-ġurisprudenza Chronopost, l-attivitajiet kollha li jużaw in-netwerk tal-bejgħ bl-imnut jikkontribwixxu għall-ispejjeż komuni tiegħu, kif spjegat fil-premessa (354). Konsegwentement, il-prodotti kollha, inklużi l-prodotti kummerċjali, jikkontribwixxu għall-ispejjeż tan-netwerk. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu, impost mill-Istat, li jinżammu uffiċċji tal-posta jitfgħu piż fuq prodotti kummerċjali, li b'mod kostanti jidhru li jiġġeneraw telf anke jekk jinbiegħu bil-prezz tas-suq. DPLP joffri s-servizzi kummerċjali tiegħu permezz tan-netwerk peress li jiffinanzjaw parti mill-ispejjeż fissi ta' dan u għalhekk jikkontribwixxu indirettament għas-servizz universali.

(371) Minn perspettiva ekonomika, jidher raġonevoli, waqt l-evalwazzjoni tal-kumpens żejjed ta' DPLP, li jiġi kkunsidrat it-telf irreġistrat mill-prodotti kummerċjali, li jirriżulta mill-obbligi ta' servizz universali u servizzi pubbliċi oħrajn. Jekk DPLP għandu interess ekonomiku fl-użu tan-netwerk ta' bejgħ bl-imnut biex ibiegħ prodotti kummerċjali, dan jirriżulta, mill-angolu tal-kontabilità analitika, li parti mill-ispejjeż tan-netwerk li, inkella, tkun allokata għas-servizz pubbliku, tiġi allokata għall-prodotti kummerċjali li, għalhekk, jidhru li qed jagħmlu t-telf.

Is-sistema ta' kalkolu tal-kumpens żejjed

(372) Konsegwentement, il-kalkolu tal-kumpens żejjed f'dan il-każ jista' jiġi spjegat fil-qosor kif ġej:

– Spiża netta (spejjeż – dħul) tal-SGEI

– Profitt raġonevoli awtorizzat għall-SGEI

\+ Kumpensi annwali tal-SGEI

\+ Eċċess tal-profitt żejjed li jirriżulta mis-settur riżervat tas-servizz universali (wara finanzjament tas-servizz universali, inkluża l-ispiża inkrementali tan-netwerk li joħloq għas-servizzi kummerċjali)

---

= Kumpens żejjed

Kontabilità tal-injezzjonijiet ta' kapital

(373) Il-kontabilità tal-injezzjoni ta' kapital tal-1997 trid tkun evalwata hawn taħt fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-kontabilità tal-kumpensi annwali tal-SGEI, minħabba li mhix involuta rikapitalizzazzjoni separata, iżda ħlas relatat mal-kumpens mogħti għall-missjonijiet ta' servizz pubbliku għall-perjodu mill-1992 sal-1996.

(374) billi l-injezzjoni ta' kapital tal-2003 ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, ma tidħolx il-kwistjoni tal-kontabilità tal-għajnuna.

(375) Billi l-injezzjoni ta' kapital tal-2006 ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, ma tidħolx il-kwistjoni tal-kontabilità tal-għajnuna.

In-nuqqas ta' kompatibbiltà tal-garanzija tal-Istat

(376) Jeħtieġ li jiġi nnutat li l-garanzija tal-Istat ma tidhirx fil-kuntratt ta' ġestjoni bħala kumpens tal-obbligi ta' servizz pubbliku, u għalhekk il-kompatibbiltà tagħha ma tistax tiġi evalwata fir-rigward tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Billi l-awtoritajiet Belġjani ma indikaw l-ebda bażi oħra li jistgħu jiddependu fuqha biex jistabbilixxu l-kompatibbiltà tagħha u peress li l-Kummissjoni ma sabet l-ebda bażi, il-miżura tikkostitwixxi għajnuna għall-funzjonament li hija inkompatibbli mas-suq intern u trid, minħabba f'hekk, tiġi rkuprata.

Miżuri fiskali

(377) Kif diġà ġie indikat, l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva ma tat l-ebda vantaġġ lil DPLP u għalhekk ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(378) L-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-proprjetà u t-taxxi lokali jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, iżda jridu jiġu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti, peress li ġew implimentati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat. Barra minn hekk jeħtieġ li jiġi nnutat li dawn il-miżuri fiskali ma jidhrux fil-kuntratti ta' ġestjoni bħala kumpens tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(379) Konsegwentement, l-eżenzjonijiet mit-taxxa ma jaffettwawx il-kalkolu tal-kumpens żejjed, li huwa bbażat fuq l-ispejjeż li DPLP iġarrab effettivament (li jinkludu diġà l-effetti ta' dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa).

(380) L-eżenzjonijiet mit-taxxa għalhekk għandhom jiġu indirizzati fil-qafas ta' proċedura separata relatata mal-għajnuna eżistenti, b'konformità mal-Artikoli 17, 18 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

6.3.3.3. *Il-kalkolu tal-ammont tal-kumpens żejjed*

(381) L-ammont tal-kumpens żejjed jista' jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-evalwazzjoni ppreżentata fis-sottotaqsima 6.3.3.2. B'konformità mal-mekkaniżmu ta' finanzjament tas-servizz pubbliku implimentat mill-awtoritajiet Belġjani fil-kuntratti ta' ġestjoni, il-kumpens żejjed għandu jiġi kkalkolat separatament għal kull perjodu tal-mandat.

**L-ewwel kuntratt ta' ġestjoni: 1992-1996**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
| – | Spejjeż netti tas-servizz pubbliku | : | – | […] | |
| – | Spejjeż tan-netwerk li jirriżultaw | : | – | […] | |
| – | Profitt raġonevoli awtorizzat | : | – | […] | *(marġni operattiva ta' 4,8 %)* |
| + | Kumpensi mħallsa mill-Istat | : | + | […] | |
| + | Injezzjoni ta' kapital (1997) | : | + | 62 000 | *(kumpens tal-SGEI differit)* |
| + | It-trasferiment ta' proprjetà immobbli | : | + | 112 209 | |
| = | Kumpens żejjed | | = | […] | |

**It-tieni kuntratt ta' ġestjoni: 1997-2002**

Kalkolu tal-eċċess tal-profitt żejjed li jirriżulta mis-settur riżervat tas-servizz universali (OSU R)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
| + Profitt żejjed mill-OSU R | : | + | […] | *(profitti OSU R li jaqbżu marġni operattiva ta' 4,8 %)* |
| Spejjeż tan-netwerk li jirriżultaw mill-OSU | : | | […] | |
| Spiża netta OSU NR | : | | […] | *(OSU NR f'telf)* |
| Profitt raġonevoli OSU NR | : | | […] | *(marġni operattiva ta' 4,8 %)* |
| = Spejjeż tas-servizz universali li għandhom jiġu ffinanzjati mis-settur riżervat | | = | **[…]** | |
| **Eċċess tal-profitt żejjed iġġenerat mis-settur riżervat u li jnaqqas l-ispejjeż netti tal-SGEI** | | = | **[…]** | |

Il-kalkolu tal-kumpens żejjed:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
| – | Spejjeż netti tas-servizz pubbliku | : | – | […] | |
| – | Profitt raġonevoli awtorizzat | : | – | […] | *(marġni operattiva ta' 4,8 %)* |

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| + Kumpensi mħallsa mill-Istat | : | + | 1 286 461 | |
| + Eċċess tal-profitt żejjed mill-OSU R | : | + | […] | |
| = Kumpens żejjed | | = | […] | |

**It-tielet kuntratt ta' ġestjoni: 2003-2005**

Kalkolu tal-eċċess tal-profitt żejjed li jirriżulta mis-settur riżervat tas-servizz universali (OSU R)

| | | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
|---|---|---|---|---|
| + Profitt żejjed mill-OSU R | : | + | […] | *(profitti mill-OSU R li jaqbżu marġni operattiva ta' 4,8 %)* |
| Spejjeż tan-netwerk li jirriżultaw mill-OSU | : | | […] | |
| Spiża netta OSU NR | : | – | […] | *(OSU NR benefiċjarju)* |
| Profitt raġonevoli mill-OSU | : | | […] | *(marġni operattiva ta' 4,8 %)* |
| = Spejjeż maħluqa mill-OSU li għandhom jiġu ffinanzjati mis-settur riżervat | | = | […] | *(l-ebda telf biex jiġi ffinanzjat)* |
| **Eċċess tal-profitt żejjed iġġenerat mis-settur riżervat u li jnaqqas l-ispejjeż netti tal-SGEI** | | = | […] | |

Il-kalkolu tal-kumpens żejjed:

| | | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
|---|---|---|---|---|
| – Spejjeż netti tas-servizz pubbliku | : | – | […] | |
| – Profitt raġonevoli awtorizzat | : | – | […] | *(marġni operattiva ta' 4,8 %)* |
| + Kumpensi mħallsa mill-Istat | : | + | 677 985 | |
| + Eċċess tal-profitt żejjed mill-OSU R | : | + | […] | |
| = Kumpens żejjed | | = | […] | |

**Ir-raba' kuntratt ta' ġestjoni: 2006-2010**

Kalkolu tal-eċċess tal-profitt żejjed li jirriżulta mis-settur riżervat tas-servizz universali (OSU R)

| | | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
|---|---|---|---|---|
| + Profitt żejjed mill-OSU R | : | + | […] | *(profitti mill-OSU R li jaqbżu marġni operattiva ta' 7,4 %)* |
| Spejjeż tan-netwerk li jirriżultaw mill-OSU | : | | […] | |
| Spiża netta OSU NR | : | | […] | *(OSU NR benefiċjarju)* |
| Profitt raġonevoli OSU | : | | […] | *(marġni operattiva ta' 7,4 %)* |
| = Spejjeż li jirriżultaw mill-OSU li għandhom jiġu ffinanzjati mis-settur riżervat | | = | […] | *(l-ebda telf biex jiġi ffinanzjat)* |
| **Eċċess tal-profitt żejjed iġġenerat mis-settur riżervat u li jnaqqas l-ispejjeż netti tal-SGEI** | | = | […] | |

Il-kalkolu tal-kumpens żejjed:

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *(f'eluf ta' EUR)* | |
| – Spejjeż netti tas-servizz pubbliku | : | – […] | |
| – Profitt raġonevoli awtorizzat | : | – […] | *(marġni operattiva ta' 7,4 %)* |
| + Kumpensi mħallsa mill-Istat | : | + 1 568 787 | |
| + Eċċess tal-profitt żejjed mill-OSU R | : | + […] | |
| = Kumpens żejjed | | = […] | |

Miżuri oħrajn

| | |
|---|---|
| **Garanzija tal-Istat** | *(f'eluf ta' EUR)* |
| Garanzija mogħtija mill-Istat fl-2004: | 1 500 |
| | = **1 500** |

Perjodu ta' żmien ikkunsidrat għall-kalkolu tal-kumpens żejjed

(382) Kif miftiehem mal-awtoritajiet Belġjani [1], il-metodu li huwa "l-aktar oġġettiv u bbilanċjat" biex jiġi stabbilit il-perjodu ta' żmien li għandu jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tal-kumpens żejjed globali f'dan il-każ huwa l-approċċ "kuntratt b'kuntratt". Il-Kummissjoni ma tara l-ebda oġġezzjoni biex taċċetta t-talba tal-awtoritajiet Belġjani. Fil-fatt, dan il-metodu joffri prevedibbiltà u ċertezza legali akbar għall-partijiet u għandu tendenza li jnaqqas ir-riskju ta' kumpens żejjed. Kull perjodu għalhekk se jiġi eżaminat separatament u l-ebda kumpens nieqes jew żejjed mhu xe jiġi ttrasferit minn perjodu għal ieħor.

(383) L-awtoritajiet Belġjani madankollu jisħqu li qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas tal-SGEI tal-2005, il-Kummissjoni kienet tapplika, b'mod kostanti, metodu globali ta' kalkolu tan-nuqqas ta' kumpens jew ta' kumpens żejjed. Fuq din il-bażi, l-awtoritajiet Belġjani talbu speċifikament biex jerġgħu jitqassmu mill-ġdid is-snin ta' qabel l-2005 [2] għall-finijiet ta' kalkolu globali tal-kumpens nieqes jew żejjed.

(384) Il-Kummissjoni tosserva li billi ġie stabbilit kumpens nieqes għat-tliet kuntratti ta' ġestjoni applikabbli qabel l-2005, il-ġbir flimkien tas-snin kollha mhu se jkollu l-ebda konsegwenza fuq l-ammont tal-kumpens żejjed li għandu jiġi rkuprat.

(385) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, sa mill-adozzjoni tal-qafas tal-SGEI tal-2005, il-"parametri ta' kalkolu, ta' kontroll u ta' reviżjoni tal-kumpens" iridu jiġu stabbiliti bil-quddiem fl-att jew l-atti li jagħtu l-mandat [3]. Peress li r-raba' kuntratt ta' ġestjoni ma jipprevedi l-ebda kumpens għal spejjeż, ikunu xi jkunu, mġarrba barra l-perjodu ta' validità (2006-2010), in-nuqqas ta' kumpens innutat għal perjodi li mhumiex koperti minn dan il-kuntrat ma jistax jiġi kkumpensat minn kumpens żejjed possibbli mħallas lil DPLP.

Ir-riżultat tal-kalkolu tal-kumpens żejjed

(386) Il-Kummissjoni tikkonkludi li DPLP rċieva kumpens żejjed li jammonta għal EUR 415 miljun għat-twettiq tal-missjoni tiegħu ta' servizz pubbliku, b'mod partikolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni. Peress li l-kumpens żejjed jikkostitwixxi għajnuna mhux kompatibbli, dan irid jiġi rkuprat.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(387) Ir-responsabbiltà għall-pensjonijiet, it-trasferimenti uffiċjali annwali, it-trasferimenti tal-proprjetà immobbli, l-injezzjoni ta' kapital tal-1997, l-eżenzjonijiet mit-taxxa u l-garanzija tal-Istat jikkostitwixxu miżuri ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, minħabba li dawn ħelsu lil DPLP minn spejjeż li l-intrapriżi privati normalment iridu jħallsu.

(388) L-injezzjonijiet ta' kapital tal-2003 u l-2006 ma jikkostitwixxux għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, peress li l-Istat aġixxa b'mod konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

(389) Il-Kummissjoni tinnota li l-Belġju implimenta l-miżuri illegalment, bi ksur tal-Artikolu 108(2) tat-TFUE, ħlief għall-injezzjoni ta' kapital tal-2003, li ġiet debitament notifikata lill-Kummissjoni qabel ma twettqet, u eżenzjonijiet mit-taxxa, li jikkostitwixxu għajnuna eżistenti.

(390) Ir-responsabbiltà għall-pensjonijiet ma poġġietx lil DPLP f'sitwazzjoni aktar vantaġġuża minn dik tal-kompetituri tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Għalhekk il-miżura tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli fir-rigward tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

[1] Ittra tal-awtoritajiet Belġjani tal-20 ta' Diċembru 2011.
[2] L-awtoritajiet Belġjani jqisu b'mod aktar partikolari li l-adozzjoni ta' approċċ globali għall-perjodi ta' qabel l-2006 ġiet ikkonfermata mid-Deċiżjoni 2011/747/tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat C 88/97 implimentata mir-Repubblika Franċiża favur Crédit mutuel (ĠU L 309, 24.11.2011, p. 23).
[3] Il-Qafas tal-SGEI, il-punt 12(d).

(391) Il-kumpensi annwali mogħtija fil-qafas tar-raba' kuntratt ta' ġestjoni jikkostitwixxu għajnuna inkompatibbli fir-rigward tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE safejn kien hemm kumpens żejjed għal DPLP.

(392) Il-garanzija mogħtija mill-Istat hija għajnuna inkompatibbli.

(393) L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli u l-eżenzjoni mit-taxxi lokali jikkostitwixxu għajnuna eżistenti u se jiġu trattati separatament fil-qafas ta' proċedura relatata mal-għajnuna eżistenti, b'konformità mal-Artikoli 17, 18 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(394) B'konformità mal-punt 5 tal-Qafas tal-SGEI, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li huma fis-seħħ rigward akkwisti pubbliċi u l-kompetizzjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' responsabbiltà għall-pensjonijiet, mogħtija lil De Post-La Poste (DPLP, minn hawn 'il quddiem bpost) u li ġiet implimentata mill-Belġju, hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens tal-ispejjeż ta' servizz pubbliku, mogħtija lil De Post-La Poste (DPLP, minn hawn 'il quddiem bpost) u li ġiet implimentata illegalment mill-Belġju bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 3*

L-injezzjonijiet ta' kapital għal De Post-La Poste (DPLP, minn hawn 'il quddiem bpost) mill-Belġju fl-2003 u l-2006 ma jikkostitwixxux għajnuna skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanzija tal-Istat, mogħtija lil De Post-La Poste (DPLP, minn hawn 'il quddiem bpost) u li ġiet implimentata illegalment mill-Belġju bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 5*

1. Il-Belġju għandu jirkupra l-għajnuna inkompatibbli mogħtija fil-qafas tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 4.

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax mid-data li kienu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sa meta jiġu effettivament irkuprati.

3. L-imgħaxijiet għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 271/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Il-Belġju għandu jikkanċella l-ħlasijiet pendenti kollha tal-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 4, mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 4 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Belġju għandu jiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 7*

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Belġju għandu jissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (kapital u imgħaxijiet) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

2. Il-Belġju għandu jżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna mogħtija tkun irkuprata għal kollox fil-qafas tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 4. Għandu jibgħat minnufih, fuq talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni kollha dwar il-miżuri li diġà jkunu ttieħdu u dawk ippjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Għandu jibgħat ukoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħaxijiet diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2012.

*Mill-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Viċi President*

---

([1]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT